



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

5 ta' Ottubru 2018

Werrej

### I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

#### OPINJONIJIET

##### **Il-Kumitat tar-Reġjuni**

##### **Il-129 sessjoni plenarja tal-KtR, 16.5.2018–17.5.2018**

2018/C 361/01	Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-implikazzjonijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE . . . . .	1
2018/C 361/02	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti . . . . .	5
2018/C 361/03	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) wara l-2020 — Ninvestu fil-komunitajiet kostali tal-Ewropa . . . . .	9
2018/C 361/04	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Insaħħu l-innovazzjoni fir-reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli . . . . .	15
2018/C 361/05	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura . . . . .	19
2018/C 361/06	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Wirt Kulturali bħala riżorsa strateġika għal reġjuni aktar koeżivi u sostenibbli fl-UE . . . . .	31

### III *Atti preparatorji*

#### IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

##### **Il-129 sessjoni plenarja tal-KtR, 16.5.2018–17.5.2018**

2018/C 361/07	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Reviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili . . . . .	37
---------------	---	----

2018/C 361/08	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem . . . . .	46
2018/C 361/09	Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali . .	72

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-129 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 16.5.2018–17.5.2018

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar l-implikazzjonijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq l-awtoritajiet lokali u reġionali tal-UE**

(2018/C 361/01)

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR),

- Wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tan-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea (UE) u l-Gvern tar-Renju Unit tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-progress matul l-ewwel fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 tat-TUE dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, u l-abbozz tal-Ftehim tal-Irtirar tal-Kummissjoni Ewropea tat-28 ta' Frar 2018,
- Wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) tat-23 ta' Marzu 2018 dwar il-fehim ġenerali tal-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit,
- Wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-qafas tar-relazzjoni futura bejn l-UE u r-Renju Unit

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li, bl-approvazzjoni tat-termini tal-perjodu ta' tranżizzjoni, m'għandha teżisti l-ebda diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini tal-UE li waslu fir-Renju Unit u iċ-ċittadini tar-Renju Unit li waslu fl-UE27 sa tmiem il-perjodu ta' transizzjoni. Jilqa' l-fatt li d-drittijiet taħt il-Ftehim tal-Irtirar ta' iċ-ċittadini tar-Renju Unit li se jibqgħu fl-UE, u ta' iċ-ċittadini tal-UE li se jibqgħu fir-Renju Unit, jiġu protetti matul il-ħajja kollha u jitlob li jkun żgurat li kwalunke tibdil fil-ġejjieni li jsir fil-politika fl-Istati Membri tal-UE jew fir-Renju Unit ma jpoġġix dawn id-drittijiet ikunu fil-periklu. Dan jinkludi d-dritt għall-kura tas-saħħa u r-rikonoxximent reċiproku ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar f'termini ta' kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi fil-qafas futur tar-relazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, u jhegġegħ lill-partijiet kollha fin-negozjati biex jiċċaraw l-elementi ewlenin dwar il-bażi għal kooperazzjoni (bħalma huma l-istruttura, il-governanza, l-ambitu u l-mekkaniżmi għal soluzzjoni tat-tilwim, l-infurzar u l-parteċipazzjoni) kemm jista' jkun malajr, biex tingħata orjentazzjoni u ċertezza għall-awtoritajiet lokali u reġionali.

3. Jenfasizza l-importanza ta' allinjament regolatorju bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq u għalhekk mal-UE, l-hekk imsejħa "backstop clause". Ifakkar li trid tinstab soluzzjoni ottimab, sostenibbli u legalment operattiva għall-fruntiera bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Irlanda u jittama li jkun hemm aktar progress għas-Summit tal-Kunsill Ewropew f'Ġunju.

4. Jinnota li l-ħruġ tar-Renju Unit se jkollu konsegwenzi inevitabbli u skont il-ftehim li jintlaħaq bejn l-UE u r-Renju Unit, ir-relazzjoni l-ġdida tista' tagħmel l-iskambju ta' prodotti u servizzi, kif ukoll il-moviment ta' persuni u kapital, aktar diffiċli milli f'unjoni doganali u suq uniku li magħhom ir-Renju Unit bħalissa jappartjeni. Għalhekk jitlob għal prammatiżmu sabiex jiġu evitati konsegwenzi negattivi għal kull naħa filwaqt li tiġi rispettata l-integrità tal-unjoni doganali u tas-suq uniku.

5. Jinnota madankollu li, għalkemm hemm firxa ta' għażliet potenzjali f'termini tar-relazzjoni futura tar-Renju Unit mal-UE, m'hemmx biżżejjed enfasi dwar x'għandha tkun ir-relazzjoni futura fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jenfasizza li ħafna kwistjonijiet importanti jeħtieġu azzjoni lokali u reġjonali u għalhekk hija meħtieġa l-kooperazzjoni kontinwa bl-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

6. Ifakkar li mir-referendum 'l hawn il-KtR ipprova pjattaforma għal djalogu kontinwu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Renju Unit, filwaqt li wettaq konsultazzjonijiet u valutazzjonijiet fil-fond tal-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit fil-livell sottonazzjonali; dawn jindikaw li l-effetti ekonomiċi u soċjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE x'aktarx ser ikunu asimetriċi mhux biss fis-setturi differenti tal-ekonomija, iżda wkoll *madwar ir-reġjuni* u l-pajjiżi, b'xi reġjuni u Stati Membri iktar esposti minħabba n-natura u l-iskala tar-rabtiet kummerċjali tagħhom mar-Renju Unit;

7. Jinnota li l-xogħol analitiku tal-KtR juri li l-maġġoranza tar-reġjuni, sa issa, ma rnexxielhomx jagħmlu valutazzjoni xierqa tal-impatt possibbli tal-ħruġ tar-Renju Unit, b'mod partikolari minħabba l-inċertezza rigward in-negozjati u r-relazzjoni futura. Jinnota li n-nuqqas ta' data dwar l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit inevitabbilment se jillimita l-ambitu biex issir tħejjija effettiva u biex jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.

8. Minħabba l-inċertezzi relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-konsegwenzi konkreti tiegħu, il-livelli kollha ta' governanza kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-UE27 għandhom ikomplu iħejju, *għal kull riżultat possibbli*, kif ġie enfasizzat mill-Kunsill Ewropew. Huwa partikolarment importanti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jħejju għal kull xenarju. Jenfasizza l-importanza li jinżamm livell għoli ta' trasparenza waqt l-istadji kollha tat-teħid tad-deċizzjonijiet, bħala prerekwiżit li jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jindirizzaw l-eżiti kollha possibbli.

9. Jitlob sforz addizzjonali biex il-bidliet fir-relazzjonijiet futuri jiġu kkomunikati lis-soċjetà Jiġbed l-attenzjoni, b'mod partikolari, għall-fatt li s-sensibilizzazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni se jgħinu lin-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, biex iħejju aħjar biex jiffaċċjaw aġġustamenti ekonomiċi u strutturali, u jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jiżviluppaw strateġiji speċifiċi adattati għall-ħtiġijiet tagħhom sabiex jiġi mitigat l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit, fejn ikun meħtieġ u ġustifikat.

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE kif ukoll lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżguraw li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ma jitħallewx jikkumbattu ma' dawn l-isfidi weħidhom u li dawn l-isfidi jiġu mitigati kemm jista' jkun permezz ta' relazzjoni futura pożittiva. F'dan il-kuntest jinnota bi tħassib kbir il-proposti reċenti għall-QFP mill-Kummissjoni Ewropea u jtenni l-konvinzjoni tiegħu li politika ta' koeżjoni b'saħħitha, inklużi programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea rinforzati bħall-Interreg, hija essenzjali għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-UE biex jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi tal-ħruġ tar-Renju Unit; barra minn hekk, jenfasizza li politiki oħrajn tal-UE wkoll bħall-Politika Agrikola Komuni u l-Politika Komuni tas-Sajd għandhom jintużaw biex jitnaqqsu dawn l-impatti negattivi, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tittieħed deċizzjoni dwar il-finanzjament futur tagħhom. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tevalwa qabel id-29 ta' Marzu 2019 il-ħtieġa possibbli għal fond ta' stabbilizzazzjoni għar-reġjuni l-aktar milquta ħażin mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.

11. Jinnota li jista' jkun neċessarju wkoll li jkun hemm flessibilità suffiċjenti fir-regoli dwar l-għajjnuna mill-istat sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jindirizzaw sitwazzjonijiet kritiċi speċifiċi;

12. Ifakkar li filwaqt li r-Renju Unit bħala pajjiż terz ma jkunx jista' jipparteċipa fil-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet tal-UE – l-aħjar mod kif jiġi mitigat l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE huwa permezz ta' ftehim ambizzjuż, bl-istabbiliment ta' sħubija ġenwina bejn l-UE u r-Renju Unit, inkluż iżda mhux limitat għal relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi; jenfasizza li anke jekk tali ftehim jista' jiġi finalizzat u konkluż b'iss meta r-Renju Unit ikun ħareġ mill-UE, l-isforzi għandhom isiru biex tiġi faċilitata l-konklużjoni f'waqtha tiegħu. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu previsti ftehimiet speċifiċi dwar il-politika barranija u ta' difiża, li jżommu rabta bejn ir-Renju Unit u l-UE, flimkien mal-kondiviżjoni tal-intelliġenza.

13. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex tagħti prijorità lill-konnettività ta' persuni u ta' prodotti bejn ir-reġjuni fl-Unjoni Ewropea kif ukoll bejn l-UE u r-Renju Unit. Jenfasizza b'mod partikolari r-rwol kritiku tal-portijiet, l-ajruporti kif ukoll tan-netwerks tat-toroq u tal-ferrovija biex jiżguraw din il-konnettività u jixtieq li jkun hemm iffukar mill-ġdid ta' politika u ta' investment f'dan ir-riward.

14. Ifakkar fil-ħtieġa tar-Renju Unit biex tinżamm il-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi Ewropej kif ukoll ir-rikonossiment tal-leġislazzjoni Ewropea dwar kwistjonijiet sanitarji, fitosanitarji u ambjentali sabiex jiġi evitat li jinħolqu kontrolli ġodda għal esportazzjonijiet li jxekkel il-konsenji lejn dak il-pajjiż.

15. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehim proviżorju dwar perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fir-Raba' Parti tal-abbozz tal-Ftehim tal-Irtirar, li matulu l-liġi tal-Unjoni għandha tapplika għal u fir-Renju Unit, li jipprovdi aktar ċertezza legali u ż-żmien għan-negozjati dwar ir-relazzjoni futura bejn l-UE-27 u r-Renju Unit;

16. Ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea tas-27 għandhom interess li r-Renju Unit ikun permess li jipparteċipa, bħala pajjiż terz, f'ċerti programmi tal-Unjoni, li għalihom jagħti kontribuzzjoni finanzjarja adatta, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kultura, ir-riċerka, l-innovazzjoni, kif ukoll l-aġenziji rilevanti, u f'relazzjoni mill-qrib fir-rigward tas-sigurtà, il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

17. Jilqa' b'sodisfazzjon l-erba' prinċipji sottostanti tal-abbozz tal-Ftehim tal-Irtirar, jiġifieri li jiġi żgurat li d-drittijiet taċ-ċittadini eżistenti jiġu salvagwardjati, li l-impenji finanzjarji tal-UE-28 se jiġu rispettati, li l-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fuq il-gżira tal-Irlanda tinżamm, u li fruntiera fiżika bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Irlanda tiġi evitata.

18. Iqis li huwa essenzjali li ftehim ta' sħubija futur jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-moviment ta' persuni naturali fuq il-baży ta' reċiproċità sħiħa u n-nondiskriminazzjoni fost l-Istati Membri, lil hinn minn kull perijodu ta' transizzjoni. Sabiex tiġi żgurata mobilità fil-ġejjieni, il-ftehim għandu jiggarrantixxi r-rikonossiment reċiproku ta' kwalifiki professjonali, akkademiċi u vokazzjonali.

19. Jenfasizza li huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li l-ebda fruntiera fiżika ma tiġi stabbilita fil-gżira tal-Irlanda u li l-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira ma jkunx fil-perikolu; għaldaqstant jappella lir-Renju Unit u l-UE biex ikomplu jfittxu soluzzjonijiet li jippermettu li jitkompla l-moviment ta' prodotti, persuni u servizzi bejn it-territorji tagħhom, mingħajr ma jiġu affettwati b'mod negattiv id-drittijiet u l-obbligi tal-Irlanda taħt il-liġi tal-UE, inkluż ir-rispett tal-moviment liberu ta' ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom, irrISPETTIVAMENT min-nazzjonalità tagħhom. Jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu l-programmi EU PEACE u Interreg mar-Renju Unit, bħala sħab.

20. Ifakkar it-tamiet espressi preċedentement li r-reġjun ta' Andalucia u speċifikament l-eluf ta' ħaddiema tas-seba' muniċipalitajiet fid-distrett ta' Campo de Gibraltar, li jaqsmu l-fruntiera lejn Ġibiltà ta' kuljum biex jaħdmu, u ċittadini miż-żewġ naħat, ma joħorġux telliefa bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, minħabba l-livell għoli ta' interdipendenza ekonomika u soċjali f'din iż-żona.

21. Ifakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea għandhom żvantaġġi strutturali identifikati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Id-dipendenza kbira fuq l-ekonomija tar-Renju Unit ta' xi wħud minn dawn ir-reġjuni toħloq il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' protezzjoni tal-UE sabiex jiġi kkumpensat l-impatt negattiv possibbli fuq l-ekonomiji fraġli tagħhom..

22. Jitlob lill-Partijiet biex jipprevedu b'mod espliċitu li l-entitajiet konġunti msemmija fl-abbozz tal-Ftehim tal-Irtirar jindirizzaw id-dimensjoni territorjali u jenfasizza li se jinvestiga struttura adatta, bħal Kumitat Konġunt li jkun simili għal korpi oħrajn li l-KtR għandu ma' stati li mhumiex membri tal-UE, għall-kooperazzjoni tiegħu stess mal-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Renju Unit waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni u lil hinn minnu.

23. Lil hinn mill-2020, għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti adatti sabiex jiġi żgurat aċċess faċli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-Renju Unit biex jikkooperaw mal-kontropartijiet tal-UE permezz tal-parteċipazzjoni fi programmi ta' kooperazzjoni tal-UE b'mod simili bħal ma jagħmlu attwalment pajjiżi bħan-Norveġja jew l-Iżlanda, kif ukoll permezz ta' strateġiji makroreġjonali u fi ħdan oqfsa tar-REKT.

24. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li anke jekk il-KtR m'għandux rwol formali fin-negozjati, uħud mill-membri tiegħu u l-awtoritajiet li huma jirrappreżentaw ser ikollhom il-possibilità li jadottaw pożizzjonijiet formali skont ir-rwol rispettivi tagħhom fl-oqfsa legali nazzjonali differenti tagħhom; bħala konsegwenza, jitlob li n-negozjati futuri dwar il-ftehim futur ta' sħubija jsiru b'mod trasparenti u inklużiv sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jressqu fehmiethom u jirreaġixxu b'mod adatt u f'waqtu u jantiċipaw kwalunkwe riperkussjonijiet, partikolarment ekonomiċi, u għalhekk jissalvagwardjaw it-territorji tagħhom. Itenni l-fehma tiegħu li l-KtR qiegħed fl-aħjar pożizzjoni biex ifassal u jimplementa mekkaniżmi istituzzjonali biex jiġu promossi konsultazzjoni u interazzjoni regolari wara l-ħruġ mal-gvern lokali u mal-parlamenti u l-assemblej devoluti fir-Renju Unit u jaqbel li jibdedw isiru preparazzjonijiet interni sabiex tiġi evitata lakuna fir-relazzjonijiet minħabba l-ħruġ.

25. Jenfasizza li l-proċess tan-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u r-relazzjonijiet futuri mar-Renju Unit juri l-ispejjeż u r-riskji tan-“non-Ewropa” u l-valur miżjud tal-Unjoni Ewropea bħala komunità b’futur u valuri bbażati fuq is-solidarjetà reali u l-kisbiet konkreti għall-benessri taċ-ċittadini tagħha u dan jibda mil-libertà tal-moviment. Iqis, barra minn hekk, li l-kuntest tan-negozjati joffri l-opportunità sabiex titnieda mill-ġdid l-integrazzjoni Ewropea bħala proċess miftuħ, li għandu l-għan li tinbena Unjoni Ewropea aktar ġusta u aktar inklużiva, ibbażata fuq valuri komuni u l-promozzjoni ta’ governanza f’diversi livelli bejn l-Unjoni Ewropea u l-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

26. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-risoluzzjoni lin-negozjatur ewlieni tal-Kummissjoni Ewropea, lill-koordinaturi tal-Brexit għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew; lill-Gvern tar-Renju Unit, lill-assemblej u l-gvernijiet tal-amministrazzjonijiet u l-gvernijiet devoluti tar-Renju Unit, u lill-Presidenza Bulgara tal-Kunsill tal-UE.

Brussell, is-17 ta’ Meju 2018.

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti**

(2018/C 361/02)

**Relatur:** is-Sur MARTIKAINEN (FI/ALDE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Lapinlahti

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

**I. INTRODUZZJONI****Sfond għall-Istrateġija tal-UE għall-Foresti**

1. Fl-Unjoni Ewropea, il-kompetenza għall-politika dwar il-foresti hija fidejn l-Istati Membri.
2. Madankollu, f'diversi oqsma li jaffettwaw il-foresti u l-użu tagħhom, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva jew kompetenza kondiviża mal-Istati Membri. Dawn l-oqsma jinkludu, b'mod partikolari, il-politika kummerċjali u l-politika agrikola komuni, il-politika dwar l-iżvilupp, il-politika dwar il-klima, l-ambjent, l-enerġija, il-bijoeconomija u l-ekonomija ċirkolari.
3. Dan wassal għall-ħtieġa li tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-UE tal-politiki tal-UE li għandhom impatt fuq kwistjonijiet relatati mal-forestrija u għall-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-impenji globali tal-UE dwar l-użu sostenibbli tal-foresti. L-Istrateġija għall-Foresti għandha tikkunsidra l-għanijiet komuni tal-Istati Membri u d-differenzi bejniethom. Meta l-UE tinnegozja dwar kwistjonijiet li jaffettwaw il-foresti (ara l-punt 2 hawn fuq), fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, pereżempju, għandu tikkunsidra l-fehmiet tal-Istati Membri dwar il-foresti u dawk tar-reġjuni tagħhom. L-Istrateġija għall-Foresti hija għodda effettiva għall-armonizzazzjoni tad-diversi oqsma ta' politika u sabiex jiġu rrikonċiljati l-perspettivi differenti tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom. Ir-rwol tagħha huwa wkoll li tenfasizza għanijiet u miżuri ġodda li għandhom jiġu eżaminati fil-livell tal-UE.
4. Fl-UE, huma rikonoxxuti x-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li ġew approvati flivell pan-Ewropew u żviluppati bħala parti mill-proċess ta' Forest Europe. Dawn il-prinċipji, li jiżguraw ġestjoni sostenibbli tal-foresti u li għandhom jinkludu wkoll il-prinċipju tal-"użu kaskata", huma applikati fl-abbozzar tal-liġijiet tal-foresti u l-konservazzjoni tan-natura flivell nazzjonali, u meta jkunu qed jitħejjew ċertifikati bbażati fis-suq.
5. Il-foresti jkopru 43 % tat-territorju tal-Istati Membri tal-UE. Din il-kopertura hija magħmula minn superfiċje ta' foresti estremament diversa, kemm mil-lat tat-tip ta' foresta (inkluża superfiċje ta' foresti mhux imsaġġra) kif ukoll tal-possibbiltajiet għall-użu tagħhom. Aktar minn 60 % ta' dawn il-foresti huma fidejn privati, filwaqt li l-bqija huma taħt forum diversi ta' sjieda pubblika. L-awtoritajiet lokali wkoll għandhom rwol importanti bħala s-sidien tal-foresti. Is-sjieda mill-awtoritajiet lokali hija t-tielet l-aktar forma komuni ta' sjieda tal-foresti fl-Ewropa.
6. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkunu sidien tal-foresti. Jistgħu wkoll jiġġestixxu l-foresti u jimplementaw leġislazzjoni relatata magħhom. Dan ifisser li għandhom esperjenza u għarfien sostanzjali f'dan il-qasam. Għall-awtoritajiet lokali u għall-awtoritajiet reġjonali differenti, il-foresti huma element importanti ta' żvilupp ekonomikament, ambjentalment u soċjalment sostenibbli, li għal aktar minn seklu dan ġie rifless fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' pjani ta' ġestjoni bbażati fuq il-prinċipji ta' persistenza, stabbiltà u rendiment sostenibbli tal-ħafna prodotti tagħhom, kif ukoll fuq l-applikazzjoni ta' leġislazzjoni solida tal-foresti li tiddefendi u tipproteġi l-foresti. Għalhekk għandhom jiġu kkonsultati meta tiġi aġġornata l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali mhumiex biss partijiet interessati importanti fi kwistjonijiet relatati mal-forestrija, iżda wkoll partijiet interessati ġenwini bl-istess mod bħas-sidien tal-foresti.

## II. POLITIKA TAL-FORESTI SOSTENIBBLI MILL-PERSPETTIVA TAL-AWTORITAJIET LOKALI U REĠJONALI

### 7. Politika tal-foresti ekonomikament sostenibbli:

7.1. Is-settur tal-forestrija jipproduċi 7 % tat-tkabbir ekonomiku tal-Ewropa u jipprovdi impjiegi għal 3,5 miljun ruħ – sa 4 miljuni jekk jiġi inkluż ukoll is-settur tal-bijoenerġija tal-foresti. Fl-2011, il-valur tal-produzzjoni tal-industrija tal-foresti tal-UE kien ta' EUR 460 biljun. L-attivitajiet u l-impjiegi tal-forestrija huma kruċjali għar-reġjuni rurali u b'popolazzjoni baxxa, iżda jagħtu wkoll spinta lit-tkabbir ekonomiku fil-bliet u jrawmu l-kooperazzjoni bejn iż-żoni rurali u dawk urbani. L-Istrateġija għall-Foresti għandha tenfasizza t-tkabbir ekonomiku, l-impjieg u l-investimenti Ewropej u tidentifika l-opportunitajiet ġodda li dawn joffru, billi tingħata attenzjoni partikolari lill-appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku tal-atturi tas-settur tal-forestrija fir-reġjuni ultraperiferiċi.

7.2. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom rwol sinifikanti fil-promozzjoni tal-użu min-naħa tan-negozji ta' riżorsi lokali tal-injam u t-tranżizzjoni għal bjoekonomija. Pereżempju, l-ewwel nett, l-għażla tal-materjal tal-kostruzzjoni u l-produzzjoni tal-enerġija għall-ħtiġijiet tal-komunitajiet u għat-tisħin tal-binjiet ta' proprjetà pubblika u, it-tieni, użu akbar tal-bijokarburanti avvanzati fit-trasport pubbliku huma għodod utli li jistgħu jikkontribwixxu għal ekonomija iktar b'saħħitha u għall-impjieg fir-reġjuni. L-iżvilupp u l-użu ta' bijokarburanti avvanzati mill-foresti, fost affarijiet oħra, jagħmlu parti importanti mill-politika tal-UE dwar il-klima taħt id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Dan jitlob sforzi sostanzjali kemm b'raba mal-iżvilupp tat-teknoloġija, l-impjanti pilota u l-produzzjoni fuq skala kbira kif ukoll qafas regolatorju fit-tul li jgħod li kundizzjonijiet stabbli għall-investimenti sostanzjali meħtieġa.

7.3. 90 % tal-materja prima tal-injam użata fl-Ewropa hija ta' oriġini Ewropea. Mil-lat tal-impjieg u l-ekonomija fil-livell lokali u reġjonali, għandhom isiru sforzi biex jiġi segwit livell saħansitra ogħla ta' konsum domestiku, filwaqt li titqies is-sostenibbiltà tar-riżorsi tal-foresti u l-użu tal-injam. Dan jeħtieġ l-iżvilupp ta' ċerti speċijiet li jinsabu fil-foresti tagħna li bħalissa mhumiex mitluba mis-suq, waqt li jiġu studjati użi u teknoloġiji ġodda.

7.4. Ir-reviżjoni tal-Istrateġija għall-Foresti għandha tiġi allinjata mal-aġġornament tal-istrateġija dwar il-bjoekonomija. Għandha tiġi żgurata konsistenza bejn id-diversi politiki tal-UE fl-iżvilupp tal-bjoekonomija tal-foresti u t-trawwim tal-innovazzjoni.

7.5. Fil-qafas tar-riforma tal-politika agrikola komuni, huwa importanti li jiġu inklużi għodod li jappoġġjaw is-settur tal-foresti fiż-żoni rurali, bħal dawk għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni, għar-riforestazzjoni u għall-konverżjoni tal-foresti, l-ippjanar u l-ġestjoni tal-foresti, l-appoġġ għall-forestazzjoni ta' żoni agrikoli marġinali u għall-introduzzjoni u t-tiġdid ta' sistemi ta' agroforestrija, il-konservazzjoni tal-foresti bħala parti integrali ta' sistemi ta' produzzjoni estensiva tal-bhejjem kif ukoll il-promozzjoni tal-intraprenditorija u t-taħriġ f'dan is-settur.

7.6. Is-sostenibbiltà ekonomika tiddependi wkoll fuq użu effiċjenti u trasparenti tal-prodotti tal-foresta, qasam li fih it-teknoloġija applikata tista' taqdi rwol importanti ħafna.

7.7. Huwa wkoll neċessarju li jiġu żviluppati u implimentati sistemi dinamiċi u integrati tal-informazzjoni u l-immappjar tal-foresti, li jiffurmaw il-bażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet kemm għas-sidien kif ukoll għall-manijers.

### 8. Politika tal-foresti ambjentalment sostenibbli:

8.1. Il-foresti Ewropej jipproteġu l-bijodiversità, iżommu s-servizzi tal-ekosistema u jaħżnu l-emissjonijiet tal-karbonju mill-atmosfera. Illum, madwar 10 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE jinħażnu fil-foresti. Billi jsegwu approċċ fit-tul, b'suċċess, abbażi tal-ispeċifità reġjonali, sa 90 % tal-foresti tal-Ewropa jistgħu jkunu naturali jew seminaturali, u jospitaw firxa wiesgħa ta' speċijiet. L-investiment fekonomija sostenibbli tal-foresti ser tkompli tiżgura aktar foresti sostenibbli u sani.

8.2. L-użu tal-foresti jkun sostenibbli jekk l-injam jikber b'rata iktar mgħaġġla milli jinħasad u jekk jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tal-bijodiversità. Għandu jiġi osservat li l-erja koperta mill-foresti Ewropej u r-rata tat-tkabbir tagħhom żdiedu sa mis-snin 1990. Flimkien mad-diversità, wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' politika tal-foresti ambjentalment sostenibbli huwa li titwaqqaf id-deforestazzjoni fil-livell globali u fiż-żoni tal-Ewropa li jgħoddu l-isfidi. Id-diversità tal-ekosistemi tal-foresti, u t-tifsira differenti li dawn għandhom għaż-żoni tal-madwar f'diversi reġjuni tal-Ewropa, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-sostenibbiltà tal-użu tal-foresti.



8.3. Huwa importanti għal ħafna speċijiet ta' pjanti u annimali, u għall-użu rikreazzjonali tal-foresti li, b'rabta mal-ġestjoni tal-foresti, jitqiesu d-diversità u n-natura multidimensjonali tal-ekosistemi tal-foresti.

8.4. Ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija għall-Foresti għandha tikkunsidra iktar l-importanza multidimensjonali tal-foresti fil-politika dwar il-klima, fl-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-kisba tal-oġġettivi ta' Aichi dwar il-bijodiversità u fl-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU sabiex il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti tiġi trattata b'mod ugwali ma' miżuri oħrajn immirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaġixxu b'mod aktar effettiv biex jintlaħqu l-għanijiet komuni, inkluż fis-settur tal-foresti, jekk ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu jkollha proposti għal azzjoni kif ukoll eżempji konkreti, speċifiċi u diġà ppruvati.

8.5. Għaddej dibattitu mqanqal fl-Ewropa dwar l-istatus ambjentali u l-iżvilupp tal-foresti u xi kultant dan jirriżulta f'tilwim fil-livell lokali u reġjonali. Huwa importanti li r-riċerka dwar il-foresti Ewropej, il-ġestjoni u l-iżvilupp tagħhom tirċievi r-riżorsi meħtieġa u li data affidabbli dwar il-foresti tkun disponibbli għall-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili minn sorsi pubbliċi, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat id-djalogu.

8.6. Ġew żviluppanti bosta inizjattivi biex jappoġġjaw id-diversità tal-foresti fl-UE, bħal pereżempju n-netwerk Natura 2000, id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats, l-appoġġ għal infrastruttura ekoloġika u l-istrateġija dwar il-bijodiversità tal-2020. L-awtoritajiet lokali u reġjonali qed jgħinu biex jiġu implimentati u għandhom jingħataw iktar ambitu biex jikkontribwixxu għall-kontenut tal-miżuri.

8.7. F'ħafna Stati Membri u r-reġjuni tal-UE in-nirien tal-foresti jirrappreżentaw it-theddida ewlenija għall-konservazzjoni tal-ekosistemi tal-foresti <sup>(1)</sup>. Azzjoni tal-komunità lokali hija l-mod l-iktar veloċi u effettiv biex tkun limitata l-ħsara kkawżata minn nirien tal-foresti; L-azzjoni tal-UE għandha tiffoka fuq l-għoti ta' għajjnuna ta' taħriġ tekniku sabiex il-kapaċità tal-komunitajiet għall-awtoassistenza tkun tista' tissaħħa, inkluża t-tħejjija aħjar ta' servizzi ta' tifi tan-nar u ħaddiema oħrajn tal-protezzjoni ċivili biex jipprovdu rispons inizjali u jrażżnu diżastru <sup>(2)</sup>;

8.8. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li, bis-saħħa ta' ċerti reġjuni ultraperiferiċi, l-UE għandha foresti Amażoniċi u subtropikali. Dawn il-foresti primarji jikkostitwixxu laboratorju uniku għar-riċerka xjentifika u l-innovazzjoni (pereżempju r-riċerka farmaċewtika u l-iżvilupp tal-estratti tal-pjanti). Il-bijodiversità tar-reġjuni ultraperiferiċi tirrappreżenta kważi 80 % tal-bijodiversità Ewropea u hija essenzjali għall-bilanċ ekoloġiku tal-pjaneta. L-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-gwardjani ta' dan it-teżor inestimabbli u għandhom jingħataw appoġġ adatt għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tiegħu.

## 9. Politika tal-foresti soċjalment sostenibbli:

9.1. Il-foresti jipprovdu bosta servizzi tal-ekosistema u prodotti naturali minbarra l-injam. Il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ser tiżgura li dan jibqa' l-każ għaċ-ċittadini fil-futur ukoll. Il-prodotti naturali u l-opportunitajiet ta' rikreazzjoni offruti mill-foresti għandhom ħafna benefiċċi għas-saħħa.

9.2. Il-foresti joffru wkoll benefiċċi soċjali estensivi, inkluż mil-lat tal-kwalità tal-ħajja u l-benesseri, peress li huma ta' importanza kbira għall-ħajja bbilanċjata taċ-ċittadini. Għaldaqstant, nipproponu li jiġi promoss il-ħolqien ta' spazji ġodda ta' foresti permezz ta' inizjattivi pubbliċi jew privati u bl-appoġġ tal-UE.

9.3. L-użu ta' foresti soċjalment sostenibbli jitlob ġesjoni fit-tul tat-territorju. Fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-użu u l-protezzjoni tal-foresti, għandhom jiġu kkonsultati s-sidien tal-foresti, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u dawk li jgħixu fir-reġjuni.

9.4. L-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għandha ssawwar il-politiki tal-UE fil-qasam tal-kummerċ u l-iżvilupp fil-livell dinji: l-użu ambjentalment sostenibbli tal-foresti fil-fażi tal-iżvilupp, il-bijodiversità u s-sostenibbiltà soċjali tal-politika tal-foresti (sjieda tal-art, id-drittijiet għall-użu tal-foresti, id-drittijiet tar-residenti lokali) għandhom ikunu fil-quċċata tal-aġenda globali tal-UE.

9.5. Id-data ta' riċerka dwar l-iżvilupp u l-użu tal-foresti trid tkun faċilment disponibbli għaċ-ċittadini u l-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li jiġi appoġġjat it-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan huwa argument favur li r-riċerka tal-Kummissjoni tal-2018 dwar il-foresti Ewropej issir magħrufa fil-wisgħa u li tkun preżentata b'mod estensiv lill-partijiet interessati settorjali u l-pubbliku usa'.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar Il-politika dwar il-foresti: il-miri tal-20/20/20 (ĠU C 141, 29.5.2010, p. 45).

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar Reviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

9.6. Dan t'hawn fuq ser ikun possibbli biss jekk tinżamm kultura tal-foresti li għandha tissaħħaħ u tiġi arrikkita, internament billi jiġu skambjati l-esperjenzi u l-prattiki miż-żona Ewropea kollha tal-foresti, u esternament bili tiġi appoġġjata u sostnuta l-popolazzjoni urbana. tagħhom. Għal dan jeħtieġ li jsir sforz biex ikun hemm għarfien tal-benefiċċji tal-foresti u tal-ġestjoni.

9.7. L-istrategġiji kollha dwar il-foresti fil-livell reġjonali, nazzjonali u b'mod partikolari f'dak Ewropew, għandu jkollhom bħala l-punt prijoritarju ta' tluq iż-żamma tal-popolazzjoni li tippermetti l-ġestjoni u l-użu tar-riżorsi tal-injam.

Brussell, is-16 ta' Mejju 2018.

*Il-President  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) wara l-2020 — Ninvestu fil-komunitajiet kostali tal-Ewropa**

(2018/C 361/03)

**Relatur:** Alberto NÚÑEZ FEIJÓO (ES/PPE), President tal-Gvern awtonomu ta' Galicia

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' b'sodisfazzjon dan id-dibattitu dwar fond prinċipali sabiex il-kosta Ewropea tissaħħaħ mil-lat soċjali, ambjentali u ekonomiku u sabiex jiġu żviluppati s-settur tas-sajd u marittimu u l-ekonomija blu fiż-żoni kostali u tal-baħar, b'mod partikolari fiż-żoni rurali;
2. jilqa' t-tneđija ta' dan id-dibattitu dwar il-futur tal-FEMS f'mument kruċjali għall-Ewropa marittima, li qiegħda tħabbat wiċċha ma' sfidi kbar bħalma huma d-definizzjoni mill-ġdid tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u l-Brexit. Barra minn hekk, huwa jilqa' l-fatt li hija opportunità biex jiġu rimedjati d-dgħufijiet identifikati fit-tħaddim tal-Fond attwali, anke jekk dan irid isir fi stadju daqshekk bikri, u prattikament wara t-tneđija tiegħu;
3. jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-attività marittima u tas-sajd Ewropea, li tuża' aktar minn 85 000 bastiment, timpjega aktar minn 340 000 persuna tul il-katina kollha u tipproduċi aktar minn 6 000 000 tunnellata ħut u frott tal-baħar mill-attivitàjiet estrattivi u l-kultivazzjoni. Jenfasizza l-impatt soċjoekonomiku li dan is-settur għandu f'haġna reġjuni kostali, li jiddependu haġna minnu u li għandhom rabta kulturali u etnografika mill-qrib miegħu;
4. jissottolinja l-influenza tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Politika Marittima Integrata (PMI) biex jifassal il-futur ta' din l-attività fl-Ewropa, peress li jorjentaw l-għanijiet lejn is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika tal-attività;
5. jirrikonoxxi r-rwol importanti li qdew il-programmi finanzjarji preċedenti, biex is-settur, li għamel sforz kbir biex jadatta li jistħoqqlu rikonoxximent, jerġa' jifassal b'mod mhux trawmatiku kif ukoll biex jinkiseb settur tal-ipproċessar avvanzat u kompetittiv fil-livell globali;
6. jiġbed l-attenzjoni għall-problemi li jinqalgħu meta tiġi implimentata l-PKS, bħalma huma t-tnaqqis tal-iskart jew il-ksib ta' rendiment massimu sostenibbli, apparti dawk li jirriżultaw mill-proċess tal-Brexit u dawk li jiġu mill-isfidi ġodda ġġenerati kuljum mis-suq u l-produzzjoni globali tal-proteini li joriġinaw mill-baħar. Hemm il-ħtieġa li s-swieq tagħna jiġu pprovduti bi prodotti alimentari tajbin għas-saħħa u sikuri, u li jingħeleb it-tqegħid fis-suq ta' produzzjoni barranija bi ftit li xejn kontrolli;
7. ifakkar il-kontribut soċjali tas-sajd fl-Unjoni Ewropea kollha, notevolment f'żewġ oqsma: l-ikel u l-klima. Is-sajd jikkontribwixxi għall-awtonomija alimentari tal-Unjoni Ewropea billi jiggarantixxi liċ-ċittadin, jiġifieri l-konsumatur, prodott ta' kwalità sanitarja u konformi mar-regoli ta' ġestjoni tajba tas-sajd jew tal-akwakultura. Il-Kumitat ifakkar iċ-ċentralità tad-dimensjoni alimentari fi ħdan il-kompetenza tal-Unjoni kif stipulat fit-TFUE, u d-dipendenza tas-suq Komunitarju fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-baħar. Il-Kumitat jenfasizza li l-ikel huwa t-tieni Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, jilqa' l-inizjattiva tar-rapport "Food from the oceans" u jistieden biex ikunu ta' ispirazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Permezz ta' investimenti abbord u fil-portijiet, is-settur tas-sajd jgħin biex jonqsu l-emissjonijiet GHG u għall-kontroll tal-użu tal-enerġija fossili.

**Settur b'potenzjal u dinamiżmu li jixraqlu appoġġ minħabba l-bidla kostanti**

8. iqis li huwa importanti li jiġi żgurati il-baġit meħtieġ biex jiġu indirizzati l-bidliet li jirriżultaw mill-PKS u l-isfidi li jaffettwaw dan is-settur marittimu u tas-sajd;

9. jistieden lill-Kummissjoni biex fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid tippreżenta proposta tal-FEMS komprensiva biżżejjed biex jintlaħqu l-miri u l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, sabiex ikun hemm investimenti fil-komunitajiet kostali fi tranżizzjoni u titqies id-dimensjoni esterna tas-sajd;

10. jitlob biex l-għanijiet tal-FEMS jiffokaw fuq l-attività marittima u tas-sajd, l-akwakultura sostenibbli fil-baħar u fl-ilma ħelu, u fuq l-importanza tagħha u mhux, kif ġie ddikjarat bosta drabi, fuq li tingħata prijorità lis-sostituzzjoni tagħha b'attivitajiet oħra, peress li l-attivitajiet kollha tal-baħar huma kompatibbli. Hu tal-fehma li l-attività tas-sajd tista' żżomm il-karattru tradizzjonali tagħha u terġa' titnieda b'perspettiva lejn il-futur, u huwa għalhekk li huwa importanti li tiżdied l-attrazzjoni tal-professjoni tas-sajd. B'mod partikolari, jitlob li l-FEMS ikun iddedikati għas-settur tas-sajd u dak tal-akwakultura sostenibbli fil-baħar u fl-ilma ħelu li jkollu l-mira li jilħaq l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari l-appoġġ tas-sajd kostali artiġjanali, filwaqt li jipprovi inċentivi lill-ġenerazzjonijiet żgħażaġh, sabiex il-professjoni tas-sajd tkun aktar attraenti u jissaħħu l-komunitajiet kostali tal-Unjoni. Huwa għalhekk jixtieq li l-FEMS jiġi żviluppat b'tali mod li jappoġġja forum ġodda ta' attività u jiżviluppa l-industrija u jitlob li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jappoġġjaw dawn l-isforzi;

11. itenni l-appoġġ tal-partijiet interessati għat-talba li jinħoloq strument finanzjarju fil-livell Ewropew fil-qasam marittimu u ambjentali sabiex jiġu appoġġjati n-negozji l-ġodda u dawk li diġà jeżistu, permezz ta' self u garanziji bankarji; jinsab sodisfatt dwar l-inklużjoni tas-sajd fil-prijoritajiet ta' intervent tat-tieni ġenerazzjoni tal-Pjan Juncker u jixtieq li din il-loġika titkompla lil hinn mill-2020;

12. jitlob biex il-FEMS wara l-2020 jinkorpora u jsahha id-dimensjoni territorjali tal-politiki u jappoġġja lill-komunitajiet kostali tal-Ewropa fit-tranżizzjoni possibbli tagħhom biex jiġu diversifikati l-industriji marittimi tradizzjonali billi jappoġġja investimenti fl-attivitajiet komplementari bħar-restoranti tal-ħut li jservu l-prodotti lokali, u servizzi ambjentali, kulturali u edukattivi fis-settur tas-sajd;

13. jenfasizza l-ħtieġa li jinżammu u jissaħħu l-mezzi disponibbli għall-iżvilupp lokali, peress li l-istrategji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità wrew li huma ta' suċċess għall-komunitajiet iż-żgħar billi jingħata appoġġ finanzjarju għall-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet u d-diversifikazzjoni ekonomika lil hinn mis-settur tas-sajd;

### **Il-FEMS attwali, appoġġ sinifikanti b'għanijiet diverġenti u dewmien fl-implimentazzjoni**

14. jirrikonoxxi l-importanza tal-FEMS attwali u jilqa' l-istrutturar u l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu f'żewġ oqsma ewlenin, marbutin mal-PKS u l-PMI, mingħajr interferenza reċiproka;

15. jitlob li jiġu adottati miżuri u arranġamenti ta' ġestjoni speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi, bħala parti minn programmi ġodda tal-UE biex jappoġġjaw l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd u setturi oħra tal-ekonomija blu f'dawn ir-reġjuni, fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-miżuri għandhom jiġu integrati fi strument speċifiku li jinkludi skema li tikkumpensa l-ispejjeż addizzjonali marbutin mal-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi, ħaġa li attwalment hija rregolata permezz tal-FEMS;

16. jiddispaċih minħabba d-dħul tard fis-seħħ tal-Fond u d-dewmien konsiderevoli konsegwenti fl-għoti tal-fondi u l-implimentazzjoni tagħhom. Jemmen li dan id-dewmien ġej mill-approvazzjoni mdewma tal-Fond, mill-proċess bil-mod biex jiġu vvalidati l-programmi operattivi u mid-definizzjoni konfuża u mhux ċara tal-aspetti li jistgħu jiġu ffinanzjati;

17. iħeġġeġ biex jittejjeb il-proċess ta' eżekuzzjoni u implimentazzjoni tal-ammonti ekonomiċi ġġenerati mill-FEMS sabiex jiġi rkuprat id-dewmien. Iħeġġeġ li jiġu intensifikati l-isforzi biex tingħata l-għajnuna finanzjarja bil-għan li tittejjeb u tiżdied ir-rata baxxa ta' eżekuzzjoni globali tal-Fond, li f'Novembru 2017 kienet ta' 2,7 %;

18. jesprimi l-ħtieġa li tiġi assicurata, fil-futur, koerenza mtejbja tal-programmazzjonijiet u l-istrutturi li jwasslu għal diverġenzi fiż-żmien bejn l-għanijiet u l-fondi marbutin mal-PKS. F'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa li tkun stabbilita strateġija ċara dwar kif ser ikun implimentat il-fond qabel ma jiġu indirizzati l-isfidi bħall-miri tar-rendiment massimu sostenibbli jew it-tnaqqis tal-qbid skartat;

19. jilqa' b'sodisfazzjon li hemm sforz ekonomiku sostanzjali orjentat lejn l-istrateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u jenfasizza li huwa tajjeb li jkun hemm fondi għall-miżuri tas-sostenibbiltà ambjentali u għat-titjib fil-kompetittività tas-settur marittima u tas-sajd tagħna;

### **L-importanza li jkun hemm fond speċifiku u orizzontali ġdid**

20. jinnota li fil-proċess baġitarju l-Ewropa m'għandhiex tittraskura l-politiki z-“żgħar”, bħall-PKS. Jenfasizza li l-FEMS huwa importanti għall-komunitajiet kostali, peress li jgħinhom jiddiversifikaw l-ekonomiji tagħhom, jgħin lis-sajjeda fit-tranżizzjoni għal sajd sostenibbli u jiffinanzja proġetti li jgħolqu impjegi ġodda u jtejbju l-kwalità tal-ħajja tul il-kosti Ewropej;

21. jaqbel mal-appell mifrux li l-FEMS il-ġdid jilħaq livell minimu ta' 1 % tal-QFP ta' wara l-2020 <sup>(1)</sup>, fejn maż- 0,53 % attwalment allokati lis-sajd u l-akwakultura jiżdied 0,47 % għall-PMI. Jaqbel mal-fehma li d-deċizzjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE m'għandhiex tintuża bħala skuża biex jonqos il-finanzjament futur tal-FEMS, minħabba l-isfidi importanti ta' dan il-proċess mil-lat ambjentali u mil-lat ta' attivitajiet estrattivi u kummerċjali;

22. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu definiti għanijiet ġodda li jikkontribwixxu għall-vijabbiltà u t-tisħiħ tal-attivitajiet marittimi u tas-sajd. Jeħtieġ li jiġu enfasizzati l-promozzjoni u l-ksib ta' tiġdid ġenerazzjonali adegwat, li jitlob li tingħata prijorità lill-appoġġ baġitarju lit-taħriġ u lill-aċċess għall-attività permezz ta' xiri u tibdil ta' bastimenti, xi ħaġa li ma tiġġenerax żieda fl-isforz tas-sajd;

23. jitlob li t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' sikurezza u l-kundizzjonijiet ta' għajien tal-baħħara jkunu prijorità affermata tal-FEMS futur, permezz tal-kontribut tiegħu għall-kisba tal-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

24. itenni t-talba ġeneralizzata biex jiġi appoġġjat u stimolat it-tiġdid tal-flotta tas-sajd sabiex jiġi evitat id-dannu kkawżat mill-fatt li tiqdiem, peress li l-età medja tal-bastimenti tas-sajd tal-UE hija ta' 22,6 sena. Dan it-tiġdid għandu jiġi promoss mingħajr ma jiżdied l-isforz tas-sajd, u billi l-attenzjoni tiġi ffokata fuq it-titjib tas-sigurtà (bħall-ħarsien kontra n-nar), u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' għajien abbord il-bastimenti;

25. il-FEMS għandu jakkumpanja s-setturi tas-sajd u l-akwakultura biex jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi Ewropej, permezz tal-ġeneralizzazzjoni ta' investimenti innovattivi (motorizzazzjoni, aerodinamika, eċċ.). Il-Kumitat iwissi dwar il-kundizzjonijiet restrittivi stabbiliti fir-Regolament tal-FEMS attwali, li jnaqqsu drastikament l-impatt tiegħu fil-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-FEMS wara l-2020 għandu jkollu rwol essenzjali fit-tnaqqis tal-bilanċ tal-enerġija tas-settur.

26. jesprimi l-ħtieġa li jinżamm u jiżdied, b'mill-inqas 10 %, l-isforz finanzjarju ddedikat għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data, kif ukoll għar-riċerka applikata u għall-involviment tas-settur, waqt li jiġi promoss il-kuntatt bejn is-sajjeda u x-xjenzjati;

27. jorbot dan l-isforz ma' titjib meta jiġu adottati l-miżuri biex jiġu kkonserwati r-riżorsi tal-baħar u meta jiġi adattat b'mod adegwat l-isforz tas-sajd. Jinnota, fi kwalunkwe każ, il-ħtieġa li l-miżuri ta' kumpens għall-flotta jkomplu jiġu appoġġjati minħabba d-danni soċjoekonomiċi b'riżultat tal-adozzjoni tal-miżuri ambjentali, bħall-istaġuni magħluqin, il-waqfien temporanju u azzjonijiet oħra li jillimitaw l-attività tas-sajd;

28. jitlob li jitkomplew il-miżuri li jikkontribwixxu għat-titjib tal-organizzazzjoni tas-settur u l-koeżjoni interna tiegħu, li jrawmu l-governanza konġunta tas-settur u jenfasizzaw l-importanza tiegħu permezz tad-definizzjoni adatta u l-konformità mar-regoli <sup>(2)</sup>;

29. jitlob li jiżdiedu r-riżorsi allokati għall-Kunsilli Konsultattivi u jissaħħaħ il-mandat tagħhom bil-għan li titkompla r-reġjonalizzazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, u sabiex ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd tkun tipprowdi għall-parteċipazzjoni sħiħa tar-ġejuni li huma koperti mill-Kunsilli;

<sup>(1)</sup> Kif issemma waqt il-laqgħa marittima tal-Assemblea Ġenerali tal-Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi f'Ħelsinki. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi tiġbor fiha l-maġġoranza tar-ġejuni marittimi u tas-sajd prinċipali u li jirċievu l-fondi mill-FEMS. Dan l-approċċ jiftaħ il-possibbiltà li jiġi żgurat baġit kostanti għall-PKS, u jappoġġja l-iżvilupp aktar ambizzjuż ta' miżuri fil-qafas tal-PMI.

<sup>(2)</sup> Hemm bżonn li jiġu enfasizzati formoli li kellhom suċċess raġonevoli u li jistgħu jservu ta' mudell għal oħrajn li jistgħu jiġu appoġġjati. F'dan il-każ, nistgħu nsemmu lill-kumitati formali ta' koġestjoni ta' diversi partijiet interessati li ser ilaqqgħu flimkien lis-sajjeda, lix-xjenzjati, lill-NGOs, lill-gvern u atturi oħrajn fil-Katalonja jew is-sistemi ta' ġestjoni tal-frott tal-baħar tal-Galizja;

30. jappella li jitkompla l-appoġġ għall-industrija tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni sabiex tittejjeb il-kompetittività tagħha u biex tikseb kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-UE għandha tevita inkonsistenzi ma' politiki oħra bħalma huma dik relatata mas-swieq jew dik relatata mat-tassazzjoni doganali;

31. iħeġġeġ sabiex jiġu promossi d-diversifikazzjoni u l-komplementarjetà tal-attivitajiet ekonomiċi kostali, billi jiġu promossi l-istrategġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, partikolarment f'dawk iż-żoni kostali mhux urbani fejn għie evitat b'suċċess l-eżodu tal-popolazzjoni, u għal din ir-raġuni għandha tissaħħaħ in-natura ta' diversi fondi tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità;

32. jissuġġerixxi li l-FEMS jappoġġja inizjattivi u attivitajiet marbuta mal-prattika marittima u tas-sajd u dawk li jiġu influwenzati direttament minn din tal-aħħar. Għal dan il-għan huwa jirrakkomanda li jinholq strument finanzjarju <sup>(3)</sup> fil-livell tal-UE, li jipprovdni kapital ta' riskju u garanziji mill-banek għas-self, bil-kundizzjoni li l-investimenti jikkontribwixxu għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attività marittima u tas-sajd, dik marbuta ma' frott il-baħar u l-akwakultura u l-katina mill-baħar sal-industrija;

33. jitlob li titfassal White Paper "Il-baħar fil-qalba tal-Ewropa", li tinkorpora pjan direzzjonali marittimu għal kull politika tal-Unjoni Ewropea;

### **Possibbiltà ta' koordinazzjoni u ġabra ta' sinerġiji ma' fondi oħrajn**

34. jenfasizza l-possibbiltà li s-sinerġiji jinġabru flimkien u li l-kapaċità ta' fondi settorjali oħra jiġu integrati sabiex jiġu promossi żviluppi soċjoekonomiċi fiż-żoni kostali, mingħajr ma neċessarjament tiġi definita mill-ġdid l-istruttura tagħhom, peress li l-konfigurazzjoni u l-għanijiet ta' kull wieħed minnhom jippermettu li tiġi evitata d-duplikazzjoni; jerġa' jappella li l-proġetti interreġjonali, nazzjonali u transnazzjonali, li huma f'konformità mal-qafas strateġiku tal-inizjattiva u l-S3 ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-ġbir kollettiv ta' fondi reġjonali, nazzjonali u Ewropej f'qafas issemplifikat u jkun jistgħu jibbenefikaw minn bonus komunitarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħiet ġodda għal proġetti;

35. jenfasizza li wara l-2020 għandu jiddied l-approċċ integrat u b'diversi fondi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej attwali, li jinkludu l-FEMS, billi jiġu eliminati d-differenzi regolatorji eżistenti li bħalissa qed jillimitaw l-abbiltà li dawn il-fondi jitwasslu flimkien fil-livell lokali, inkluż permezz tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità;

36. jemmen li dawn is-sinerġiji għandhom jiffukaw fuq l-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mal-FAEŻR fiż-żoni kostali mhux urbani, permezz tal-implimentazzjoni tal-istrategġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità, inkluż l-istudju tal-possibbiltajiet tal-interkonnessjoni ta' dawn il-fondi għall-akwakultura ta' kull tip, b'mod partikolari dik tal-ilma heġu pprattikata fl-Istati Membri mingħajr kosta, bħalma talbu b'mod ċar diversi drabi dawn l-Istati Membri u r-reġjuni;

37. jappoġġja l-intervent tal-FEŻR f'dawk l-infrastrutturi marbuta mal-attività marittima u tas-sajd, speċjalment il-portijiet, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp reġjonali f'żoni periferiċi u żoni estremament remoti. Jissuġġerixxi li xi attivitajiet relatati mal-ipproċessar jistgħu jitwettqu fil-kuntest tal-miżuri ta' appoġġ għall-SMEs taħt il-FEŻR;

38. jappella li jiġi intensifikat it-taħriġ, speċjalment dak marbut mat-tiġdid ġenerazzjonali, permezz tal-użu ta' appoġġ finanzjarju marbut mal-Fond Soċjali Ewropew (FSE);

39. huwa tal-fehma li l-ekonomija blu, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet enfasizzati fl-Opinjoni tal-KtR dwar it-Tkabbir Blu <sup>(4)</sup>, għad għandha potenzjal mhux sfruttat biex jinħolqu aktar impjeġi u jkun hemm tkabbir ekonomiku fuq livell Ewropew permezz ta' investimenti intelliġenti f'intrapriżi innovattivi u orjentati lejn il-futur. Jipproponi li titnaqqas id-duplikazzjoni bejn il-FEMS u l-Orizzont 2020 li teżisti fis-settur tas-sajd, l-akwakultura u r-riċerka tal-baħar;

### **Fond ġdid issemplifikat, flessibbli, adatt u definit mill-PKS**

40. jitlob bil-qawwa għal semplifikazzjoni konsiderevoli tal-implimentazzjoni tal-FEMS, permezz ta' definizzjoni ta' linji ġenerali mill-UE u billi l-baċini u r-reġjuni jadattaw l-implimentazzjoni tagħhom skont it-territorju u mingħajr ma jkun hemm kumplessità regolatorja f'kull livell ta' kompetenza u dak amministrattiv. Din is-semplifikazzjoni għandha tinkludi d-disponibbiltà ta' rekwiżiti u formoli semplifikati u inqas kumplessi għall-għoti tal-fondi u jenfasizza li l-proċess tal-applikazzjoni għandu jkun ġestit minn entità unika mingħajr l-użu ta' għajjnuna esperta u konsulenza minn partijiet terzi;

<sup>(3)</sup> Fond mitlub mill-maġġoranza tal-SMEs, l-assoċjazzjonijiet u intrapriżi ġodda fl-ekonomija blu li ġew ikkonsultati.

<sup>(4)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KtR dwar "Stadju ġdid fil-politika Ewropea dwar it-tkabbir blu" (NAT-VI/019).

41. jappoġġja t-talba li jkun hemm Fond adattat għaċ-ċirkostanzi tal-PKS u tas-settur. Ifakkar li għandhom ikunu l-għanijiet u l-miri tal-PKS li jiddefinixxu l-FEMS bħala programm finanzjarju speċifiku u mhux bil-maqlub. Jenfasizza l-ħtieġa li d-dispożizzjoni tal-fondi tiġi allinjata skont l-attivitàjiet li għandhom jiġu żviluppati u li jiġi evitat li l-benefiċjarji jdumu biex jingħataw il-fondi biex jiġu evitati tensjonijiet fl-ekonomija tagħhom;

42. jenfasizza l-importanza li jiġu definiti b'mod ċar l-elementi li għandhom jiġu appoġġjati permezz ta' implimentazzjoni rapida u korretta tal-Fond. Huwa meħtieġ li b'mod ġenerali jiġu definiti l-linji eliġibbli u li jiġu rfinati l-elementi li għandhom jiġu appoġġjati fil-kuntest ta' baċin u reġjun speċifiku; b'mod partikolari, qed nitolbu lill-Kummissjoni Ewropea biex tiddefinixxi/tfassal definizzjoni tas-sajd kostali fuq skala żgħira, waqt li jitqiesu kriterji ġodda u tagħti rispons għar-realtà u d-diversità tal-flotta tal-UE;

43. iqis li, minħabba li fil-medja, l-intrapriżi tas-sajd huma żgħar, l-appoġġ pubbliku dirett fil-forma ta' għotja huwa l-aħjar għażla. Jenfasizza li dan il-mudell jiżgura l-kontroll tad-destinazzjoni u tal-implimentazzjoni, jipproduċi effett lieva dirett fuq l-ekonomija, jstimula l-inizjattivi, jiġġenera fiduċja u jiżgura li jinkiseb il-finanzjament, peress li jservi bħala garanzija għall-allokazzjoni tal-fondi għall-investimenti;

44. jemmen li, flimkien mal-SMEs, jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar il-kooperazzjoni u s-sinerġiji u jinħolqu aktar ċentri għall-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni, fejn jistgħu jiġu ttestjati innovazzjonijiet ġodda flivell ta' proġetti pilota;

45. ifakkar fid-diskussjoni dwar kemm hu rakkomandabbli li jinfetħ, anke jekk parzjalment, l-aċċess għall-appoġġ ekonomiku dirett għal intrapriżi b'volum għoli ta' impjegati jew fatturat. Iqis li l-kapaċità tagħhom li jagħtu spinta lir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, li jtejb u l-istandards tax-xogħol u li jiġġeneraw valur miżjud f'distretti rurali tista' tintilef minħabba nuqqas ta' għajjnuna;

46. jenfasizza l-importanza li s-setturi kollha tas-sajd u marittimi jkunu jistgħu jaċċessaw l-appoġġ abbażi tal-għanijiet u l-karatteristiċi tagħhom. Iqis li l-appoġġ tal-Fond għandu jilħaq it-territorju kostali kollu, anke dawk l-agglomerazzjonijiet urbani ta' natura u rabta marittima u tas-sajd li għandhom ikunu jistgħu jiksbu appoġġ mill-FEMS;

47. jappoġġja t-tisħiħ tal-fokus territorjali tal-Fond permezz tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar, b'tali mod li jiġu offruti soluzzjonijiet adatti għaċ-ċirkostanzi u l-isfidi differenti tar-reġjuni Ewropej u jiġi evitat approċċ "wieħed tajjeb għal kullħadd";

48. jappella għal rwol akbar u aktar awtonomija tar-reġjuni fid-definizzjoni tal-għanijiet u l-oqsma tal-infiq. Għalkemm il-FEMS huwa attwalment ġestit fil-livell tal-Istati Membri jeżistu eżempji ta' suċċess fejn ġie sottodelegat lill-awtoritajiet reġjonali kompetenti f'xi Stati Membri. Ir-Regolament tal-FEMS il-ġdid għandu jinkoraġġixxi dan b'mod espliċitu. Jenfasizza n-natura unanima ta' dan l-appell u l-esperjenza pożittiva miksaba mill-ġestjoni tal-FEMS f'ħaġġa reġjuni. B'mod partikolari, jiffoka din id-domanda ta' adeguatezza fir-reġjuni ultraperiferiċi, li fir-rigward tagħhom għandhom ukoll jiġu riveduti u mtejba l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-FEMS fil-qasam tal-eliġibbiltà, ir-rati ta' kofinanzjament u l-livell tal-għajjnuna. Barra minn hekk, l-għajjnuna bħala parti mill-pjani ta' kumpens li jkopru l-ispejjeż addizzjonali tal-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura fir-reġjuni ultraperiferiċi għandha, fid-dawl tal-għanijiet u l-ispeċifitajiet tagħha, tissaħħa u jkollha regoli ta' implimentazzjoni li jixbhu lil dawk applikati għal għajjnuna simili mogħtija lis-settur agrikolu;

#### **Fond ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ġejjieni**

49. jixtieq li l-politika marittima Ewropea l-ġdida tal-UE tkun tappoġġja sforzi biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda u soluzzjonijiet adattati sabiex jittaffa t-tibdil fil-klima; jinnotta li l-ekosistemi tal-baħar sofrew danni minħabba t-tibdil fil-klima, it-tniġġis, u s-sajd żejjed;

50. jenfasizza l-importanza tal-Politika Marittima Integrata u l-ħtieġa li jiżdiedu l-fondi allokati lilha bħala mezz biex tiġi appoġġjata l-espansjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-ġid madwar il-baħar. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm fondi speċifiċi u li titqies il-kooperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali bħala element fundamentali ta' dan il-qasam, speċjalment foqasma bħalma huma l-ippjanar spazjali marittimu u l-ġbir tad-data, u sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sorveljanza kif ukoll il-ħolqien ta' żoni maħsubin għar-ripopolazzjoni tal-ispeċijiet tal-ħut;

51. jinsisti fuq il-bżonn li jinħoloq "mekkaniżmu/fondi" ta' investment Ewropew fl-ekonomija blu, pjani marittimu Juncker 2.0, li jista' jkollu żewġ mekkaniżmi ta' intervent komplementari: il-finanzjament dirett fil-livell Ewropew ta' proġetti għall-istrutturar u ta' proġetti riskjużi, u l-ħolqien ta' pjattaformi ta' investment reġjonali;

52. jenfasizza d-dimensjoni esterna tal-PKS u tal-PMI, billi jissottolinja b'mod espliċitu kemm huwa importanti l-bżonn li jiġi appoġġjat il-kontribut tal-UE għat-titjib tal-governanza tal-oċeani. Iqis dan l-impenn bħala metodu biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-settur marittimu u tas-sajd tagħna permezz tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni u s-sostenibbiltà aħjar tal-oċeani tagħna;

53. iqis li s-settur marittimu għandu l-potenzjal li joħloq aktar impjegi u tkabbir ekonomiku. Jiġbed l-attenzjoni li xi reġjuni diġà żviluppaw pjani dettaljati għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-baħar u li ħafna oħrajn huma involuti f'dan il-proċess;

54. ifakkar li hemm interess internazzjonali dejjem jikber fil-kwistjonijiet marittimi, kemm fil-konklużjonijiet tas-COP 21 u s-COP 22 kif ukoll fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u li l-intrapriżi marittimi tal-UE qed jiffaċċjaw kompetizzjoni qawwija minn barra l-pajjiż fis-setturi kollha tal-ekonomija blu, bħat-trasport, l-enerġija, l-innovazzjoni, il-bini tal-bastimenti, is-sajd u l-akwakultura. Għalhekk huwa favur politika tal-UE konsistenti u ffinanzjata b'mod adegwat bħala l-aħjar għażla għar-reġjuni marittimi tal-UE u jħeġġeġ lill-UE biex tinvesti f'dawn is-setturi, b'mod partikolari fl-enerġiji rinnovabbli tal-baħar u l-bijoteknoloġiji tal-baħar, fejn nistgħu nsiru l-mexxejja globali;

55. iwissi li l-Brexit huwa, fuq perjodu qasir u twil, sfida ewlenija għas-settur tas-sajd marittimu u jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitqies u jiġi indirizzat l-impatt tiegħu fuq ir-reġjuni <sup>(5)</sup>. Iwissi dwar l-impatt negattiv li dan il-proċess jista' jkollu mil-lat ta' allokazjoni għas-sajd u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ħut u jappella għal appoġġ finanzjarju biex jitnaqqas dan;

56. jappoġġja ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-istrategġiji ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità fil-pakkett finanzjarju globali, peress li f l-istrument wera li huwa effettiv f'komunitajiet kostali żgħar u jipproponi li jiġu introdotti modi ġodda ta' ħidma f'żoni bħal dawn li kapaċi jippromovu r-rwol soċjoekonomiku importanti taż-żoni tas-sajd u marittimi u li jsiru attraenti għaż-żgħażagħ bil-għan li jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali. Jenfasizza r-rwol li għandu u jista' jkollu n-network FARNET biex jiġu kkoordinati l-isforzi.

Brussell, is-16 ta' Meju 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*  
Karl-Heinz LAMBERTZ

---

<sup>(5)</sup> Ara l-istudju tal-KtR dwar l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fuq l-awtoritajiet lokali u regionali tal-UE.



**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Insaħħu l-innovazzjoni fir-reġjuni tal-Ewropa:  
Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli**

(2018/C 361/04)

<b>Relatur:</b>	Mikel IRUJO AMEZAGA (ES/EA), Kap tad-Delegazzjoni ta' Navarra fi Brussell
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Insaħħu l-innovazzjoni fir-reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklużiv u sostenibbli
	COM(2017) 376 final

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

**Strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti bħala katalisti tal-politika għall-innovazzjoni u t-tkabbir**

1. L-Unjoni Ewropea għadha l-akbar suq uniku fid-dinja; madankollu, qegħdin ifeġġu realtajtiet ġodda f'kontinenti oħrajn li jgħieghluna niffukaw mill-ġdid il-politika tagħna dwar l-innovazzjoni u t-tkabbir. L-immodernizzar industrijali huwa fundamentali sabiex titjieb il-kompetittività tal-Ewropa;
2. jgħbed l-attenzjoni għall-importanza li l-livelli kollha tal-governanza jaħdmu flimkien (fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali), u li l-livelli sottonazzjonali jingħataw opportunitajiet u fondi biżżejjed biex jerfġu r-responsabbiltà għall-iżvilupp potenzjali tagħhom;
3. jenfasizza li l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (minn hawn 'il quddiem S3) jaġixxu bħala katalisti tal-politika għall-innovazzjoni u t-tkabbir u huma fattur kruċjali għas-suċċess tal-politika ta' koeżjoni;
4. ifakkar il-ħtieġa ta' ħidma ffukata soda u effiċjenti fuq livell reġjonali għall-iżvilupp tal-S3, f'liema qasam l-UE tista' tippromovi l-kundizzjonijiet adatti flimkien mal-azzjoni fil-livell nazzjonali;
5. jenfasizza wkoll li l-S3 ħolqu "kultura ta' kollaborazzjoni" ġdida fi ħdan ir-reġjuni, peress li huma bbażati fuq proċess kollaborattiv u parteċipattiv bejn l-atturi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-industrija li jiffaċilita l-innovazzjoni mmexxija mid-domanda u s-soluzzjonijiet kollettivi.
6. jinnota li l-S3 kkatalizzaw l-iżvilupp ta' ekosistemi ġenwini ta' innovazzjoni reġjonali. L-ekosistemi reġjonali ta' innovazzjoni jgħgeneraw impatti sinifikanti għall-ekonomija u l-kompetittività reġjonali, kif ukoll innovazzjoni eċċellenti qrib iċ-ċittadini skont il-ħtieġijiet lokali tagħhom;
7. jenfasizza li l-S3 jmorru aktar lil hinn mill-istrateġiji individwali tar-reġjuni u li għandhom jintużaw biex jippromovu politika ta' innovazzjoni aktar effettiva u jħeġġu l-kooperazzjoni interreġjonali;
8. jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li kooperazzjoni interreġjonali bbażata fuq l-S3 għandha tgħin biex jinbnew u jiġu mmudellati mill-ġdid il-katini tal-valur tal-UE biex tiġi promossa s-sinerġija tal-investimenti bejn is-settur privat u s-settur pubbliku, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ekonomija kollha tal-UE;

**Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Speċjalizzata 2.0 bbażati fuq il-kooperazzjoni interreġjonali**

9. huwa tal-fehma li l-S3 2.0 futura għandha tkun ibbażata fuq il-kooperazzjoni strateġika interreġjonali u r-rabtiet sostenibbli bejn l-ekosistemi reġjonali fl-oqsma prijoritarji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, bħala ħavetta biex jiżdedu l-kompetittività u r-reżiljenza tar-reġjuni. Għal dan il-għan, Interreg għandha tkun tista' tiffinanzja attivitajiet bħal proġetti kondiviżi, attivitajiet ta' dimostrazzjoni, ktajjen ta' valur ġodda ... marbutin ma' oqsma ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti: dan jgħin lir-Reġjuni biex iwasslu l-ekosistemi tal-innovazzjoni f'dimensjoni Ewropea u jappoġġjaw il-kompetittività tas-suq uniku;
10. jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-promozzjoni tad-dimensjoni interreġjonali u transkonfinali permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' investment interreġjonali ser tiffaċilita l-espansjoni tal-innovazzjoni reġjonali u lokali. It-taħlita ta' infrastrutturi teknoloġiċi, industrijali u umani ta' reġjuni differenti skont is-saħħiet u l-kapaċitajiet tagħhom, tikkontribwixxi biex tiġġenera massa kritika u ekonomiji tal-iskala u, għaldaqstant, għandha l-potenzjal li żżid l-effiċjenza tas-sistemi ta' riċerka u innovazzjoni;

11. jikkunsidra li l-kooperazzjoni u l-ħolqien ta' katini ta' valur interreġjonali jikkontribwixxu għal aċċess aktar faċli u effiċjenti għall-infrastrutturi tat-teknoloġiji kkombinati u konnessi, u b'hekk jikkontribwixxu wkoll biex jitnaqqsu r-riskji teknoloġiċi u l-inċertezza fis-settur industrijali;
12. waqt li l-UE tavanza fin-negozjati u d-dibattiti dwar Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għdid għall-2021-2027, dan huwa moment opportun biex nirriflettu fuq it-tip ta' strumenti li l-UE għandha timplimenta biex tippromovi l-kooperazzjonijiet interreġjonali bbażati fuq l-S3;
13. huwa tal-fehma li, minħabba l-ħtieġa ta' ħidma kollaborattiva f'kull livell, mil-livell lokali sa dak Ewropew, għandhom jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:
- tiġi eliminata, fejn ikun possibbli, il-kumplessità u jżiedu s-sinerġiji u l-koerenza fil-ġestjoni tal-fondi, bil-għan li tinħoloq ekosistema li tiffaċilita s-sinerġiji bejn il-finanzjament reġjonali u dak Ewropew;
  - jitnedew strumenti finanzjarji attraenti li jgħinu biex tinħoloq ekosistema ta' kooperazzjoni interreġjonali;
  - jinżamm approċċ minn isfel għal fuq li jqis il-ħtiġijiet lokali u l-prijoritajiet relatati tal-S3 biex tiżdied is-sinerġija bejn il-fondi tal-UE;
14. jirrakkomanda li, fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, l-UE, permezz tal-Kummissjoni u l-JRC, għandha tiftaħ fażi għida tal-S3 2.0, ibbażata fuq l-iżvilupp ta' Proċess ta' Skoperta Interreġjonali (PSR) li fih ir-reġjuni jiġbru flimkien l-S3 tagħhom billi jinvolvu "l-elici tripli interreġjonali";
15. il-Proċess ta' Skoperta Reġjonali għandu jkun ibbażat fuq proċess minn isfel għal fuq fejn l-awtoritajiet reġjonali jaqsmu l-oġettivi tagħhom ta' żvilupp ma' reġjuni oħrajn tal-UE, ifasslu listi tal-aġenti ta' żvilupp prinċipali involuti fir-reġjuni tagħhom, janalizzaw b'mod komuni n-nuqqasijiet jew l-isfidi tagħhom u jwettqu eżerċizzju ta' analiżi dwar l-istrumenti ta' appoġġ disponibbli għalihom;
16. huwa tal-fehma li r-reġjuni għandhom jitħeġġu jwettqu eżerċizzju ta' mmappjar tal-prijoritajiet reġjonali stabbiliti fl-S3 tagħhom u d-diversi skemi finanzjarji jew ta' investiment fuq livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE (Orizzont 2020, COSME, eċċ.). L-S3 li jinkludu l-eżerċizzji msemmija għandhom jifasslu mill-Kummissjoni Ewropea u użati sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni, kif ukoll fl-iżvilupp ta' strumenti ta' finanzjament adegwati. Dan l-eżerċizzju għandu jikkontribwixxi għat-taħlita possibbli ta' fondi f'kull livell (lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE) biex jiġu appoġġjati proġetti ta' dimensjoni interreġjonali;
17. jirrakkomanda l-adozzjoni ta' approċċ minn isfel għal fuq, li jagħti lir-reġjuni l-possibilità li jipprovdu "Punti ta' Kuntatt S3". Dawn il-"Punti ta' Kuntatt S3" għandhom ikunu inkarigati biex jiżviluppaw il-Proċess ta' Skoperta Reġjonali (PSR), bil-għan li jippromovu l-iżvilupp tal-kooperazzjoni interreġjonali waqt li jinvolvu "l-elici tripli interreġjonali";
18. jikkunsidra li huwa essenzjali li l-Pjattaforma S3 tingħata biżżejjed mezzji sabiex jiġu żviluppjati strumenti ta' appoġġ fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, kif jistgħu jkunu, pereżempju, EYE@RIS3, ICT Monitoring Tool, R&I Regional Viewer jew id-Digital Innovation Hubs. Ifakkar min-naħa tiegħu l-ħtieġa ta' sistema akbar u aktar effiċjenti għall-għbir tad-data u statistika fuq livell reġjonali;

### Sinerġiji bejn il-fondi tal-UE u l-inizjattivi u finanzjament reġjonali

19. ifaħħar lill-Kummissjoni talli inkludiet fi ħdan ir-rapport tal-Evalwazzjoni Interna tal-programm Orizzont 2020 <sup>(1)</sup> il-punt dwar iż-żieda tas-sinerġiji ma' programmi oħrajn ta' finanzjament u politiki tal-UE, b'mod speċjali r-referenza għall-bini ta' sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-S3;
20. jikkunsidra li l-S3 għandhom jinkludu min-naħa tagħhom l-oġettivi doppju li jinħolqu sinerġiji bejn il-politiki reġjonali ta' innovazzjoni u żvilupp u l-istrumenti finanzjarji, kif ukoll, fit-tieni lok, li jiġi evitat xogħol doppju. Għaldaqstant, l-għan għandu jkun li jiġu promossi sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) u fondi oħrajn bħal, pereżempju, id-disa' Programm Qafas futur, u ma' fondi nazzjonali u reġjonali;
21. huwa tal-fehma li d-disa' Programm Qafas għandu jinkludi l-"proċess ta' skoperta reġjonali" u jappoġġa l-ħolqien, it-tiħni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekosistemi reġjonali ta' innovazzjoni. L-appoġġ għar-riċerka kollaborattiva, l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni huwa valur miżjud ġenwin tal-UE, li għandu jitjieb fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Barra minn hekk, fil-fondi futuri ta' riċerka u innovazzjoni (R+I) tal-UE għandha tingħata attenzjoni akbar għall-impatt tal-azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni fuq livell territorjali;

<sup>(1)</sup> COM(2018) 2 final.

22. jirrikonoxxi li jeżistu ostakli sostanzjali li jagħmlu diffiċli l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE għall-kooperazzjoni interreġjonali u transnazzjonali bħal, pereżempju, in-nuqqas ta' riżorsi jew ta' kapaċità amministrattiva, in-nuqqas ta' eżempji tal-aqwa Prattiki, l-inċertezza dwar kif dan għandu jitwettaq, in-nuqqas ta' referenza għal qafas metodoloġiku, nuqqas ta' ċarezza dwar l-oġettivi, livelli asimetriċi ta' kompetenza politika, ostakli regolatorji u n-nuqqas ta' qafas finanzjarju biex tiġi ffaċilitata din il-ħidma;

23. jipproponi li jiġi stabbilit djalogu strutturat bejn is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-“atturi tal-ekosistema ta' innovazzjoni reġjonali” sabiex tiġi ggarantita l-vijabbiltà tal-politiki u l-istrumenti ta' finanzjament (attwali u ġodda) iddefiniti sabiex jiġu appoġġati l-ekosistemi reġjonali ta' innovazzjoni u l-kooperazzjoni interreġjonali tagħhom;

24. jemmen, min-naħa tiegħu, li għandha titwettaq l-evalwazzjoni tas-Sħubijiet ta' Innovazzjoni (ERA-NET, JPI, ETP, eċċ.). Is-Sħubijiet jistgħu jkunu forma effettiva biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni, tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi, tittejjeb l-innovazzjoni u jiġu indirizzati l-isfidi soċjali, iżda għandhom jiġu ppubblikati studji li juru l-impatt tagħhom;

25. jirrikonoxxi, ifaħħar u jaqbel mal-isforzi u l-kisbiet imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod speċjali permezz tal-Pjattaforma S3, fit-tfassil ta' studji ta' żvelar, kif ukoll fl-appoġġ għal żviluppi metodoloġiċi ta' kooperazzjoni interreġjonali. F'dan is-sens jirrikonoxxi li l-ħolqien ta' Pjattaformi tematiċi u t-tnedija ta' Proġetti Pilota ta' Kooperazzjoni Interreġjonali huma strumenti ta' dimostrazzjoni ta' valur enormi;

26. minkejja dak li ntqal qabel, ifakkar li l-ostakli regolatorji u n-nuqqas ta' qafas finanzjarju jkomplu jillimitaw l-iżvilupp ta' sistema ġenwina ta' kooperazzjoni interreġjonali. Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-inizjattiva Vanguard, l-isfidi li jassumu r-reġjuni meta jaffrontaw proġett ta' kooperazzjoni interreġjonali jistgħu jinġabru fi tliet livelli. L-ewwel livell iħaddan attivitajiet inizjali marbuta mal-konfigurazzjoni tal-infrastruttura ta' dimostrazzjoni (ħolqien ta' netwerks ta' operaturi reġjonali, is-sejbien ta' sinerġiji fl-attivitajiet, eċċ.). It-tieni livell jinkludi l-infiq operattiv tal-attivitajiet ta' dimostrazzjoni bbażati fuq l-iżvilupp ta' proġetti konkreti. It-tielet u l-aħħar livell jinkludi l-infiq marbut mal-produzzjoni industrijali possibbli jew l-aċċess għas-suq tal-prodott jew servizz żviluppat matul il-fażijiet preċedenti, bħala riżultat tal-proġetti ta' kooperazzjoni interreġjonali, ladarba l-imsemmija attivitajiet ta' dimostrazzjoni jkunu rnexxew, jiġifieri, li jkunu vvalidati u ċċertifikati;

27. jirrakkomanda li jittieħdu miżuri urġenti sabiex jinħolqu l-istrumenti ta' finanzjament ad hoc adegwati u flessibbli għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni interreġjonali u li jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-tliet livelli msemmija fil-punt preċedenti. Dawn l-istrumenti jistgħu jieħdu l-forma ta' taħlita ta' finanzjament (inklużi taħlit ta' krediti u self, u finanzjament pubbliku u privat f'diversi livelli) bl-użu innovattiv ta' fondi sabiex jiġu appoġġati l-proġetti pilota sperimentali ta' netwerks ta' kooperazzjoni interreġjonali li jstabbilixxu kuntatt dirett mal-industrija u li għandhom impatt notevoli:

— fir-rigward tal-infiq inizjali ta' attivitajiet marbuta mal-konfigurazzjoni tal-infrastruttura ta' dimostrazzjoni (l-ewwel livell) jirrakkomandaw li l-fondi eżistenti tal-UE jikkomplementaw l-investimenti pubbliċi-privati ddestinati għal infrastrutturi ta' innovazzjoni fil-qafas ta' proġetti ta' kooperazzjoni interreġjonali. Bl-istess mod, jirrakkomanda l-użu aktar flessibbli ta' Interreg sabiex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' katini ta' valur industrijali. Huwa jirrakkomanda wkoll l-estensjoni tal-approċċ taċ-“Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali” għal oqsma industrijali u teknoloġiċi oħrajn;

— fir-rigward tal-infiq operattiv tal-attivitajiet ta' dimostrazzjoni bbażati fuq l-iżvilupp ta' proġetti konkreti (it-tieni livell), jirrakkomanda li l-pajjiżi/reġjuni, li jixtiequ dan, jaħsbu għall-mezzi għall-iżvilupp ta' sistema ta' kupuni li tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-impriżi tagħhom fir-rigward ta' proġetti ta' kooperazzjoni interreġjonali. L-għan ta' dawn il-kupuni huwa li jingħata kumpens għall-ispejjeż imġarba fit-tfassil tal-proġett ta' kooperazzjoni interreġjonali (żjarat lil installazzjonijiet ta' dimostrazzjoni f'reġjuni oħrajn, studji tal-komplementarjetà, tfassil ta' studji u pjani ta' proġetti, eċċ.). Is-sistema ta' kupuni interreġjonali tista' tkun ikkomplementata b'mekkaniżmi ta' kofinanzjament (pereżempju, il-Fond Ewropew tal-Investment) sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-impriżi għal servizzi u infrastruttura extrareġjonali. L-UE ser twettaq ir-rwol ta' katalizzatur u appoġġ għall-Awtoritajiet Reġjonali ta' Ġestjoni (pereżempju għas-sistemi ta' ċertifikazzjoni miftiehma b'mod komuni jew għall-evalwazzjoni u l-awditu tal-infiq extrareġjonali);

— fir-rigward tal-investimenti jew l-infiq meħtieġa b'rabta mal-produzzjoni industrijali possibbli jew l-aċċess għas-suq tal-prodott jew servizzi żviluppati (livell tlieta), jirrakkomanda l-espansjoni ta' strumenti bħal, pereżempju, InnovFin;

28. jivvaluta b'mod ferm pożittiv l-emendar jew is-semplifikazzjoni tal-Artikoli 65.1 u 70 tar-Regolament Qafas dwar Fondi Strutturali, u jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-użu tal-FEŻR fil-kooperazzjoni interreġjonali huwa kruċjali għall-iżvilupp tal-S3 2.0 futura. Minkejja dak li ntqal qabel, isejjaħ għal qafas legali favorevoli għall-perjodu finanzjarju li jmiss, li jippromovi s-sinerġija u t-taħlit possibbli ta' fondi f'kull livell (lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE) għall-appoġġ għal proġetti ta' dimensjoni interreġjonali.

Brussell, is-16 ta' Meju 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*  
Karl-Heinz LAMBERTZ

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura**

(2018/C 361/05)

<b>Relatur:</b>	Is-Sinjura HRISTOVA (BG/PPE), Sindku tal-Muniċipalitá ta' Gabrovo
<b>Dokumenti ta' referenza:</b>	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura: Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, 17 ta' Novembru 2017
	COM(2017) 673 final
	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim
	COM(2018) 23 final

**I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI**

**Emenda 1**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Premessa (2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(2) Ispirata minn dawn il-valuri, l-Unjoni rnexxielha tgħaqquad pajjiżi, komunitajiet u nies flimkien fi proġett politiku uniku, li wassal għall-itwal perjodu ta' paċi fl-Ewropa u li min-naħa tiegħu għab stabbiltà soċjali u prosperità ekonomika. L-adozzjoni mill-Istati Membri tal-valuri stabbiliti fit-Trattat toħloq bażi komuni li tiffirma l-karatteristika distinta tal-istil ta' ħajja u tal-identità Ewropej, u tagħti post lill-Unjoni fix-xena globali.	(2) Ispirata minn dawn il-valuri, l-Unjoni rnexxielha tgħaqquad pajjiżi, <b>ir-reġjuni, il-bliet u ż-żoni rurali tagħhom</b> , komunitajiet u nies flimkien fi proġett politiku uniku, li wassal għall-itwal perjodu ta' paċi fl-Ewropa u li min-naħa tiegħu għab stabbiltà soċjali u prosperità ekonomika. L-adozzjoni mill-Istati Membri tal-valuri stabbiliti fit-Trattat toħloq bażi komuni li tiffirma l-karatteristika distinta tal-istil ta' ħajja u tal-identità Ewropej, u tagħti post lill-Unjoni fix-xena globali.

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 2**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Premessa (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(3) L-Unjoni <b>u</b> l-Istati Membri tagħha qed iħabbtu wiċċhom ma' varjetà ta' sfidi, inklużi l-popoliżmu, il-ksenofobija, in-nazzjonaliżmu diviżiv, id-diskriminazzjoni, it-tixrid ta' aħbarijiet foloz u ta' informazzjoni qarrieqa kif ukoll l-isfida tar-radikalizzazzjoni. Dawn il-fenomeni jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sisien tad-demokraziji tagħna, idgħajfu l-fiduċja fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jfixklu s-sens komuni ta' appartenenza fis-soċjetajiet Ewropej tagħna u bejniethom.</p>	<p>(3) L-Unjoni, l-Istati Membri tagħha, <b>kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali</b>, qed iħabbtu wiċċhom ma' varjetà ta' sfidi, inklużi l-popoliżmu, il-ksenofobija, in-nazzjonaliżmu diviżiv, id-diskriminazzjoni, it-tixrid ta' aħbarijiet foloz u ta' informazzjoni qarrieqa kif ukoll l-isfida tar-radikalizzazzjoni. Dawn il-fenomeni jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sisien tad-demokraziji tagħna <b>fil-livelli kollha ta' governanza</b>, idgħajfu l-fiduċja fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jfixklu s-sens komuni ta' appartenenza fis-soċjetajiet Ewropej tagħna u bejniethom.</p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 3**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Premessa (4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(5) <b>L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-politiki tal-edukazzjoni u l-kultura minħabba l-grubija tagħhom lejn l-Ewropej, peress li jitqies li huma fl-eqreb livell ta' governanza għaċ-ċittadini fuq il-post. Għalhekk, hemm bżonn li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkomplu jaqdu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni u l-adattar tal-miżuri u r-riformi proposti, kif ukoll jiġu inklużi fi stadju bikri tal-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet biex jiġi garantit riżultat effiċjenti u effettiv u jiġi żgurat li l-valur miżjud ta' politiki edukattivi u kulturali tal-UE jinħassu fuq il-post.</b></p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 4**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Premessa (12)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(13) <i>F'dan il-kuntest, ta' min jenfasizza l-importanza kritika li ssir analiżi tad-disparitajiet reġjonali u tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mill-ispariġġi u n-nuqqas ta' ħiliet fl-UE meta jitfasslu r-riformi tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ.</i></p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 5**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Premessa (13)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(13) F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex ikomplu jimplimentaw l-għanijiet kollha tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015. Huwa partikolarment importanti li jkomplu jiġu promossi l-valuri komuni bħala vetturi ta' koeżjoni u inklużjoni, tiġi favorita l-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' tagħlim parteċipattivi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, jitjieb it-taħriġ għall-ghallie-ma dwar iċ-ċittadinanza u d-diversità u jitjiebu l-ħiliet dwar il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku tal-istudenti kollha.</p>	<p>(13) F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex ikomplu jimplimentaw l-għanijiet kollha tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015 <b>u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jip-provdulhom l-għodod meħtieġa biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva fuq il-post.</b> Huwa partikolarment importanti li jkomplu jiġu promossi l-valuri komuni bħala vetturi ta' koeżjoni u inklużjoni, tiġi favorita l-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' tagħlim parteċipattivi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, jitjieb it-taħriġ għall-ghallie-ma dwar iċ-ċittadinanza u d-diversità u jitjiebu l-ħiliet dwar il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku tal-istudenti kollha.</p>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 6**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Premessa (15)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(15) Il-programm Erasmus+ juri li l-mobilità u l-kuntatti transkonfinali huma l-aktar mod effiċjenti kif wieħed jesperjenza l-identità Ewropea. Huwa essenzjali li l-kategoriji kollha ta' studenti jibbenefikaw bl-istess mod mill-opportunitajiet li joffri dan il-programm; b'mod partikolari permezz ta' skambji skolastiċi bejn l-Istati Membri. Il-mobilità virtwali, speċjalment permezz tan-netwerk e-twinning, hija għodda eċċellenti li tippermetti l-kuntatt dirett bejn l-istudenti, u fis-snin li ġejjin għandha tintuża fuq skala akbar flimkien mal-mobilità fiżika.	(15) Il-programm Erasmus+ juri li l-mobilità u l-kuntatti transkonfinali huma l-aktar mod effiċjenti kif wieħed jesperjenza l-identità Ewropea. Huwa essenzjali li l-kategoriji kollha ta' studenti jibbenefikaw bl-istess mod mill-opportunitajiet li joffri dan il-programm; b'mod partikolari permezz ta' skambji skolastiċi bejn <b>u fi ħdan</b> l-Istati Membri. Il-mobilità virtwali, speċjalment permezz tan-netwerk e-twinning, hija għodda eċċellenti li tippermetti l-kuntatt dirett bejn <b>it-tfal tal-iskola</b> u l-istudenti, u fis-snin li ġejjin għandha tintuża fuq skala akbar flimkien mal-mobilità fiżika. <b>F'dan il-kuntest, jissuġġerixxi wkoll l-introduzzjoni ta' opportunitajiet ġodda u li jitwessa' l-ambitu ta' daww eżistenti għall-mobilità kulturali;</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 7**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<b>3. jagħmlu użu mill-prossimità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali maċ-ċittadini tal-Ewropa u mill-fatt li dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni strateġika sabiex janalizzaw u jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi kulturali differenti fit-territorji tagħhom u sabiex iħejju l-bażi għal djalogu interkulturali effettiv u għall-promozzjoni ta' valuri komuni;</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 8**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Jipprovdu edukazzjoni inklużiva	Jipprovdu edukazzjoni inklużiva
4. jippromovu l-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha, b'mod partikolari billi:	4. jippromovu l-edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha, b'mod partikolari billi:



Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(a) jinkludu l-istudenti kollha f'edukazzjoni ta' kwalità minn età żgħira;</p> <p>(b) jipprovdu l-appoġġ meħtieġ għall-istudenti skont il-ħtiġijiet tagħhom, inkluż dawk li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk bi sfond ta' migrazzjoni, dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u lill-istudenti bl-akbar talent;</p> <p>(c) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u jippermettu l-għoti ta' gwida adegwata għall-edukazzjoni u l-karriera.</p>	<p>(a) jinkludu l-istudenti kollha f'edukazzjoni ta' kwalità minn età żgħira <b>u jiżguraw li opportunitajiet indaqs u l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità jiġu provduti għal kull student inklużi għal dawk bi sfondi lingwistiċi, reliġjużi, etniċi jew ta' minoranza oħra;</b></p> <p>(b) jipprovdu l-appoġġ <b>u l-gwida</b> meħtieġa għall-istudenti skont il-ħtiġijiet tagħhom, inkluż dawk li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati, dawk bi sfond ta' migrazzjoni, <b>inklużi dawk ir-refuġjati li jixtiequ jintegraw ruħhom fl-Unjoni Ewropea bħala ċittadini,</b> dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u lill-istudenti <b>b'kapaċitajiet għoljin;</b></p> <p>(c) <b>jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' studenti f'reġjuni tal-UE bi sfidi ġeografiċi u demografiċi, inklużi dawk minn l-aktar reġjuni mbegħdin;</b></p> <p>(d) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u jippermettu l-għoti ta' gwida adegwata għall-edukazzjoni u l-karriera, <b>kif ukoll jipprovdu proċess ta' appoġġ u opportunitajiet ta' taħriġ tul il-ħajja kollha għal dawk kollha li jkun qad jitgħallmu;</b></p> <p>(e) <b>jagħtu l-appoġġ neċessarju għal rwol iktar b'saħħtu għat-tagħlim tal-lingwi fil-kurrikuli diġà mill-iskola primarja għax it-tagħlim tal-lingwi mhux biss huwa meqjus l-aktar effettiv f'età żgħira, iżda wkoll ħiliet dgħajfa tal-lingwa huma meqjusa bħala wieħed mill-akbar ostakoli għall-moviment liberu tal-persuni u l-ħolqien ta' forza tax-xogħol rilevanti għall-ħtiġijiet tal-ekonomija Ewropea;</b></p> <p>(f) <b>jippermettu liż-żgħażaġh jiksbu u jiżviluppaw ħiliet addizzjonali permezz tat-tagħlim formali u mhux formali, peress li dan mhux biss itejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh permezz ta' tqabbil aħjar tal-ħiliet tagħhom mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll jippermettilhom jikkontribwixxu b'mod aktar attiv għal proġetti ta' solidarjetà u biex jiffurmaw il-ġejjieni tal-Ewropa <sup>(1)</sup>.</b></p> <p><sup>(1)</sup> CDR 851/2017 – Ninvestu fiż-żgħażaġh tal-Ewropa u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà</p>

### Raġuni

Ikompli jissaħħaħ, f'ċerti aspetti, il-fokus tal-ħtiġijiet edukattivi speċifiċi u l-opportunitajiet indaqs filwaqt li tiżdied id-dimensjoni ta' gwida u taħriġ tul il-ħajja, peress li l-edukazzjoni m'għandhiex tkun limitata għal ċerta età ta' min qed jitgħallm.

**Emenda 9**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

## Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Jippromwovu dimensjoni Ewropea tat-tagħlim;	Jippromwovu dimensjoni Ewropea tat-tagħlim;
6. jippromwovu dimensjoni Ewropea tat-tagħlim billi jħeġġu:	6. jippromwovu dimensjoni Ewropea tat-tagħlim billi jħeġġu:
(a) fehim tal-kuntest Ewropew u l-wirt komuni u għarfien tad-diversità tal-Istati Membri tal-Unjoni;	(a) fehim tal-kuntest Ewropew u l-wirt komuni u għarfien tad-diversità tal-Istati Membri tal-Unjoni, <b>inkluża n-nisġa rikka tal-istrutturi sottonazzjonali, sabiex jiġi promoss fehim ta' wirt kulturali Ewropew komuni;</b>
(b) fehim tal-orijini u tal-funzjonament tal-Unjoni;	(b) fehim tal-orijini u tal-funzjonament tal-Unjoni <b>inkluż tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE;</b>
(c) il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-għalliema fin-netwerk e-Twinning u fil-mobilità transkonfinali, speċjalment fl-iskejjel;	(c) il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-għalliema fin-netwerk e-Twinning u fil-mobilità transkonfinali, speċjalment fl-iskejjel;
(d) proġetti fil-prattika biex tinħoloq kuxjenza dwar l-Unjoni Ewropea fiċ-ċentri ta' edukazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni diretta maż-żgħażgħ.	(d) proġetti fil-prattika biex tinħoloq kuxjenza dwar l-Unjoni Ewropea fiċ-ċentri ta' edukazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni diretta maż-żgħażgħ <b>fil-livell lokali u reġjonali bħala l-livell ta' governana l-eqreb għalihom;</b>
	(e) <b>attitudni ta' tagħlim tul il-ħajja, li jinkludi iżda mhux limitat għall-edukazzjoni tal-adulti, li jrawwem spirtu ta' sħarriġ kontinwu u l-kisba tal-għarfien u l-eċċellenza li jistgħu jiġu kkultivati minn kmieni sa mill-edukazzjoni primarja (jew qabel il-primarja) u għandhom ikunu integrati fl-istadji kollha tal-edukazzjoni</b>
	(f) <b>enfasi aktar qawwija li għandha ssir fuq temi rilevanti għad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà Ewropea sabiex daww li qed jitgħallmu jsiru familjari mal-kunċetti ta' kodifikazzjoni u jiġu introdotti kompetenzi fl-oqsma taċ-ċibersigurtà u tal-litteriżmu medjatiċu;</b>
	(g) <b>l-intenzjoni li kull student fl-Ewropa jingħata tal-inqas esperjenza intraprenditorjali waħda sabiex fl-edukazzjoni formali u informali jiżdiedu l-prattiki ta' tagħlim intraprenditorjali u daww ibbażati fuq il-proġetti u fuq ir-riċerka.</b>

**Raġuni**

Id-diversità tal-istrutturi sottonazzjonali fl-Istati Membri tal-UE hija element essenzjali tal-wirt kulturali u politiku tal-UE u punt ta' referenza ewlieni għall-iżviupp ta' ċittadinanza attiva bbażata fuq id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE.

**Emenda 10**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

## Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Jappoġġaw lill-għalliema u t-tagħlim	Jappoġġaw lill-għalliema u t-tagħlim
7. Jippermettu lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-persunal akkademiku biex jippromwovu l-valuri komuni u jipprovdu edukazzjoni inklużiva, permezz ta':	7. Jippermettu lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-persunal akkademiku biex jippromwovu l-valuri komuni u jipprovdu edukazzjoni inklużiva, permezz ta':
(a) miżuri li jagħtu setgħa lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-persunal akkademiku biex jgħinuhom iwasslu l-valuri komuni, jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva filwaqt li jittrażmettu sens ta' appartenenza u jwieġbu għall-ħtiġijiet differenti tal-istudenti; <b>u</b>	(a) miżuri li jagħtu setgħa lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-persunal akkademiku biex jgħinuhom iwasslu l-valuri komuni, jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva filwaqt li jittrażmettu sens ta' appartenenza u jwieġbu għall-ħtiġijiet differenti tal-istudenti;
(b) promozzjoni ta' skambji u programmi ta' tagħlim bejn il-pari kif ukoll gwida u mentoraġġ konsulenza għall-għalliema u l-persunal akkademiku.	(b) promozzjoni ta' skambji u <b>tal-aħjar Prattiki</b> , u programmi ta' tagħlim bejn il-pari kif ukoll gwida u mentoraġġ konsulenza għall-għalliema u l-persunal akkademiku, <b>kif ukoll mobilità permezz tal-programm Erasmus+ <sup>(1)</sup>; u</b>
	(c) <b>promozzjoni ta' miżuri biex jiffaċilitaw l-iskambji bejn l-għalliema u l-ġenituri/persuni li jindukraw sabiex jissaħħu r-rabtiet bejn l-iskola u l-ambjent tal-familja/tad-dar u biex jitrawwem djalogu permanenti, li huma kruċjali għall-integrazzjoni b'suċċess tal-istudenti fl-ambjent skolastiku u s-soċjalizzazzjoni ġenerali tagħhom.</b>
	<sup>(1)</sup> COR-2017-03139 – SEDEC-VI/029: L-immodernizzar tal-iskola u tal-edukazzjoni għolja.

**Raġuni**

—

**Emenda 11**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

## Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<b>12. Jiżguraw li l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-iskejjel u l-istabbilimenti edukattivi kollha fl-UE jkunu mgħammra bl-infrastruttura tal-broadband ta' veloċità għolja u bit-tagħmir diġitali meħtieġa, b'mod partikolari dawk li jinsabu f'żoni bi sfidi ġeografiċi, demografika jew soċjali, sabiex jiġi evitat li jiżdienu d-diskrepanzi edukattivi u kulturali fl-era diġitali.</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 12**

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

## Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
15. tivvaluta u tevalwa l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, <b>b'mod partikolari</b> permezz tal-qafas ET2020, inkluż il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.	15. tivvaluta u tevalwa l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, <b>fuq bażi annwali permezz tas-Semestru Ewropew, u</b> permezz tal-qafas ET2020, inkluż il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

**Raġuni**

L-inklużjoni ta' din id-dimensjoni fil-proċess tas-Semestru Ewropew tippermetti għal monitoraġġ u evalwazzjoni effiċjenti tal-iżviluppi fil-qasam.

**II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**

## IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

**Kummenti ġenerali**

1. jappoġġja l-viżjoni ġenerali ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u jaqbel li l-edukazzjoni u l-kultura huma fatturi ewlenin biex l-Ewropa ssir aktar reżiljenti fil-kuntest ta' globalizzazzjoni aktar mgħaġġla u x-xejriet ġeopolitiċi attwali;
2. jaqbel dwar il-ħtieġa li jitrawwem appoġġ għas-sett bażiku ta' valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea u li l-Istati Membri ntrabtu magħhom meta ssieħbu fl-UE; jenfazizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li jissokta l-impenn komuni biex dawn il-valuri jitħarsu bħala element essenzjali tal-identità kulturali, li jirrikjedi ċittadinanza Ewropea attiva li toriġina mid-diversità kulturali;
3. jenfazizza li l-edukazzjoni u l-kultura għandhom impatt kbir fuq l-oqsma kollha tal-ħajja u b'mod speċifiku fuq it-tisħiħ tas-soċjetà, u għaldaqstant huma għodod ewlenin li jwasslu għal integrazzjoni kulturali akbar bejn l-Ewropej, biex b'hekk tiġi promossa inklużjoni soċjali, jinnotta li l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza hija element essenzjali f'dan ir-rigward u jisħaq li s-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-UE fost il-pubbliku ġenerali għandha tkun indirizzata primarjament lejn iż-żgħażaġh<sup>(1)</sup>;
4. jenfazizza li r-responsabilità primarja għall-edukazzjoni u l-kultura politika hija f'idejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom u li l-azzjoni tal-UE f'konformità mal-Artikolu 6 tat-TFUE għandha biss tikkomplementa, tappoġġja jew tikkordina l-azzjoni tal-Istati Membri u tipprovdi inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali u lokali f'dan il-qasam. Jenfazizza li kull azzjoni tal-UE f'dan il-qasam għandha tkun kompletament iġġustifikata mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;
5. jenfazizza r-rwol tal-kultura bħala fattur li jikkontribwixxi għat-tiswir tal-identità, u għaldaqstant il-ħtieġa li jkun indirizzat it-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-kultura sabiex tkun sostnuta l-legalità tal-istrutturi demokratiċi fil-livell Ewropew, u b'hekk tappoġġja inizjattivi għal għarfien reċiproku u familjarizzazzjoni fost l-Ewropej dwar il-valur intrinsiku tal-espressjoni kulturali u artistika, sabiex issaħħaħ il-komponenti kulturali komuni tal-identità Ewropea tagħna;
6. jirrimarka li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewleni x'jaqdu fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni u l-kultura minħabba l-qrubija tagħhom lejn l-Ewropej u jinsisti li dawn ikomplu jaqdu rwol ċentrali fl-implimentazzjoni u l-adattament tal-miżuri u r-riformi proposti;

<sup>(1)</sup> CDR 1319/2017.

7. iqis li kif inhi bħalissa, il-miżura proposta ma tidhirx li tqajjem xi tħassib dwar is-sussidjarjetà u jenfazizza l-importanza li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità sabiex ikun żgurat li ma jiġi ġġenerat l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat appoġġ finanzjarju b'saħħtu għall-politiki u l-programmi tal-edukazzjoni u l-kultura fil-QFP li jmiss;

### L-aġenda Ewropea

8. jaqbel dwar l-importanza tal-iżviluppi ewlenin elenkati, u jirrimarka li dawn mhumiex indipendenti, u jitlob li titwettaq ir-riċerka dwar il-modi fejn dawn jiddependu minn xulxin;

9. l-importanza tan-netwerk Europe Direct għandha tiġi enfazizzata fir-rigward tal-kuxjenza u d-disseminazzjoni tal-proġett Ewropew tal-integrazzjoni, għaliex l-oġġettivi tiegħu jinkludu li tingħata l-informazzjoni liċ-ċittadini tal-UE dwar il-proġett;

10. jappoġġja għalkollox li fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiġi inkorporat id-dritt għall-edukazzjoni u t-taħriġ bħala dritt fundamentali soċjali u tal-bniedem <sup>(2)</sup>;

### L-identità Ewropea u l-kuxjenza dwar il-wirt kulturali

11. jenfazizza l-importanza tal-valuri tal-UE riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà – sabiex jintlaħaq il-ġid komuni, u għalhekk jitlob għal aktar inklużività, rispett tal-wirt spiritwali u morali tal-popli tal-Ewropa u l-valorizzazzjoni tal-inizjattivi li jippromovu l-għixien aħjar flimkien;

12. itenni l-importanza li jingħataw l-attenzjoni u r-riżorsi għall-aspetti tal-għarfien u t-tixrid tal-kultura, l-istorja l-identità Ewropej. F'dan ir-rigward, huwa propost li l-Programm “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” jiġi estiż biex numru akbar ta' inizjattivi marbuta ma' dan il-għan ikunu jistgħu jirċievu appoġġ;

13. jenfazizza l-importanza tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-azzjoni politika tal-UE u, kif jingħad fir-rapport dwar “Reaching out to EU Citizens: a new opportunity”, jisħaq dwar ir-rwol essenzjali tal-kunċett tal-komunità, li jħaddan il-kunċetti lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali li jgħixu fihom iċ-ċittadini sabiex jinħoloq spazju pubbliku komuni, li fih l-individwi jkunu jistgħu jaġixxu flimkien dwar bażi miġnija fuq il-valuri.” <sup>(3)</sup> Għalhekk l-identità Ewropea u l-valuri kondiviżi tagħha għandhom jikkomplementaw il-perċezzjonijiet reġjonali u nazzjonali eżistenti li jirrigwardaw l-appartenenza sabiex tiġi promossa ċ-ċittadinanza f'diversi livelli, kif inhu pprovdut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Lisbona;

14. itenni l-importanza tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 fil-promozzjoni tal-kuxjenza kulturali u kif ukoll ir-rwol tal-kultura kemm fit-tisħiħ tal-identità Ewropea u kif ukoll fl-appoġġ tal-inklużjoni;

15. jappella għal impenn aktar qawwi mal-Istati Membri, kif ukoll mar-reġjuni u l-bliet tagħhom biex tiġi żviluppata viżjoni Ewropea u tiġi promossa viżibbiltà akbar ta' proġetti u inizjattivi tal-UE, li attwalment qed jixxekkel ta' spiss minħabba n-nazzjonalizzazzjoni tas-suċċessi u l-Ewropizzazzjoni tal-fallimenti tal-UE, kif saħaq il-President Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni 2016;

16. jappella għal miżuri speċifiċi biex jiġu ppreservati, żviluppati u ppopolarizzati l-arti u s-snajja' tradizzjonali Ewropej, l-inizjattivi tal-patrimonju ħaġ u tal-istorja, kif ukoll inizjattivi u attivitajiet kulturali u artistiki oħra li jagħmlu parti mill-kultura tas-soċjetà Ewropea kontemporanja u li jippromovu identità komuni, minħabba n-natura interattiva tagħhom li tiffaċilita t-tagħlim bil-prattika u l-involvement kulturali;

17. għalhekk jitlob li s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 tiġi nkluża f'inizjattivi strateġiċi li jappoġġjaw l-iżvilupp kulturali, iżidu l-għarfien reċiproku tar-reġjuni u joffru opportunitajiet ġodda għat-turiżmu kulturali sostenibbli; Inizjattivi bħal dawn jistgħu jiġu ffinanzjati permezz tal-programm Ewropa Kreattiva, u b'hekk jiġi appoġġjat it-tixrid tal-wirt kulturali Ewropew lil hinn mill-2018;

<sup>(2)</sup> CDR 3141/2017.

<sup>(3)</sup> “Reaching out to EU Citizens: a new opportunity” (Mhux disponibbli bil-Malti) (p. 10), minn Luc Van den Brande, membru tal-KtR u Konsulent Speċjali tal-President Juncker dwar il-komunikazzjoni maċ-ċittadini ([https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/reaching-out-to-citizens-report\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/reaching-out-to-citizens-report_en.pdf))

18. ihegġegħ li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jiġi sfruttat minn din l-inizjattiva biex tissaħħaħ l-identità Ewropea, billi jiġu stabbiliti rabtiet aktar mill-qrib bejn it-tikketta u r-regġuni, jiġu ċċarati l-proċeduri ta' selezzjoni għal postijiet ġodda tat-tikketta, biex b'hekk din issir iktar magħrufa u tiġi pprovduta b'mezzi effettivi ta' tixrid;
19. jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' opportunitajiet ġodda u li jiġi mwessa' l-ambitu ta' dawk eżistenti għall-mobilità kulturali għar-regġuni kollha, inklużi żoni aktar remoti bħar-regġuni ultraperiferiċi u insulari;
20. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġionali qegħdin fl-aħjar pożizzjoni strateġika biex janalizzaw u jwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi tal-popolazzjoni differenti fit-territorji tagħhom, biex iwittu t-triq għal djalogu interkulturali effettiv u biex jissaħħaħ l-għarfien u jiġi ffaċilitat l-aċċess tan-nies għall-kultura Ewropea komuni;
21. jinnota l-importanza li jiġu previsti użi u applikazzjonijiet ġodda għall-wirt kulturali, l-iżvilupp tal-industriji kulturali u kreattivi, u t-taħriġ u l-ispeċjalizzazzjoni tal-professionisti futuri fil-qasam kulturali;
22. jenfasizza r-rwol tal-kultura bħala mezz biex tqarreb aktar il-popli lejn xulxin, u tippermettilhom li jstabbilixxu rabtiet kulturali u lingwistiċi. Hija wkoll għodda li tippermetti d-djalogu politiku u ekonomiku, peress li dan jippromovi l-għarfien reċiproku u jiġġenera l-fiducia, l-interess u r-rispett fost l-Istati Membri;
23. jirrimarka l-importanza li l-kultura Ewropea u l-valuri li jirriżultaw minnha jitgħaddew liż-zgħażaġh Ewropej;

### L-edukazzjoni

24. jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà fl-Ewropa tista' tkun – fl-edukazzjoni wkoll – l-iktar sforz trasformattiv tal-UE bħalissa. Dan huwa proċess gradwali u multidimensjonali li jrid jiżviluppa mhux biss l-esperjenza tal-istudenti ta' kull età fil-klassi, iżda wkoll il-komunikazzjoni, l-evalwazzjoni, il-governanza u l-amministrazzjoni, il-ġbir u l-analiżi tad-data fl-istadji kollha tal-edukazzjoni;
25. jiġbed l-attenzjoni għall-effetti tal-użu ħażin tar-riżorsi diġitali, li jistgħu jsiru strument ta' propaganda perikoluża fidejn tal-forzi antidemokratiċi; jilqa', għalhekk, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew" <sup>(4)</sup>, li jerġa' jsemmi b'mod ġenerali l-erba' prinċipji tat-"trasparenza, l-integrità, il-parteċipazzjoni u l-kollaborazzjoni", kif identifikati fir-Rapport "Reaching out to EU Citizens: a new opportunity" <sup>(5)</sup>;
26. jinsab imħasseb li, fi kliem il-Kummissjoni, "ħafna skejjel għad m'għandhomx aċċess għal konnettività b'veloċità għolja u tagħmir diġitali". Dan huwa aggravat mill-fatt li ħafna minn dawn l-iskejjel jinsabu freġġuni bi sfidi demografiċi, ġeografiċi u soċjali – inklużi r-regġuni insulari, remoti u ultraperiferiċi – u l-lakuni edukattivi se jiżdiedu, aktar milli jonqsu, sakemm ma jittiħdux miżuri malajr;
27. jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tintroduċi rekwiżiti addizzjonali għall-għalliema f'termini ta' ħilet u kompetenzi u li l-partijiet interessati jeħtieġu li jħejju l-forza tax-xogħol edukattiva fi żmien xieraq u b'mod adegwat fl-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom; fl-istess ħin juri li dan jista' jipprovidi opportunitajiet għal metodi ta' taġħlim innovattivi u għal interazzjoni;
28. wissa wkoll li ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni żżid ukoll il-vulnerabbiltà għall-attakk u l-impatt ta' theddid ċibernetiku possibbli, li huwa aggravat aktar min-natura kritika u privata tad-data li jiġbru l-iskejjel u li joperaw biha;
29. fir-rigward tal-punt preċedenti, jirrakkomanda bil-qawwa li l-kunċett ta' "sigurtà pplanata" għandu jiġi applikat lis-sofwer edukattiv u lil kwalunkwe sofwer jew bażijiet tad-data oħrajn użati mill-istituzzjonijiet edukattivi; għandhom jiġu introdotti politiki trasparenti għall-ġbir u l-ħżin ta' data personali;

<sup>(4)</sup> COM (2018) 236 final.

<sup>(5)</sup> [https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/reaching-out-to-citizens-report\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/reaching-out-to-citizens-report_en.pdf)

30. filwaqt li jirrikonoxxi li l-identità, il-valuri u l-attitudnijiet inizjali jissawru, fil-biċċa l-kbira, fil-familja, u b'mod ġenerali fl-ambjent usa' tad-dar, iħeġġeġ il-ħolqien ta' miżuri biex jaħdmu b'mod attiv mal-ġenituri, it-tisħiħ tal-konnessjonijiet bejn il-ġenituri u l-iskola u "l-approċċ edukattiv sħiħ" b'mod ġenerali;

31. jirrimarka li ħiliet dgħajfa tal-lingwa huma ostakolu ewlieni għall-moviment liberu tal-ħaddiema u jenfasizza li l-inizjattivi ta' taġħlim tul il-ħajja, u programmi ta' taġħlim tal-lingwa ta' introduzzjoni u dawk kontinwi, jippermettu lill-forza tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea u lill-professjonijiet taġħha jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

32. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-taġħlim tal-lingwi huwa meqjus ħafna aktar effettiv f'età żgħira, u jitlob biex it-taġħlim tal-lingwi jaqdi rwol aktar b'saħħtu fil-kurrikulu tal-iskejjel primarji;

33. jissuġġerixxi li l-livell ta' gvern responsabbli għall-iffissar tal-kurrikulu edukattiv għall-iskejjel ipoġġi aktar enfasi fuq l-aspetti kulturali u etnografiċi tal-istorja, b'analiżi kritika u filosofika tal-valuri universali fid-diversità, u jinkludi taqsima fil-kurrikulu dwar l-Unjoni Ewropea, li tenfasizza r-rwol tad-drittijiet tal-bniedem, iċ-ċittadinanza Ewropea bħala ideal u l-kosmopolitaniżmu bħala komponenti tal-Unjoni; b'hekk jissuġġerixxi li jkun hemm aktar kollaborazzjoni mal-atturi kulturali fil-livell lokali, pereżempju billi jtfassal pjan ta' edukazzjoni kulturali li jappoġġja l-ħidma fil-kurrikulu tal-iskejjel u rotta kulturali li tippreżenta l-offerta tal-kultura u tal-arti;

34. barra minn hekk jitlob biex is-suġġetti rilevanti għad-diġitalizzazzjoni tas-soċjetà jingħataw prominenza akbar, sabiex dawk li qed jitgħallmu jsiru familjari mal-kunċetti ta' kodifikazzjoni u jiġu introdotti l-kompetenzi, mhux biss strumentali iżda wkoll etiċi, kritiċi u riflessivi, fil-qasam taċ-ċibersigurtà, in-netwerking soċjali u l-litteriżmu medjatiku;

35. jappoġġja l-intenzjoni tal-Kunsill li jipprovi lil kull student jew apprentice fl-Ewropa b'tal-inqas esperjenza intraprenditorjali waħda possibbilment f'pajjiż ieħor tal-UE u jirrakkomanda żieda fil-prattiċi ta' taġħlim ibbażati fuq ir-riċerka, il-proġetti u l-intraprenditorja kemm fl-edukazzjoni formali u kemm f'dik informali kif ukoll f'negozji, assoċjazzjonijiet, fundazzjonijiet jew kwalunkwe tip ieħor ta' entità privata jew pubblika, b'hekk jiġi promoss l-ispirtu intraprenditorjali u kreattiv; Għalhekk jappella għal aktar kooperazzjoni bejn l-iskejjel, is-settur privat u l-korpi tat-tielet settur, u jappella wkoll biex jtfasslu programmi edukattivi li għandhom l-għan li jqabblu l-ħiliet tal-istudenti mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

36. jappoġġja l-miżuri li jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kull student u apprentice u t-tnaqqis fl-inugwaljanza, u jagħti parir li għandha titwettaq riċerka fil-fond tal-kawżi sottostanti għal dawn l-inugwaljanzi sabiex titjieb l-effikaċja ta' inizjattivi Ewropej f'dan il-qasam;

37. jirrakkomanda b'mod espliċitu filwaqt li jirrimarka li "azzjoni lil hinn minn opportunitajiet indaqs" għandha tintfieh bħala "l-għoti ta' opportunitajiet ekwi" bħala mezz biex tkun żgurata l-inklużjoni, li tirrikjedi azzjoni deċiżiva. Azzjoni bħal din ma tistax tkun limitata biex ikun trattat l-eżitu ta' kwistjonijiet bħalma huma l-inugwaljanza, s-sottorappreżentanza u l-esklużjoni billi jibbilanċjaw mill-ġdid l-opportunitajiet edukattivi. Minflok, l-awtoritajiet għandhom jimmiraw il-miżuri taġħhom biex isolvu l-kawżi sottostanti u jgħinu liċ-ċittadini u l-komunitajiet affettwati biex jegħlubhom. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li huma l-eqreb lejn iċ-ċittadini Ewropej għandhom jingħataw is-setgħa biex iwettqu riċerka, ifasslu u jimplimentaw miżuri bħal dawn skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunitajiet lokali;

38. jenfasizza l-importanza kritika li jiġu eżaminati d-disparitajiet reġjonali, jiġu stabbiliti bażijiet komuni fit-taġħlim fil-primarja u s-sekondarja tas-sistemi edukattivi tal-pajjiżi tal-Unjoni u b'hekk jiġu evitati l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mill-ispariġġi u min-nuqqas ta' ħiliet fl-UE meta jtfasslu r-riformi tas-sistemi edukattivi u dawk tat-taħriġ; Jirrimarka, barra minn hekk, li sabiex ikun hemm rabta mill-ġdid ma' organizzazzjonijiet sportivi fil-livell lokali, jeħtieġ li l-UE tirrikonoxxi b'mod sħiħ u tisfrutta l-għarfien esperti tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili<sup>(6)</sup>;

39. itenni l-importanza li jinħoloq qafas komuni għar-rikonoxximent tal-edukazzjoni informali u mhux formali sabiex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' proċeduri nazzjonali rilevanti;

40. jappoġġja bil-qawwa t-tisħiħ tal-programm Erasmus + bil-għan li jkun irduppjat in-numru ta' parteċipanti, jintlaħqu persuni li qed jitgħallmu minn sfondi żvantaġġati sal-2025 u li jiġi estiż lejn it-taġħlim tul il-ħajja u l-mobilità tal-edukaturi sabiex jggarantixxi l-mobilità għall-istudenti kollha taħt kundizzjonijiet ugwali, irrispettivament minn fejn jgħixu, inklużi dawk minn żoni remoti, insulari u tar-reġjuni l-aktar imbiegħda;

<sup>(6)</sup> Van den Brande, Reaching out to EU Citizens: a new opportunity, p. 14 (Mhux disponibbli bil-Malti).

41. jirrakkomanda li sabiex jiġu miġġielda l-kampanji ta' diżinformazzjoni u x-xejra ta' aħbarijiet foloz, l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiġu mħeġġa u megħjuna biex jirreaġixxu malajr u biex b'mod proattiv jipprovdu data rilevanti f'mod komprensiv. Mekkaniżmi aħjar biex jindirizzaw il-mistoqsijiet u t-tħassib taċ-ċittadini jistgħu wkoll jiġu implimentati bl-għajjnuna ta' teknoloġiji moderni tal-Internet;
42. jirrimarka li sabiex jingħata aċċess ugwali għar-riżorsi tal-Erasmus+, kull ċittadin Ewropew għandu jkollu aċċess indaqs għall-informazzjoni u l-appoġġ. Għalhekk, għandhom isiru arranġamenti speċjali sabiex jintlaħqu studenti minn ambjenti żvantaġġati. Meta l-awtoritajiet lokali u regionali jingħataw il-possibilità biex jgħinu liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet mill-komunità tagħhom biex jipparteċipaw fil-programm, ikun hemm potenzjal li jingħata appoġġ biex l-Erasmus+ jiġi estż b'mod sostenibbli u effiċjenti;
43. jirrakkomanda attivitajiet immirati lejn iż-żieda tal-kapaċità amministrattiva tal-uffiċċji tal-Erasmus+ eżistenti, bħal skambji tal-persunal għal perjodu qasir, ġranet ta' informazzjoni amministrattiva u oħrajn meqjusa meħtieġa, sabiex jitnaqqas id-distakk fl-amministrazzjoni tal-Erasmus+ fl-istituzzjonijiet edukattivi differenti li min-naħa tiegħu jwassal għal inugwaljanza fl-opportunitajiet għall-istudenti ta' dawk l-istituzzjonijiet;
44. jissuġġerixxi l-inklużjoni ta' attivitajiet li jagħmlu parti mill-qasam tax-xjenza mill-pubbliku u mill-ħsieb filosofiku relatat fl-ambitu ta' Erasmus +, minħabba r-rilevanza tagħhom għat-tagħlim tul il-ħajja, l-abbiltà li jibnu mudelli qawwija tal-pari u l-importanza tagħhom biex jippromovu x-xjenza, ix-xjenzi umanistiċi, ix-xjenzi soċjali u t-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika;
45. jirrimarka li t-tagħlim tul il-ħajja jinkludi, imma mhux ekwivalenti għall-edukazzjoni għall-adulti. L-edukazzjoni għall-adulti tindirizza l-ħtiġijiet edukattivi li jirriżultaw mit-trasformazzjoni fil-ħidma għal espansjoni tal-popolazzjoni adulta, kif ukoll għarfien u ħiliet soċjali fil-kuntast tat-tagħlim tul il-ħajja. Dan jiddependi fuq attitudni ta' sħarriġ kontinwu u l-kisba tal-għarfien u l-eċċellenza li jistgħu jiġu kkultivati minn kmieni sa mill-edukazzjoni primarja (jew qabel il-primarja) u għandhom ikunu integrati fl-istadji kollha tal-edukazzjoni;
46. huwa konxju li t-tiħiħ ta' Erasmus+ ser jeħtieġ finanzjament ambizzjuż u proċeduri aktar sempliċi sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-programm; f'dak ir-rigward jagħraf li r-Renju Unit attwalment huwa parteċipant prinċipali fil-programm u għalhekk jappella għan-negożjati li għaddejjin sabiex l-awtoritajiet lokali u r-reġjuni tar-Renju Unit ikunu jistgħu jkompli jipparteċipaw fil-programmi ta' kooperazzjoni Ewropej wara l-2020 bl-istess mod kif diġa jagħmlu l-Istati Membri oħra li mhumiex fl-UE;
47. appoġġja bis-ħiħ miżuri prijoritarji biex jinbnew sistemi inklużivi u konnessi ta' edukazzjoni għolja u jitlob li tingħata attenzjoni partikulari lill-universitajiet periferiċi u lil dawk ultraperiferiċi u lill-kooperazzjoni transkonfinali. Is-suppożizzjoni sottostanti għandha tkun it-twemmin li l-ebda università ma hija periferali u l-universitajiet kollha huma jew għandhom ikunu wkoll reġjonali;

### **Politiki ewlenin**

48. jilqa', b'mod ġenerali, is-suġġerimenti politiċi ewlenin avvanzati mill-Kummissjoni Ewropea u jenfasizza l-importanza li tiġi involuta s-soċjetà Ewropea, b'mod partikolari ż-żgħażaġh u tinstema' meta jkunu qed jitfasslu r-riformi tal-politika edukattiva u kulturali;
49. iwissi li t-tiħiħ tad-dimensjoni Ewropea tal-Euronews huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda dan jista' jkun biss parti waħda minn politika ħafna aktar komprensiva u strateġija dwar il-midja u l-informazzjoni, li jwieġbu għall-iżviluppi soċjali u ġeopolitiċi reċenti.

Brussell, is-17 ta' Mejju 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ



**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Il-Wirt Kulturali bħala riżorsa strateġika għal reġjuni aktar koeżivi u sostenibbli fl-UE**

(2018/C 361/06)

**Relatur:** Babette WINTER (DE/PSE), Segretarja tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej u l-Kultura fil-Kancellarja tal-Istat ta' Thüringen

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

**Id-diversità kulturali u l-wirt komuni Ewropew**

1. jirrikonxxi li d-diversi forom tal-wirt kulturali huma ġid prezzjuż għall-Ewropa: Dan huwa strument b'potenzjal kbir ta' ingranaġġ għal reġjuni aktar koeżivi u sostenibbli fl-UE, li jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-identità f'reġjun u fl-Ewropa kollha; u b'mod partikolari tgħodd għall-motto tal-UE: "Magħquda fid-diversità" u jikkomplementa l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tirrispetta d-diversità kulturali, kif imħaddan fl-Artikolu 22 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali;
2. ibbaża din l-Opinjoni fuq dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, <sup>(2)</sup>, il-Kunsill Ewropew <sup>(3)</sup> u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) <sup>(4)</sup> dwar il-ġejjieni tal-Ewropa u t-tisħiħ ta' identità Ewropea permezz tal-edukazzjoni u l-kultura;
3. jenfasizza l-importanza tal-valuri tal-UE riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – id-dinjità, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà – sabiex jintlaħaq il-ġid komuni, u għalhekk jitlob għal aktar rispettt lejn it-tradizzjoni u l-inklużività fil-promozzjoni tal-wirt kulturali;
4. jenfasizza li l-wirt u l-identità kulturali huma mezz importanti għall-promozzjoni tal-għarfien u tas-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar l-għerūq kulturali, filosofiċi u reliġjużi komuni fl-Ewropa fid-diversità kollha tagħhom. Il-wirt kulturali u l-identità kulturali jistgħu jtejbu l-fehim tat-tibdil u l-istorja tas-soċjetà u jżidu t-tolleranza u t-tħaddin tad-differenzi, bħala risposta għall-Ewroxiżmu u firdiet anti-Ewropej li qed jikbru;
5. jissottolinja li bit-tagħrif li għandna dwar ir-rabtiet fl-Ewropa li ilhom jeżistu sekli sħaħ, id-diversità u d-differenzi għandhom jiġu aċċettati b'rispettt reċiproku, u ma għandhom bl-ebda mod jintużaw biex joħlqu xi distinzjonijiet u għalhekk jirrifjuta kwalunkwe abbuż tal-patrimonju kulturali għad-demarkazzjoni kemm fl-UE kif ukoll 'il barra minnha;
6. jinnota li, filwaqt li l-istħarriġ tal-Ewrobarometru <sup>(5)</sup> juri li iċ-ċittadini tal-UE jqisu l-kultura bħala l-kolla l-aktar b'saħħitha biex tgħaqqad lill-Unjoni Ewropea – iktar mill-valuri Ewropej u l-istat tad-dritt – fl-istess ħin aktar minn 50 % ta' dawk li wiegħu qalu li m'hemmx kultura Ewropea komuni <sup>(6)</sup>;
7. huwa tal-fehma li dawn ir-riżultati jikkuntradixxu lil xulxin biss b'mod superfiċjali: minflok, jesprimu l-idea li l-Ewropa għandha għerūq kulturali komuni u interkonnessjonijiet li jikkoinċidu f'diversi modi fil-livell reġjonali, u dan jirrifletti l-mudell ta' UE li hija "Magħquda fid-diversità";
8. jinnota li, b'riżultat ta' dan, l-amministrazzjonijiet reġjonali għandhom responsabbiltà partikolari li jippromwovu l-kultura bħala dik il-ħaġa li tgħaqqad is-soċjetà – kemm fir-rigward tal-kultura speċifika tar-reġjun tagħhom kif ukoll permezz ta' rabtiet u skambji fi ħdan l-Ewropa u lil hinn mill-fruntieri attwali tal-Unjoni Ewropea – u b'hekk l-UE ssir il-fulkru tal-kontinent tal-Ewropa;

<sup>(1)</sup> White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025 (COM(2017) 2025 final).

<sup>(2)</sup> Komunikazzjoni dwar "It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura", għal-laqgħa informali tal-kapijiet ta' stat jew ta' gvern f'Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017 (COM(2017) 673 final).

<sup>(3)</sup> "Leaders' Aġenda: Education and culture": disponibbli fuq [http://www.european-council.europa.eu/media/31544/en\\_leaders-agenda-note-on-education-and-culture.pdf](http://www.european-council.europa.eu/media/31544/en_leaders-agenda-note-on-education-and-culture.pdf).

<sup>(4)</sup> RESOL-VI/014, CdR 4785/2016 fin.

<sup>(5)</sup> Standard Eurobarometer 88.

<sup>(6)</sup> Special Eurobarometer 466.

9. għalhekk ihegġegħ lill-Unjoni biex iżżid l-identità u l-valuri komuni tagħha stess fil-perċezzjonijiet reġjonali u nazzjonali eżistenti li jirrigwardaw l-appartenenza sabiex tiġi promossa ċ-ċittadinanza f'diversi livelli, kif inhu pprovdut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Lisbona;

10. jirreferi għar-rapporti tal-Istati dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Unesco<sup>(7)</sup>, li ħafna mill-Istati Membri tal-UE, għalkemm mhux kollha, huma msieħba;

11. jikkonferma d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea<sup>(8)</sup>, li r-responsabbiltà għall-edukazzjoni u għall-kultura tinsab l-ewwel nett fil-livelli nazzjonali, lokali u reġjonali tal-Istat Membri; Billi l-Artikoli 6 u 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxu l-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-kultura biss bħala dik li tagħti appoġġ, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, il-KtR jappoġġja l-inizjattivi tal-UE fi ħdan dan il-mandat, li jenfasizzaw id-dimensjonijiet Ewropej u transnazzjonali importanti f'dan il-qasam ta' politika;

12. jilqa' l-fatt li l-laqgħa informali tal-Ministri tal-kultura taħt il-motto "Kultura – valur inklużiv tal-UE" u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura<sup>(9)</sup> jenfasizzaw l-importanza ta' aċċess għall-kultura, il-preservazzjoni tal-wirt kulturali, il-mobbiltà tal-artisti, u appoġġ pubbliku akbar;

### **Il-wirt kulturali u attivitajiet kulturali għall-identifikazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp soċjali**

13. jenfasizza li l-wirt kulturali jista' jsaħħaħ l-perċezzjonijiet tan-nies dwar identità komuni fi ħdan ir-reġjun u r-rabtiet tagħha mat-tradizzjonijiet u l-istorja tagħhom stess, u jista' jassisti l-iżvilupp ta' kooperazzjoni intrareġjonali. Dan jista' jagħti spinta biex jinbdeu inizjattivi kulturali u edukattivi ġodda u djalogu interkulturali, u b'hekk jinkoraġġixxu l-attività soċjali;

14. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom kompetenzi importanti fil-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, speċjalment fil-koordinazzjoni ta' networks lokali u reġjonali multidimensjonali fil-qasam kulturali, li jinvolvu lill-atturi prinċipali kollha. F'dan il-kuntest għandhom jissaħħu s-sħubijiet pubbliċi-privati;

15. jilqa' r-rikonoxximent tal-mexxejja tal-UE tal-edukazzjoni, il-kultura u l-politiki mmirati lejn iż-żgħażaġh fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma<sup>(10)</sup>, u japprova l-valutazzjoni dwar il-fatt li "l-edukazzjoni [...] u l-kultura huma importanti mhux biss għall-kompetittività iżda wkoll l-inklużività u l-koeżjoni tas-soċjetajiet tagħna";

16. jenfasizza l-importanza tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 (EYCH 2018) bħala inizjattiva sinifikanti, u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea diġà ħabbret valutazzjoni; jenfasizza b'rabta ma' dan li l-effetti pożittivi tal-EYCH 2018 iridu jiġu amplifikati iżjed permezz ta' miżuri ta' segwitu fis-snin il-ġejjin. Dan għandu jiġi rifless ukoll fid-diversi programmi ta' appoġġ tal-QFP li jmiss sabiex jingħata sostenn lid-disseminazzjoni tal-wirt kulturali Ewropew wara l-2018;

17. jirrimarka li l-mobbiltà tal-artisti – iffaċilitata fost l-oħrajn minn Ewropa Kreattiva – tikkontribwixxi għas-suċċess tal-integrazzjoni Ewropea, u għalhekk iqis li huwa meħtieġ li jitkompla u jespandi l-programm Ewropa Kreattiva;

18. huwa konvint li l-wirt kulturali jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u l-kwalità tal-ħajja. Minħabba r-rabtiet storiċi inerenti tiegħu ma' postijiet speċifiċi, li mhumiex biss postijiet miżjura ppreferuti, iżda wkoll postijiet u reġjuni li bħalissa qed jiffaċċjaw sfidi partikolari, jista' joffri opportunitajiet ta' żvilupp, mhux l-inqas permezz tal-potenzjal enormi tiegħu għall-ħolqien tal-impjeg. Dan japplika speċjalment għal reġjuni milquta mill-bidla demografika u mit-tnaqis fil-popolazzjoni, għal reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll għal żoni metropolitan bi sfidi partikolari marbuta mal-integrazzjoni;

19. jenfasizza li approċċi parteċipattivi fi ħdan l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkunu mezz tajjeb biex tiġi stabbilita bażi soċjali wiesgħa għal kunċetti ta' żvilupp kulturali u biex jinkiseb aktar appoġġ għall-investment kulturali, kif ukoll l-identifikazzjoni miegħu. Dan se jwassal għal spinta sostenibbli tal-interazzjoni soċjali u r-responsabbiltà tas-soċjeta għall-wirt kulturali lokali;

<sup>(7)</sup> Konvenzjoni li tikkonċerna l-protezzjoni tal-kultura u l-wirt naturali tad-dinja, Adottata mill-Konferenza Ġenerali fis-sbatax-il sessjoni tagħha f'Pariġi, 16 ta' Novembru 1972.

<sup>(8)</sup> COM(2017) 673 final.

<sup>(9)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma għall-Kultura (2015-2018) (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4).

<sup>(10)</sup> [https://europa.eu/european-union/eu60\\_mt](https://europa.eu/european-union/eu60_mt).

20. ihegġegħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jevalwaw l-esperjenzi tagħhom ma' dan it-tip ta' approċċ parteċipattiv u jaqsmuhom ma' xulxin;
21. jitlob li jkun hemm titjib fl-iskambju bejn diversi atturi fir-rigward ta' modi possibbli kif il-libreriji, il-mużewijiet u postijiet oħra kulturali jistgħu jiġu żviluppati biex iservu ta' Agora, "Post Terz", għall-iskambji u l-parteċipazzjoni f'diskussjonijiet dwar il-futur tal-ibliet u r-reġjuni tagħna. F'dan il-kuntest, tingħied l-attenzjoni lejn il-possibbiltà li jintużaw in-netwerks ta' informazzjoni ġenerali tal-Unjoni Ewropea bħalma huma l-Europe Direct;
22. fl-istess ħin, ihegġegħ lill-UE biex tagħmel aktar biex tippromwovi l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali u bejn ir-rappreżentanti ta' istituzzjonijiet kulturali f'reġjuni differenti u bejn Stati Membri;
23. jinnota f'dan il-kuntest l-ostakli lingwistiċi huma xkiel partikolari għall-partijiet interessati lokali u li hemm bżonn ta' appoġġ fil-livell Ewropew biex dawn jingħelbu;
24. barra minn hekk jappoġġja l-inklużjoni kontinwa, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP), ta' infrastruttura ta' appoġġ għall-wirt kulturali, b'enfasi partikolari fuq il-koeżjoni soċjokulturali. Barra minn hekk, ktajjen ta' produzzjoni li jinvolvu l-ġestjoni sostenibbli tal-wirt kulturali għandhom jiġu msaħħa, u proġetti ta' kooperazzjoni transsettorjali – eż. bejn il-wirt kulturali u l-edukazzjoni – għandhom ikunu appoġġati;
25. jenfasizza li l-kultura hija kompitu maqsum bejn l-atturi soċjali kollha – l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-Istati Membri – iżda fl-istess ħin, il-kultura tirrikjedi wkoll finanzjamenti privati speċifiċi u attivitajiet volontarji jew tas-soċjeta' ċivili;
26. jenfasizza l-fatt li d-diġitalizzazzjoni – kemm tal-wirt kulturali kif ukoll tal-mezzi kif jinxtered – tippreżenta potenzjal enormi għall-ġejjieni: jista' joħloq forum ġodda ta' aċċess, partikolarment għaż-żgħażaġħ, u tista' wkoll ixxerred l-għarfien dwar id-diversità kulturali bejn il-fruntieri, madwar l-Ewropa kollha. Id-diġitalizzazzjoni hija wkoll intrinsikament transnazzjonali, u hija għodda utli haġna għall-iżvilupp ta' forma ta' turiżmu li huwa kemm diversifikat kif ukoll sostenibbli;
27. għalhekk jistieden lil-livelli kollha tal-gvern biex jappoġġaw bil-qawwa l-Europeana bħala spazju diġitali pubbliku għal wirtna;
28. jappoġġja s-sejħa minn Culture Action Europe <sup>(11)</sup> biex jiġi żgurat li tal-anqas 1 % tal-QFP li jmiss jiġi allokati għall-kultura bejn l-oqsma ta' politika u l-programmi ta' finanzjament;

### **L-influwenza tal-wirt kulturali fuq it-turiżmu u l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni**

29. jenfasizza l-valur tal-wirt kulturali għall-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni, prinċipalment permezz tat-turiżmu, peress li 26 % tal-vjaġġaturi tal-UE <sup>(12)</sup> jindikaw li l-kultura hija fattur ewlieni fl-għażla tad-destinazzjoni tal-btala tagħhom, iżda tirrappreżenta wkoll fattur determinanti għat-tisħiħ tal-attrazzjoni tal-impjegi;
30. jinnota li l-industrija kulturali u kreattivi jammontaw għal aktar minn 3 % tal-PDG u madwar l-istess ċifra għall-impjegi fl-UE <sup>(13)</sup>. Din l-industrija qed issir ukoll fattur ekonomiku dejjem aktar importanti speċjalment f'żoni ta' konurbazzjoni;
31. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali integraw b'suċċess l-industrija kulturali u kreattivi fl-istrateġiji ta' żvilupp tagħhom, u li dan kien ta' għajjnuna biex l-ekonomija lokali tingħata spinta 'l quddiem, u ffavorixxa wkoll il-ħolqien ta' intrapriżi ta' servizzi kwalifikati u multisettorjali. Sabiex isir użu saħansitra akbar tal-potenzjal kreattiv tar-reġjuni, huma mixtieqa enarji ta' finanzjament usa', transekonomiċi u transkulturali;
32. jinnota li flimkien mal-prijorità tar-ristorazzjoni u l-preservazzjoni tal-monumenti kulturali, il-kwistjoni tal-ġestjoni u tax-xogħol pedagoġiku ta' medjazzjoni tal-istituzzjonijiet kulturali hija essenzjali. Din tiddeċiedi jekk monument kulturali jistax jiżviluppa l-potenzjal kulturali, turistiku, ekonomiku u soċjali tiegħu;
33. jenfasizza li l-approċċ kreattiv tal-artisti fir-rigward tal-wirt kulturali joffri potenzjal speċjali u innovattiv għal tagħlim mill-istorja fir-rigward tal-ġejjieni tas-soċjeta';

<sup>(11)</sup> <https://cultureactioneurope.org/files/2018/03/CAE-Reflection-paper-Agenda-for-Culture-2018.pdf>.

<sup>(12)</sup> Preferences of Europeans towards Tourism – Flash Eurobarometer Report 432 (March 2016): <http://ec.europa.eu/COMFrontOffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/FLASH/surveyKy/2065>. <http://ec.europa.eu/COMFrontOffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/FLASH/surveyKy/2065>.

<sup>(13)</sup> [https://ec.europa.eu/culture/policy/cultural-creative-industries\\_en](https://ec.europa.eu/culture/policy/cultural-creative-industries_en).

34. jinnota li flimkien man-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, in-nuqqas ta' viżibilità u xi kultant ukoll in-nuqqas ta' kuxjenza politika tar-riżorsi kulturali, huma ta' xkiel għall-iżvilupp ulterjuri tal-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika ta' reġjun;
35. jilqa', f'dan il-kuntest, il-ħolqien taċ-ċertifikat tal-patrimonju Ewropew, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tieħu miżuri sabiex iżżid il-viżibilità tiegħu;
36. jenfasizza li l-kultura – wara s-servizzi pubbliċi u l-infrastruttura bħall-akkomodazzjoni, it-trasport pubbliku u l-edukazzjoni fl-iskejjel – għandha rwol deċiżiv għall-attrazzjoni tal-postijiet. Fid-dawl tal-iżviluppi riċenti fil-qasam tal-mobilità interreġjonali u ekstrareġjonali u d-demografija, din hija speċjalment importanti għall-istrateġji ta' żvilupp lokali u reġjonali, biex iżżid il-ħaddiema f'reġjuni żvantaġġati u biex toħloq bilanċ f'żoni ta' konurbazzjoni;
37. jisħaq fuq il-fatt li l-wirt kulturali – flimkien ma' programm kulturali kontemporanju u attraenti– għandu jkun fattur turistiku sostenibbli, li jaffettwa b'mod partikolari lir-reġjuni. Dan japplika bl-istess mod għall-hekk imsejħa “fanali tal-portijiet”, bħal Siti ta' Wirt Dinji tal-Unesco jew siti biċ-ċertifikat tal-patrimonju Ewropew, kif ukoll diversi siti ta' wirt lokali;
38. jirrimarka li l-wirt kulturali distribwit b'mod wiesa' joffri l-opportunità għal ridirezzjoni u distribuzzjoni aħjar tal-effetti tat-turiżmu kulturali permezz ta' offerta turistica usa' u mifruxa. B'riżultat ta' dan, jista' jittaffa l-piż minn fuq il-postijiet li jilhqgħu l-limiti tal-għadd ta' turisti li jifilħu, peress li dan iwassal għal aktar ħsara fil-wirt kulturali. Jenfasizza li meta l-wirt kulturali inqas magħruf ikun sfruttat favur it-turiżmu, dan jirrappreżenta għodda rilevanti biex tiġi diversifikata l-offerta għat-turisti u biex jingħata element ta' żvilupp sostenibbli f'żoni marġinali, aktar u aktar jekk il-proġetti individwali ta' valorizzazzjoni turistica jkun koerenti mal-pjani ġenerali ta' żvilupp territorjali u jkun integrati fis-sistema tas-servizzi lokali. Dan huwa speċjalment il-każ fir-rigward tal-mobilità sostenibbli. Dan għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li t-turiżmu kulturali fl-Ewropa qed jikber, u b'mod partikolari minħabba l-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol lokali;

#### **Passi neċessarji għall-iżvilupp u l-isfruttar tal-potenzjal tal-wirt kulturali**

39. jinnota, b'mod kritiku, li fl-istrateġija Ewropa 2020 għall-iżvilupp ulterjuri tal-UE, il-kultura ma ġietx meqjusa;
40. jitlob, għalhekk, sabiex fid-dawl tal-importanza ppruvata tal-koeżjoni fl-UE u tal-iżvilupp soċjoekonomiku f'bosta reġjuni, il-kultura, flimkien mal-istituzzjonijiet u siti ta' patrimonju, tibda tiġi kkunsidrata bħala qasam strateġiku fl-istrateġija ta' segwitu u fil-pjan politiku;
41. jinsisti fuq il-fatt li l-kultura u l-wirt kulturali għandhom jiġu integrati aħjar fil-prijoritajiet tal-QFP li jmiss kemm permezz ta' mainstreaming kif ukoll l-iffissar ta' mira baġitarja ta' aktar minn EUR 2 biljun għall-programm li se jsegwi wara “Ewropa Kreattiva”;
42. jenfasizza li l-išhubji kulturali qed jinbnew madwar l-Istati Membri kollha, u li, f'dan l-isfond, iħeġġeġ promozzjoni akbar ta' rotot kulturali tematiċi lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri, fosthom fil-qafas tal-Programm Interreg;
43. jitlob li s-sostenn tar-riżorsi tal-wirt kulturali għall-iżvilupp reġjonali jsir element importanti tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020. L-allokazzjoni għall-iskop tal-wirt kulturali mifrux għandu jiżdied u ma għandu jitnaqqas bl-ebda mod. Il-konċentrazzjoni tematika – jekk din tinżamm bħala regola wara l-2020 – għandha tieħu inkunsiderazzjoni kwistjonijiet kulturali;
44. jenfasizza li huwa importanti li l-Unjoni Ewropea tniedi strateġija ġenwina għal diplomazija kulturali. Għal dan il-għan, huwa importanti ħafna li jiġu promossi l-komunikazzjoni artistika u kulturali kif ukoll skambji bejn ir-reġjuni tal-UE – b'mod speċjali r-reġjuni ultraperiferiċi – u ta' pajjiżi terzi, anke permezz ta' miżuri li jagħmluha iżjed faċli għal artisti u x-xogħlijiet tagħhom li jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi u viċi versa; b'rabta ma' dan itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprijotizza l-iżvilupp ulterjuri tad-diplomazija kulturali bil-għan li tiġi introdotta fil-politika barranija tal-UE <sup>(14)</sup>;

(<sup>14</sup>) COR-2016-05110.

45. jinnota, b'mod kritiku, li fil-perjodu ta' finanzjament attwali tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, il-limitu massimu tal-baġit tal-proġett ta' EUR 5 miljun għall-investimenti ta' FEŻR għall-infrastruttura kulturali huwa ta' ostakolu għall-iżvilupp ta' infrastrutturi kulturali akbar;
46. jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tirrevoka dan il-limitu arbitrarju, u tallinja l-programmi skont il-kriterji sostantivi u l-miri li jridu jintlaħqu, b'mod partikolari l-valur miżjud Ewropew;
47. jafferma mill-ġdid it-tfassil tiegħu fir-rigward tal-Partijiet li qed jinnegozjaw il-ftehim għall-ħruġ tar-Renju Unit, biex dawn jikkunsidraw l-impatt potenzjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fuq il-programmi edukattivi, kulturali u taż-żgħażaġh, u jistiedinhom isibu soluzzjonijiet adattati, li jippermettu l-involviment ta' pajjiżi mhux parti mill-UE;
48. iqis essenzjali li l-Kunsill jespandi u jkompli jiżviluppa l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura tiegħu 2015-2018 <sup>(15)</sup>;
49. jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni Ewropea, li toħloq pjan ta' azzjoni tal-UE fit-tul għall-wirt kulturali <sup>(16)</sup>, li jagħti dimensjoni sostenibbli lill-attivitajiet tal-EYCH 2018;
50. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill, sabiex fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura u fl-inizjattivi għat-tagħlim bejn il-pari, jinvolvu b'mod aktar xieraq u konsiderevoli lir-rappreżentanti reġjonali bl-esperjenzi diretti tagħhom;
51. jappoġġja t-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-Faċilità ta' Garanzija għall-industriji kulturali u kreattivi, u jinsisti fuq il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa aktar mifrux u jintegra lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), peress li dan jirrifletti s-settur kulturali u kreattiv;
52. jistieden lill-Istati Membri jippromwovu aktar proġetti tal-infrastruttura kulturali, edukattivi, ta' taħriġ okkupazzjonali mill-ġdid, ta' innovazzjoni u ta' kooperazzjoni fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp reġjonali (FEŻR);
53. iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, anke dawk fil-Gruppi ta' Ħidma LEADER, sabiex iqisu l-infrastruttura kulturali f'żoni rurali bħala fattur importanti għall-koeżjoni soċjal, filwaqt li jiżguraw forom ta' mobilità sostenibbli li lill-viżitaturi jippermettulhom igawdu l-pajsaġġ bl-inqas impatt ambjentali, bħal rotot għaċ-ċikliżmu, mogħdijiet jew passaġġi fuq l-ilma interni;
54. jistieden ukoll lill-imprendituri mis-settur kulturali u kreattiv, sabiex jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp tal-komunità u tas-soċjetà, inkluż billi fost l-intrapriżi jiġu replikati fuq skala Ewropea dawk il-mudelli ta' organizzazzjoni ta' networks li rnexxew, bħala appoġġ għall-SMEs fis-settur biex jisfruttaw il-preġġi storiċi-kulturali tat-territorju;
55. jissuġġerixxi li nikkooperaw mill-qrib mal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Festivals (EFA) fl-iżvilupp ta' skambji u ta' azzjonijiet volontarji, miġbura taħt il-kappa tal-Korp Ewropew tas-Solidarjeta' fil-qasam tal-kultura u tal-wirt kulturali, fil-kuntest tal-EYCH 2018 u oltre;
56. jirrakkomanda li l-UE, fir-rwol ta' benefiċjarju sussidjarja, iżżid il-fokus fuq kunċetti kulturali speċjalment fil-livell reġjonali u interreġjonali;
57. jinnota, b'mod kritiku, li hemm nuqqas ta' evalwazzjonijiet komparattivi madwar l-Ewropa, u jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jikkummissjonaw b'mod regolari evalwazzjonijiet u studji professjonali għal tqabbil Ewropew, u biex jinkorporaw is-sejbiet fid-dibattiti politiċi fuq kull livell;
58. jiċħad, madankollu, għbir regolari u komprensiv tad-data, u obbligi tar-rapportar burokratiċi żżejjed;
59. ifakkar lill-Kummissjoni Ewropea li ħafna aktar reġjuni milli kif ġie rifless fl-ispeċjalizzazzjoni tar-S3, iqisu l-wirt u l-kreazzjonijiet kulturali bħala fattur importanti għall-iżvilupp reġjonali;
60. jitlob, għalhekk, sabiex f'dan ir-rigward il-finanzjament tar-riċerka jiġi ffaċilitat lil hinn mill-fokus dejjaq fuq Strateġiji għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3);

<sup>(15)</sup> ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4.

<sup>(16)</sup> Dan jista' jkun il-legat tas-sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 u jista' jiġi deċiż fl-"Assises du Patrimoine".

61. jistieden lil dawk ir-reġjuni li jħarsu lejn il-wirt kulturali tagħhom bħala riżorsa b'saħħitha ħafna, biex jinkluduh fl-istrateġija tal-S3 tagħhom;
62. bl-istess mod, huwa ddiżappuntat li l-aċċess għall-arti u l-kultura, li huma essenzjali għall-koeżjoni soċjali u l-inklużività, mhuxwix imnaqqax fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali <sup>(17)</sup>;
63. jitlob li l-librerija virtwali Europeana tiġi promossa b'aktar qawwa permezz tal-integrazzjoni ta' approċċi nazzjonali ta' diġitalizzazzjoni; L-għaxar anniversarju tal-Europeana fl-2018 jipprovdi opportunità ideali sabiex din tilħaq il-livell ta' żvilupp li jmiss;
64. jistieden lill-Kummissjoni Ewropea testendi premji u rikonoxximenti, irrispettivament minn jekk il-proġetti rċevewx fondi tal-UE jew le. Ir-rikonoxximent ta' proġetti innovattivi jippermetti perċezzjoni aħjar lil hinn mir-reġjun u l-Istat Membru, jipromwovi skambju Ewropew, u jħeġġeġ l-imitazzjoni f'reġjuni oħra tal-Ewropa;
65. itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura (2020-2033) u jitlob għat-tkomplija tal-inizjattiva lil hinn mill-2033, li għandha tirrifletti dejjem aktar ir-rikkezza kulturali Ewropea fid-diversità kollha tagħha u tippromovi l-iżvilupp fit-tul ta' spazju kulturali komuni Ewropew imsejjes fuq il-parteċipazzjoni pubblika. Jiddispijaċih f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li teskludi r-Renju Unit mill-edizzjoni tal-2023. Fil-fatt, żona kulturali komuni Ewropea tmur lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni Ewropea;
66. jirrakkomanda li din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tkun inkluża fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri tal-Kultura tat-22-23 ta' Mejju 2018, li se tirrigwarda "il-futur tal-UE permezz ta' viżjoni fit-tul għal kontenut kulturali Ewropew" u l-ħtieġa li l-wirt Ewropew jiġi integrat fid-direttivi kollha;
67. jissuġġerixxi li l-membri stess tal-KtR iniedu skambju regolari ta' proġetti u esperjenzi fir-rigward tas-siti ta' wirt kulturali tagħhom.

Brussell, is-17 ta' Mejju 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*  
Karl-Heinz LAMBERTZ

---

<sup>(17)</sup> CDR 3141/2017.

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-129 SESSJONI PLENARJA TAL-KTR, 16.5.2018–17.5.2018

## Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Reviżjoni tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

(2018/C 361/07)

<b>Relatur:</b>	Adam BANASZAK (PL/KRE), Viċi President tal-Assemblea Reġjonali ta' Kujawsko-Pomorskie
<b>Dokumenti ta' referenza:</b>	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili
	COM(2017) 772 final/2
	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Insaħħu l-Ġestjoni tad-Diżastri fl-UE: rescUE Solidarjetà u Responsabbiltà
	COM(2017) 773 final

## I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU L-EMENDI

## Artikolu 1(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/KE hija b'dan emendata kif ġej:	Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/KE hija b'dan emendata kif ġej:
(1) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:	(1) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:
(a) fil-paragrafu 1 jiddaħħal il-punt (e) li ġej:	(a) fil-paragrafu 1 jiddaħħal il-punt (e) li ġej:
“(e) li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar id-diżastri.”	“(e) li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar id-diżastri.”
(b) il-punt (a) tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:	(b) il-punt (a) tal-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>“(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta’ prevenzjoni tad-diżastri: li jitkejjel bl-għadd ta’ Stati Membri li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, valutazzjoni tal-kapaċità ta’ ġestjoni tar-riskju tagħhom u sommarju tal-ippjanar tal-ġestjoni tad-diżastri kif imsemmi fl-Artikolu 6;”</p>	<p>“(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-qafas ta’ prevenzjoni tad-diżastri: li jitkejjel bl-għadd ta’ Stati Membri li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni il-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom, valutazzjoni tal-kapaċità ta’ ġestjoni tar-riskju tagħhom u sommarju tal-ippjanar tal-ġestjoni tad-diżastri kif imsemmi fl-Artikolu 6;”</p> <p>(c) <i>il-paragrafu 3 li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 2:</i></p> <p><i>“3. Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni jagħti rwol ta’ importanza kruċjali lir-reżiljenza kontra d-diżastri fosthom għargħar, riskji sismiċi u nirien fil-foresti permezz ta’ opportunitajiet ta’ taħriġ ma’ unitajiet ta’ rispons lokali, inklużi gruppi volontarji.”</i></p>

### Artikolu 1 (3)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) jinbidel b’dan li ġej:</p> <p>“(a) tiegħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta’ għarfien fuq riskji ta’ diżastru u tiffaċilita l-kondiviżjoni ta’ għarfien, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika, l-aħjar Prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri li jikkondividu riskji komuni.”</p>	<p>fl-Artikolu 5(1),</p> <p>(a) il-punt (a) jinbidel b’dan li ġej:</p> <p>“(a) tiegħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta’ għarfien fuq riskji ta’ diżastru u tiffaċilita l-kondiviżjoni ta’ għarfien, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika, l-aħjar Prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri <b>kif ukoll fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali</b> li jikkondividu riskji komuni.”</p> <p>(b) <i>fil-paragrafu 1, wara l-punt (f), jiżdied punt ġdid (g):</i></p> <p><i>“(g) għandha tiżviluppa Linji Gwida u kriterji ta’ azzjoni għall-adattament sismiku tal-istokk tal-bini u tal-infrastruttura sal-31 ta’ Diċembru 2018,”</i></p> <p>(c) <i>il-punt (h) tal-paragrafu 1 huwa mmodifikat kif ġej:</i></p> <p><i>“(h) tippromwovi l-użu ta’ diversi fondi tal-Unjoni li jistgħu jappoġġjaw il-prevenzjoni sostenibbli ta’ diżastri u jipprovdu informazzjoni faċilment aċċessibbli onlajn u f’kopja stampata fl-uffiċċji tal-Kummissjoni fl-Istati Membri dwar kif jaċċessaw dawn l-opportunitajiet ta’ finanzjament;”</i></p>



**Raġuni**

F'hafta każijiet l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom aktar għarfien dwar ir-riskji tad-diżastri mill-awtoritajiet nazzjonali.

Qafas modern, omoġenju ta' normi tekniċi huwa neċessarju sabiex jiġu ddeterminati, flimkien mal-Eurocodes, il-klassifikazzjoni tal-vulnerabbiltà sismika u l-kriterji ta' prijorità. Il-linji gwida ta' implimentazzjoni għandhom jikkombinaw it-tisħiħ sismiku ta' bini eżistenti mal-effiċjenza enerġetika.

**Artikolu 1 (4)**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(a) il-punti (a) u (b) jinbidlu b'dan li ġej:</p> <p>“(a) jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju flivell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt <b>u jqegħduhom</b> għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull tliet snin wara dan;</p> <p>“(b) jiżviluppaw u jorqmu l-ippjanar tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru flivell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) u jqisu l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom imsemmija fil-punt (c) u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1).”</p> <p>(b) jiżiedu t-tieni u t-tielet subparagrafi li ġejjin:</p> <p>“Sommarju tal-elementi rilevanti ta' ppjanar tal-ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni, inklużi l-informazzjoni dwar il-miżuri magħżula ta' prevenzjoni u tħejjija, sal-31 ta' Jannar 2019 u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' <b>titlob li</b> l-Istati Membri <b>jipprovdu</b> pjanijiet <b>speċifiċi</b> ta' prevenzjoni u tħejjija, li għandhom ikopru l-isforzi fuq medda ta' żmien qasir u twil. L-Unjoni għandha tikkunsidra kif jixraq il-progress li sar mill-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom bħala parti minn kwalunkwe mekkaniżmu ta' kondizzjonalità ex-ante futur taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.”</p>	<p>(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:</p> <p>(a) il-punti (a), (b) u <b>(d)</b> jinbidlu b'dan li ġej:</p> <p>“(a) jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju flivell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt <b>b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti u allinjati mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. Informazzjoni magħżula minn valutazzjonijiet tar-riskju, li hija essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-Mekkaniżmu, għandha tkun</b> għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull tliet snin wara dan;</p> <p>“(b) jiżviluppaw u jorqmu l-ippjanar tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru flivell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) u jqisu l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom imsemmija fil-punt (c) u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1).”</p> <p>“(d) <b>jipparteċipaw, fuq bażi volontarja, f'reviżjonijiet bejn il-pari dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskju u jorganizzaw testijiet ta' stress biex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' kriżi.</b>”</p> <p>(b) jiżiedu t-tieni u t-tielet subparagrafi li ġejjin:</p> <p>“Sommarju tal-elementi rilevanti ta' ppjanar tal-ġestjoni tar-riskju għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni, inklużi l-informazzjoni dwar il-miżuri magħżula ta' prevenzjoni u tħejjija, sal-31 ta' Jannar 2019 u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tirrikjedi lill-Istati Membri jipprovdu pjani ta' prevenzjoni u tħejjija <b>fi ħdan il-limiti stipulati fl-Artikolu 346(1a) tat-TFUE fir-rigward tal-iżvelar tal-informazzjoni dwar interessi essenzjali tas-sigurtà tagħhom u ser jiġu pprovduti b'qafas gwida għat-tħejjija ta' tali pjani</b>, li għandhom ikopru l-isforzi fuq medda ta' żmien qasir u twil. L-Unjoni għandha tikkunsidra kif jixraq il-progress li sar mill-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom bħala parti minn kwalunkwe mekkaniżmu ta' kondizzjonalità ex-ante futur taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.”</p>

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>“Il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta’ konsultazzjoni speċifiċi biex ittejjeb l-ippjanar u ta’ prevenzjoni u tħejjija xieraq u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri espsti għal diżastri simili.”</p>	<p>“Il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta’ konsultazzjoni speċifiċi biex ittejjeb l-ippjanar u ta’ prevenzjoni u tħejjija xieraq u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri – <b>fil-livelli lokali u reġjonali wkoll</b> – espsti għal diżastri simili.”</p>

### Raġuni

Huwa meħtieġ li l-evalwazzjonijiet tar-riskju ma jkunux ippreparati b’mod minn fuq għal isfel, jiġifieri mingħajr is-sehem tal-awtoritajiet lokali/reġjonali. L-awtoritajiet sottonazzjonali jista’ jkollhom aktar informazzjoni dwar ir-riskji f’territorju partikolari u r-rappreżentanti tagħhom jeħtieġ li jkunu involuti b’mod attiv fit-tħejjija tal-valutazzjonijiet tar-riskju.

### L-Artikolu 1 (4 a) – żid punt ġdid

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
—	<p><b>L-Artikolu 8a huwa emendat kif ġej:</b></p> <p><b>“Il-Kummissjoni għandha twettaq l-azzjonijiet ta’ tħejjija li ġejjin:</b></p> <p><b>(a) tmexxi l-ERCC f’koordinazzjoni mal-korpi lokali u reġjonali u nazzjonali eżistenti rilevanti;”</b></p>

### Raġuni

Huwa essenzjali li jkun żgurat u provdut għall-fatt li l-ERCC huwa ġestit f’koordinazzjoni mal-korpi reġjonali u nazzjonali rilevanti għall-prevenzjoni tal-użu ta’ strutturi paralleli jew proċeduri mhux ċari ta’ użu fil-livell Ewropew.

### Artikolu 1 (6)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(7) Il-kapaċitajiet ta’ reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-Riżerva Ewropea ta’ Protezzjoni Ċivili għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta’ reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal assistenza permezz tal-ERCC, <b>sakemm l-Istati Membri ma jkunux qed jaffaċċjaw xi sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b’mod sostanzjali t-twertiq tal-kompiti nazzjonali.</b></p>	<p>(7) Il-kapaċitajiet ta’ reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-Riżerva Ewropea ta’ Protezzjoni Ċivili għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta’ reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal assistenza permezz tal-ERCC <b>fuq deċiżjoni tal-Istat Membru li joffri l-assistenza.</b></p>

### Raġuni

Peress li mhuwiex prevedibbli f’liema sitwazzjoni speċifika – kemm mill-perspettiva tal-Istat Membru li qed jibgħat u kemm ta’ dak li qed jaġħmel it-talba – ser tkun meħtieġa l-assistenza, is-setgħa tad-deċiżjoni għandha tibqa’ tal-Istat Membru li qed jibgħat u ta’ dak li qed jaġħmel it-talba, jekk tingħatax din l-assistenza jew le.

## Artikolu 1 (9)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(9) fl-Artikolu 13, it-titolu u l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġejj:</p> <p><b>“In-Netwerk tal-Unjoni ta’ Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili</b></p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi netwerk ta’ atturi u istituzzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tad-diżastri rilevanti, li flimkien mal-Kummissjoni jiffurmaw Netwerk tal-Unjoni ta’ Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.</p> <p>In-Netwerk għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, l-eżerċizzji, il-tagħlimiet meħuda u t-tixrid tal-għarfien b’koordinazzjoni mill-qrib maċ-ċentri ta’ għarfien rilevanti, fejn xieraq.”</p>	<p>(9) fl-Artikolu 13, it-titolu u l-ewwel sentenza tal-paragrafu 1 jinbidlu b'dan li ġejj:</p> <p><b>“In-Netwerk tal-Unjoni ta’ Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili</b></p> <p>1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi netwerk ta’ atturi u istituzzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tad-diżastri rilevanti, <b>kif ukoll organizzazzjonijiet mis-settur tal-volontarjat u tal-komunità</b>, li flimkien mal-Kummissjoni jiffurmaw Netwerk tal-Unjoni ta’ Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.</p> <p>In-Netwerk għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, l-eżerċizzji, il-tagħlimiet meħuda u t-tixrid tal-għarfien b’koordinazzjoni mill-qrib maċ-ċentri ta’ għarfien rilevanti, fejn xieraq.”</p>

## Raġuni

Is-settur tal-volontarjat u l-komunità jista’ jaqdi rwol importanti biex jipprovdi reżiljenza wara diżastru, iżda r-rwol tiegħu ta’ spiss huwa sottovalutat.

## Artikolu 1 (10)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(10) fl-Artikolu 15, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġejj:</p> <p>“1. Meta jseħħ diżastru fl-Unjoni, jew dan ikun imminenti, l-Istat Membru affettwat jista’ jitlob għall-assistenza permezz tal-ERCC. It-talba għandha tkun speċifika kemm jista’ jkun. Talba għall-assistenza għandha tiskadi wara perjodu massimu ta’ 90 jum, sakemm elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwa jew addizzjonali ma jiġux ipprovduti mill-ERCC.”</p>	<p>(10) fl-Artikolu 15, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġejj:</p> <p>“1. Meta jseħħ diżastru fl-Unjoni, jew dan ikun imminenti, l-Istat Membru affettwat jista’ jitlob għall-assistenza permezz tal-ERCC. It-talba għandha tkun speċifika kemm jista’ jkun <b>u tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:</b></p> <p>(a) <b>it-tip ta’ diżastru kbir,</b></p> <p>(b) <b>iż-żona milquta mid-diżastru kif ukoll iż-żoni li huma potenzjalment mhedda,</b></p> <p>(c) <b>iż-żmien u r-riżorsi finanzjarji u materjali li hemm bżonn sabiex jiġu rimedjati l-konsegwenzi ta’ diżastru imminenti jew attwali.</b></p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	Talba għall-assistenza għandha tiskadi wara perjodu massimu ta' 90 jum, sakemm elementi ġodda li jiġġustifikaw il-bżonn għal assistenza kontinwa jew addizzjonali ma jiġux ipprovduti mill-ERCC."

**Raġuni**

Hemm bżonn ta' iktar informazzjoni preċiża minn Stati Membri fil-każ ta' diżastru kbir li tippermetti azzjoni effettiva, immirata u kosteffiċjenti taħt il-Mekkaniżmu, apparti li tippermetti li l-għanijiet mixtieqa jinkisbu iktar malajr, fattur importanti ħafna fir-rispons għad-diżastri.

**Artikolu 1 (11a) – żid punt ġdid**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
—	(11) <i>fl-Artikolu 16, paragrafu 3b huwa sostitwit b'dan li ġej:</i>  "isiru minnufih rakkomandazzjonijiet, meta jkun possibbli f'kooperazzjoni mal-pajjiż affettwat u, fejn rilevanti, mal-punti ta' kuntatt lokali u reġjonali, ibbażati fuq il-ħtiġijiet fil-post u kwalunkwe pjan rilevanti żviluppat minn qabel, li jistiednu lill-Istati Membri jistazzjonaw kapaċitajiet speċifiċi u jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-għajnuna mitluba;"

**Raġuni**

Kuntatt dirett ma' punti ta' kuntatt reġjonali u lokali jista' jkollu impatt pożittiv fuq it-tnaqqis tal-ħin biex isiru rakkomandazzjonijiet u kemm għandha tkun dettaljata din l-informazzjoni. Dan japplika b'mod speċjali għal diżastri fuq skala kbira, li matulhom il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali biex jirreaġixxu malajr tkun limitata.

**Artikolu 1 (14)**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(14) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:	(14) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:
(a) il-punt (j) tal-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej: " (j) l-istabbiliment, l-immaniġġjar u l-manteniment tar-rescEU f'konformità mal-Artikolu 12;"	(a) il-punt (j) tal-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej: " (j) l-istabbiliment, l-immaniġġjar u l-manteniment tar-rescEU f'konformità mal-Artikolu 12;"
(...)	(b) <i>jiżdiedu l-punti (n) u (o):</i>  " (n) <i>l-appoġġ għall-konsulenza u s-sessjonijiet ta' ħidma għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, li għandhom l-għan li jintegraw politiki/programmi ma' strumenti finanzjarji, li l-implimentazzjoni tagħhom tista' tgħin biex tipprevjeni u tillimita l-konsegwenzi ta' fenomeni u diżastri meteoroloġiċi.</i>  " (o) <i>l-appoġġ għat-testijiet ta' stress u proċess għaċ-ċertifikazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jpoġġu għad-disponibbiltà tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili."</i>
	(...)

## Raġuni

Il-prevenzjoni tad-diżastri hija assoċjata ma' spejjeż aktar baxxi milli l-irkupru mid-diżastri. Għalhekk huwa ġġustifikat li jiġu integrati l-azzjonijiet li jwasslu għal investimenti li jnaqqsu r-riskju ta' diżastri b'mod dirett jew indirett, jew jgħinu fit-tnaqqis tal-konsegwenzi tagħhom.

## II. RAKKOMANDEZZJONIJET TA' POLITIKA

### IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI

#### Kummenti ġenerali

1. jaqbel li d-diżastri estensivi riċenti wrew il-limitazzjonijiet tal-Mekkaniżmu tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE; jenfasizza, madankollu, li filwaqt li l-Mekkaniżmu għandu bżonn ta' riforma, il-fokus ewlieni għandu jibqa' l-kisba tar-reżiljenza għad-diżastri. Il-fokus fuq ir-rispons għad-diżastri fi żmien meta l-frekwenza u l-intensità tad-diżastri qed tikber mhux ser jindirizza l-qofol tal-problema. Fil-livell tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipju ta' reżiljenza għad-diżastri u dak ta' "bini mill-ġdid aħjar" għandhom jiġu integrati fil-politiki u l-fondi kollha tal-UE. Itenni li l-prinċipju ta' reżiljenza għad-diżastri għandu jkun ukoll pedament tal-politiki ta' investiment tal-UE sabiex il-flus pubbliċi jgħinu lill-komunitajiet isiru aktar reżiljenti għall-effetti negattivi ta' diżastri u ma jpoġġux ħajjet in-nies friskju <sup>(1)</sup>;
2. jinnota li l-pubbliku jappoġġja l-idea li l-UE tgħin biex tikkoordina r-rispons fir-rigward ta' diżastri fl-Istati Membri (permezz tar-rwol tagħha tal-protezzjoni ċivili), kif indikat ukoll mir-riżultati ta' sħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Mejju 2017;
3. jinnota li l-proposta u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jirrappreżentaw pass 'il quddiem min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea lejn aktar semplifikazzjoni u effiċjenza tal-leġislazzjoni;
4. jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li t-tibdil fil-klima qed iżid ir-riskji ta' diżastri naturali; għaldaqstant jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżguraw li l-azzjoni klimatika tal-UE tiffoka aktar fuq il-mitigazzjoni tar-riskju ta' diżastri u l-bini ta' Ewropa li tkun aktar reżiljenti għad-diżastri permezz ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli li jkun immexxi lokalment, ibbażat fuq il-post;
5. jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tiffoka sew fuq ir-rispons u li għadd sinifikanti ta' attivazzjonijiet tal-Mekkaniżmu għandhom l-għeruq tagħhom f'diżastri ċikliċi. Għandha għalhekk issir pressjoni fuq l-Istati Membri biex jieħdu azzjonijiet preventivi adegwati f'termini ta' preservazzjoni ta' ammont suffiċjenti ta' kapaċitajiet nazzjonali;
6. jenfasizza l-importanza li jiġu allinjati l-proposti tal-Kummissjoni mal-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri biex jiġu żgurati sforzi konġunti, tissaħħaħ il-kapaċità ta' appoġġ u tiġi evitata d-duplikazzjoni, speċjalment frabta mal-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali u lokali dwar it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri;
7. jinnota li t-titjib tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili huwa parti integrali mill-attivitajiet immirati lejn l-indirizzar tal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. Jenfasizza l-hteġa għal sinerġiji akbar bejn netwerks maħsuba biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u dawk li jittrattaw ir-reżiljenza għad-diżastri. Jenfasizza l-hteġa għal sinerġiji akbar bejn il-Patt tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija u l-"Kampanja Nagħmlu Bliet Reżiljenti" tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri.

#### Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

8. jaqbel mal-hteġa li tissaħħaħ il-protezzjoni ċivili fid-dawl tax-xejriet tad-diżastri (kemm dawk marbutin mat-temp kif ukoll dawk marbutin mas-sigurtà interna); madankollu, jenfasizza li l-aħjar mod biex isir dan huwa permezz ta' approċċ li jkun territorjalment aktar b'saħħtu u mmexxi mill-komunitajiet. L-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tkun iffukata fuq il-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-azzjonijiet tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom. Jenfasizza li azzjoni tal-komunità lokali hija l-mod l-iktar veloċi u effettiv biex tkun limitata l-ħsara kkawżata minn diżastru;
9. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu wkoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iskrinjar ta' investimenti ppjanati fil-programmi relevanti kollha u fid-diskussjoni dwar bidliet possibbli;

<sup>(1)</sup> COR 02646/2014; CDR 5035/2016

10. jenfasizza li l-valutazzjoni tar-riskju u l-provvedimenti tal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju, bħal daww meħtieġa taħt il-leġislazzjoni tal-Protezzjoni Ċivili jew id-Direttiva dwar l-Għarġar tal-UE, jeħtieġ li jiffasslu fi sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Jinnota li f'ħafna każijiet, il-livelli lokali u reġjonali tal-gvern ikollhom iktar għarfien dwar ir-riskju milli l-gvern nazzjonali. Jitlob għal kodiċi ta' kondotta għall-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-preparazzjoni ta' dawn il-pjani. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali tal-gvern;
11. itenni <sup>(2)</sup> l-ħtieġa għal qafas għal pjani ta' ġestjoni tar-riskju, li wara jkun jistgħu jintużaw bħala linji gwida mill-Istati Membri. Dan għandu jiffaċilita wkoll l-komparabilità tal-kontenut tagħhom; jinnota li l-qafas tal-UE jkun konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu f'pożizzjoni li jfasslu l-pjanijiet tagħhom tal-ġestjoni tar-riskju iżda qafas tal-UE li jgħin biex tingħata gwida jkun ta' għajnunja;
12. jirrakkomanda li l-ġestjoni taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għal Rispons ta' Emerġenza (ERCC) tal-Kummissjoni Ewropea titwettaq f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tal-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni;
13. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll is-settur tal-volontarjat u tal-komunità fin-Netwerk tal-Għarfien tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE li għadu kemm ġie stabbilit;
14. jistieden lill-Kummissjoni, fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, biex tiżviluppa strateġija ta' thejġija għad-diżastri, li tkun tkopri l-programm ta' tatriġ u eżerċizzju, u elementi oħra bħas-sejħa għal proposti tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, il-programm ta' skambju ta' esperti u l-iżvilupp ta' xenarji ta' riskju;
15. jinnota li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandu jiġi kkomunikat sewwa lill-atturi reġjonali u lokali sabiex tittejjeb il-ġestjoni tar-riskji, mhux biss fil-livell transkonfinali, iżda wkoll bejn l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali;
16. jenfasizza l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni nazzjonali u sottonazzjonali li jxerrdu l-informazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u r-riskji lokali u reġjonali identifikati fid-dokumenti rilevanti dwar il-valutazzjoni tar-riskju lokali u reġjonali; itenni l-importanza ta' kampanji ta' informazzjoni bħal dawn immirati wkoll lejn l-iskejjel.
17. jappoġġja s-sejħa biex jinħoloq programm Erasmus tal-protezzjoni ċivili f'konformità mar-regoli u l-prinċipji tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 li jistabbilixxi "Erasmus + <sup>(3)</sup>". Programm ġdid bħal dan għandu jinkludi dimensjoni internazzjonali u jkun miftuħ mhux biss għar-rappreżentanti nazzjonali iżda wkoll għal daww reġjonali u lokali;

### Opportunitajiet ta' finanzjament

18. jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex isaħħu l-koerenza ma' strumenti oħrajn tal-UE dwar il-ġestjoni u l-prevenzjoni tar-riskju ta' diżastri. Dan għandu jsir mhux biss billi tinħoloq rabta bejn il-Mekkaniżmu tal-Unjoni u l-politiki ta' koeżjoni, tal-iżvilupp rurali, tas-saħħa u tar-riċerka, u billi wieħed jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' dawn l-attivitajiet fil-politiki ambjentali, iżda wkoll billi tingħata ħarsa lejn kif dawn ir-rabtiet jistgħu jissaħħu fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali u r-regoli li jirregolaw l-użu ta' fondi;
19. jieħu nota tal-fatt li l-Kummissjoni qiegħda tikkunsidra kundizzjonalitajiet ex ante biex tagħmel użu mill-ippjanar tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju għal wara l-2020, skont il-Politika ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; jenfasizza li l-kundizzjonalitajiet ex ante msejsa biss fuq valutazzjoni tar-riskju u l-ippjanar għall-ġestjoni tar-riskji mhux ser jgħinu biex tinkiseb ir-reżiljenza għad-diżastri. Ir-reżiljenza għad-diżastri għandha tiġi stabbilita bħala kriterju fir-regoli li jirregolaw l-użu tal-Fondi bħala xi ħaġa li trid tintlaħaq minn kull proġett iffinanzjat mill-UE;
20. jilqa' l-objettiv li l-għarfien xjentifiku jsir aktar disponibbli b'mod wiesa' u jiddependi aktar mir-riżultati ta' riċerka xjentifika meta jittieħdu u jitwettqu azzjonijiet ta' prevenzjoni; jenfasizza l-importanza ta' ħidma mas-settur privat biex tinkiseb politika ta' data miftuħa u jkun żgurat li l-interessi kummerċjali ma jiddux preċedenza fuq is-sikurezza u l-benesseri pubbliċi;

<sup>(2)</sup> CDR 740/2012.

<sup>(3)</sup> 2017/0309(COD) (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).

21. jenfazizza l-ħtieġa li l-komunitajiet jiġu mħeġġa jipplanaw għall-awtoassistenza peress li ħafna drabi l-assistenza esterna tiegħu ħafna ħin biex tasal. Għalhekk, jitlob għal azzjoni tal-UE biex tiffoka fuq il-provvediment ta' assistenza għal taħriġ tekniku biex b'hekk tkun tista' titjeb il-kapaċità tal-komunitajiet għall-awtoassistenza, u b'hekk ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jipprovdu rispons inizjali u jrażżnu diżastru. It-taħriġ u l-edukazzjoni immirati għall-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili, bħall-mexxejja tal-komunità, u għal prattikanti tal-kura soċjali jew medika, kif ukoll għas-servizzi tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar, jistgħu jgħinu fit-trażżin ta' diżastru u jnaqqsu l-imwiet kemm matul u wara l-kriżi<sup>(4)</sup>;

22. itenni r-rwol importanti tas-settur privat fil-kisba tar-reżiljenza għad-diżastri u s-sostenn ta' rkupru effettiv u f'waqtu minn diżastri. Pereżempju, l-assigurazzjoni privata hija essenzjali biex tkun skoraġġita l-imġiba riskjuża, biex tiġi promossa l-kuxjenza dwar ir-riskji u biex jiġi ffaċilitat l-irkupru wara diżastru<sup>(5)</sup>.

#### **Riżerva ddedikata ta' assi tal-UE: rescEU**

23. jieħu nota tal-proposta biex tinholq riżerva ta' assi ddedikata separatament – rescEU – li tikkumplementa l-kapaċitajiet ta' rispons nazzjonali tal-Istati Membri u tissaħħa il-kapaċità kollettiva biex tirrispondi għal diżastri. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, "rescEU" se ssir strument ta' reazzjoni importanti fil-futur, b'mod partikolari għall-implimentazzjoni transkonfinali. Madankollu jiddispjaċih li l-proposta tal-Kummissjoni mhix akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, li wassal biex il-Kummissjoni tonqos milli twettaq għażliet alternattivi. Biex jiġi żgurat ir-rispett tas-sussidjarjetà, l-għan u l-kompitu ta' "rescEU" jeħtieġ li jiġi segwit b'mod li jżomm ir-responsabbiltà ċentrali fil-livell tal-Istati Membri filwaqt li fl-istess ħin jiffaċilita ż-żieda tal-interazzjoni fost l-Istati Membri affettwati u l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Għal rispons immedjat u effettiv, unitajiet lokali kwalifikati u mgħammra sew huma kruċjali bħalma huwa r-rwol li jaqdu gruppi volontarji fil-livell komunitarju. L-Istati Membri jridu jiżguraw appoġġ finanzjarju adegwat għall-unitajiet ta' rispons pubbliċi; Madankollu, jenfazizza li l-fokus ewlieni għandu jibqa' fuq il-bini tar-reżiljenza għad-diżastri sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' diżastri u l-ħsara li jikkawżaw tkun minimizzata;

24. jilqa' s-simplifikazzjoni tas-sistema attwali effettwata bl-introduzzjoni ta' rata unika ta' kofinanzjament (75 %) għall-adattament, tiswijiet, trasport u spejjeż tal-operat għal assi fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili; jilqa' wkoll id-deċiżjoni biex jittaffa l-piż finanzjarju minn fuq l-Istati parteċipanti permezz tat-titjib tal-ispejjeż eliġibbli u ż-żieda tar-rata ta' kofinanzjament għal 75 %, filwaqt li jiġi enfasizzat li r-riżerva l-ġdida għandha tappoġġja, u mhux ittaffi lill-Istati Membri mill-obbligu tagħhom li jiżviluppaw il-potenzjal ta' salvataġġ tagħhom stess.

25. jinnota li l-konfigurazzjoni proposta tar-riżerva rescEU tinkludi riżorsi li diġà hemm ammont biżżejjed minnhom impenjati fil-konsorzju volontarju; għalhekk jappoġġja li tinżamm il-possibbiltà għall-Kummissjoni li ssewwi mill-ġdid il-konsorzju ta' rescEU bi qbil mal-Istati Membri, sabiex dan jiġi adattat b'mod sħiħ għal-lakuni fil-kapaċità identifikati;

26. jipproponi li l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet pubbliċi mill-Istati Membri u l-entitajiet tas-settur privat rescEU għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' volontarjat.

#### **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

27. jenfazizza li l-protezzjoni ċivili hija qasam fejn l-UE taġixxi biex tappoġġja, tikkoordina jew tissupplementa l-azzjoni tal-Istati Membri tagħha. Min-naħa tiegħu, jenfazizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura li r-riżerva l-ġdida li qed tinholq ikollha l-għan li tikkoordina, tappoġġja u tissupplementa l-azzjoni tal-Istati Membri aktar milli tagħti lill-UE r-riżorsi tagħha stess jew kompetenzi ġodda. Jenfasizza li fokus fuq l-appoġġ u l-għajnuna biex jitjiebu l-kapaċitajiet ta' rispons tal-komunitajiet lokali jista' jkun mod biex ikun żgurat rispons aktar effettiv f'każ ta' diżastru b'tali mod li jkun rispettat il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Brussell, is16 ta' Mejju 2018.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni  
Karl-Heinz LAMBERTZ

<sup>(4)</sup> CDR 02646/2014.

<sup>(5)</sup> CDR 05035/2016; CDR 02646/2014.

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem**

(2018/C 361/08)

<b>Relatur:</b>	Mark WEINMEISTER (DE/PPE), Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej, Hesse
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)
	COM(2017) 753 final

**I. RAKKOMANDEZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

**Emenda 1**

Premessa 2, tizzied premessa ġdida qabel 1998/83 premessa 6.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<i>Billi hemm bżonn ta' rekwiżiti minimi għal standards minimi tal-kwalità u valuri parametriċi marbuta mas-saħħa essenzjali u preventivi fir-rigward tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem biex ikunu definiti l-għanijiet ta' kwalità ambjentali minima li għandhom jintlaħqu flimkien ma' regoli u miżuri oħra fil-livell tal-UE sabiex jiġi salvagwardjat u promoss l-użu sostenibbli tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dan jinkludi b'mod partikolari miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ilma li jiżguraw li l-ilma tal-wieċ u tal-art jinżamm nadif.</i>

**Raġuni**

Din il-premessa hija magħmula parzjalment mill-premessi 5 u 8 li ġew imħassra. Huwa essenzjali li l-influwenza ta' sorsi ta' emissjonijiet tal-ambjent mill-oqsma bħalma huma l-ilma mormi, l-industrija u l-agrikoltura, li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-korpi tal-ilma fi gradi differenti, tiġi ġestita permezz tal-istabbiliment ta' standards ta' kwalità ambjentali skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u l-prinċipju ta' prekawzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar, għal dan il-livell ta' entrata, huwa kruċjali li jiġi stabbilit sa liema estent se tiġi żgurata l-kwalità tal-ilma tax-xorb fit-terminu qasir jew fit-tul. Ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb li tiffavorixxi s-soluzzjoni "end-of-pipe" (il-punt tar-rimi) għandha tiġi rifjutata minħabba raġunijiet ta' saħħa. Fil-kuntest tal-"ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem", huma meħtieġa strateġiji u miżuri xierqa foqasma ambjentali differenti, filwaqt li dan huwa konformi mar-rekwiżiti fl-Artikolu 7. Il-valutazzjoni relatata mas-saħħa tal-valuri parametriċi tad-WHO hija bbażata fuq approċċ preventiv relatat mas-saħħa (ara wkoll l-premessa 16 ġdida, li twaqqaf id-derogi skont Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE), u l-allokazzjoni tfisser li l-ilma tax-xorb jiġi fornut mingħajr effetti negattivi għas-saħħa għal perjodu limitat ta' żmien. Artikolu 12 (ġdid) tal-proposta jħassar ukoll dan l-approċċ preventiv.



**Emenda 2**

## Premessa 5

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa wettaq analiżi dettaljata tal-lista ta' parametri u tal-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li din tiġi adattata fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Fid-dawl tar-riżultati ta' din l-analiżi, għandhom jiġu kkontrollati patoġeni enteriċi u l-Legionella, filwaqt li jenthiġ jiżdiedu <b>sitt</b> parametri kimiċi jew gruppi ta' parametri, u tliet sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali għandhom jiġu kkunsidrati <b>b'valuri ta' parametraġġ referenzjarju prekawzjonarji. Għal tlieta mill-parametri l-ġodda jenħtieġ jiġu stabbiliti valuri parametriċi li huma aktar stretti minn dawk proposti mid-WHO, iżda li xorta huma vijabbli, u dan fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni.</b> Rigward iċ-ċomb, id-WHO innutat li l-konċentrazzjonijiet jenħtieġ ikunu baxxi sal-aktar livell raġonevolment Prattiku, filwaqt li għall-kromju, il-valur għadu qed jiġi analizzat mid-WHO; għalhekk, qabel jiġu stabbiliti valuri aktar stretti għal dawn iż-żewġ parametri jenħtieġ japplika perjodu tranżitorju ta' għaxar snin.</p>	<p>L-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa wettaq analiżi dettaljata tal-lista ta' parametri u tal-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li din tiġi adattata fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Fid-dawl tar-riżultati ta' din l-analiżi, għandhom jiġu kkontrollati patoġeni enteriċi u l-Legionella, filwaqt li jenthiġ jiżdiedu <b>disa'</b> parametri kimiċi jew gruppi ta' parametri, u <b>fejn</b> tliet sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali <b>u l-valuri gwida rrakkomandati</b> mid-WHO għandhom jiġu kkunsidrati. Rigward iċ-ċomb, id-WHO innutat li l-konċentrazzjonijiet jenħtieġ ikunu baxxi sal-aktar livell raġonevolment Prattiku, filwaqt li għall-kromju, il-valur għadu qed jiġi analizzat mid-WHO; għalhekk, qabel jiġu stabbiliti valuri aktar stretti għal dawn iż-żewġ parametri jenħtieġ japplika perjodu tranżitorju ta' għaxar snin.</p>

**Raġuni**

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tagħti l-ebda definizzjoni tat-terminu "valuri ta' parametraġġ referenzjarju prekawzjonarji". Fil-punt 5 tal-proposta għal "Spjegazzjoni dettaljata dwar kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO dwar il-parametri u l-valuri parametriċi għall-proposta", il-Kummissjoni tiddikjara wkoll li attwalment, skont id-WHO, ma hemm l-ebda evidenza ta' riskju għas-saħħa fir-rigward tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għat-tliet sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali u li dan huwa wkoll improbabbli. L-iffissar mill-Kummissjoni ta' livelli ta' konċentrazzjoni għal dawn it-tliet sustanzi kimiċi mhuwiex trasparenti u lanqas iġġustifikat xjentifikament. Għaldaqstant huwa rrakkomandat — u dan jista' jiġi ġġustifikat fir-rigward ta' rekwiżit tas-saħħa (l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem) –, li l-valuri gwida proposti mid-WHO għandhom jitqiesu bħala valuri parametriċi.

**Emenda 3**

Wara l-premessa 5, jitfasslu mill-ġdid il-premessi 1998/83 13 u 16 preċedenti.

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<b><i>Billi parametri huma bbażati fuq it-tagħrif xjentifiku disponibbli u billi l-prinċipju ta' prekawzjoni ġie kkunsidrat ukoll; billi l-parametri ntgħażlu biex ikun żgurat li l-ilma maħsub għal konsum mill-bniedem jista' jinxtorob mingħajr periklu għas-saħħa, u allura jfissru livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa;</i></b>

**Raġuni**

Il-premessi 13 u 16 preċedenti għandhom jintużaw sabiex isiru dikjarazzjonijiet ċari dwar il-valuri parametriċi. B'rabta mal-Artikolu 18 (Reviżjoni tal-Annessi), ma hemm l-ebda dubju li l-valuri parametriċi huma bbażati fuq it-tagħrif xjentifiku disponibbli u l-prinċipju ta' prekawzjoni. Dan huwa relatat mal-Artikolu ġdid 12(3), li skontu l-Istati Membri se jkollhom jivvalutaw b'mod "awtomatiku" kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi bħala theddida potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Kif diġà ġie ddikjarat fl-emenda 1, il-valutazzjoni relatata mas-saħħa tal-valuri parametriċi tad-WHO hija bbażata fuq approċċ preventiv relatat mas-saħħa (ara wkoll l-premessa 16 ġdida — it-tneħħija tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE) u mhux fuq periklu potenzjali immedjat. Dan imur kontra d-WHO.

**Emenda 4**

## Premessa 9

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Il-valutazzjoni tal-perikli jenħtieġ tkun immirata lejn it-tnaqqis tal-livell ta' trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, pereżempju billi jitnaqqsu l-pessjonijiet li jikkawżaw it-tniġġis tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw il-perikli u s-sorsi possibbli ta' tniġġis tal-ilma assoċjati ma' dawk il-korpi tal-ilma u li dawn jimmonitorjaw is-sustanzi niġġiesa li jidentifikaw bħala rilevanti, pereżempju minħabba l-perikli identifikati (eż. <b>il-mikroplastiċi, in-nitrati</b>, il-pestiċidi jew il-prodotti mediċinali identifikati skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), minħabba l-preżenza naturali tagħhom fiż-żona tal-astrazzjoni (pereżempju l-arseniku), jew minħabba informazzjoni mingħand il-fornituri tal-ilma (eż. żieda f'daqqa ta' parametru speċifiku filma mhux ittrattat). Dawk il-parametri jenħtieġ jintużaw bħala markaturi li permezz tagħhom tixkatta azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex titnaqqas il-pessjoni fuq il-korpi tal-ilma, bħall pereżempju miżuri ta' prevenzjoni jew ta' mitigazzjoni (inkluż riċerka biex, fejn meħtieġ, jiġu mifhuma l-impatti fuq is-saħħa), biex dawk il-korpi tal-ilma jiġu protetti u jiġi indirizzat is-sors tat-tniġġis, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u mal-partijiet ikkonċernati.</p>	<p>Il-valutazzjoni tal-perikli jenħtieġ tkun immirata lejn it-tnaqqis tal-livell ta' trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, pereżempju billi jitnaqqsu l-pessjonijiet li jikkawżaw it-tniġġis tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw il-perikli u s-sorsi possibbli ta' tniġġis tal-ilma assoċjati ma' dawk il-korpi tal-ilma u li dawn jimmonitorjaw is-sustanzi niġġiesa li jidentifikaw bħala rilevanti, pereżempju minħabba l-perikli identifikati (eż. <b>il-mikroplastiċi (partiċelli bejn 1 nm u 5 mm fid-daqs b'kontenut għoli ta' polimeri), il-livelli tan-nitrati</b>, il-pestiċidi jew il-prodotti mediċinali identifikati skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), minħabba l-preżenza naturali tagħhom fiż-żona tal-astrazzjoni (pereżempju l-arseniku), jew minħabba informazzjoni mingħand il-fornituri tal-ilma (eż. żieda f'daqqa ta' parametru speċifiku filma mhux ittrattat). Dawk il-parametri jenħtieġ jintużaw bħala markaturi li permezz tagħhom tixkatta azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex titnaqqas il-pessjoni fuq il-korpi tal-ilma, bħall pereżempju miżuri ta' prevenzjoni jew ta' mitigazzjoni (inkluż riċerka biex, fejn meħtieġ, jiġu mifhuma l-impatti fuq is-saħħa), biex dawk il-korpi tal-ilma jiġu protetti u jiġi indirizzat is-sors tat-tniġġis, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u mal-partijiet ikkonċernati. <b>Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri għandhom jintroduċu dispożizzjonijiet leġislattivi u regolatorji li jwasslu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-operaturi tas-servizzi tal-ilma sabiex ikollhom għodod biex jissorveljaw l-effetti tal-għażliet relatati mal-investment. L-impatt previst u l-pessjoni fuq il-korpi tal-ilma minħabba l-ilma iskartat għandhom ikunu l-muturi ewlenin għall-bini ta' mudelli ambjentali unitarji għat-tbassir u l-evalwazzjoni, utli għall-valutazzjoni tal-aħjar kundizzjonijiet rilevanti għal sostenibbiltà ambjentali, barra minn dik soċjoekonomika, l-operazzjonijiet fuq in-netwerks u fuq l-installazzjonijiet għall-iżgurar ta' netwerks integrati ta' servizzi tal-ilma, skont il-vokazzjonijiet soċjoekonomiċi tat-territorji li qed issir referenza għalihom.</b></p>

**Raġuni**

Il-mikroplastiċi huma sors prinċipali ta' tniġġis li għandu jkun immonitorjat mill-Istati Membri. Id-definizzjoni proposta hawn fuq hija dik użata mill-Aġenzija Żvediża għall-Protezzjoni tal-Ambjent. Tingħata preferenza għat-terminu "livelli tan-nitrat" minflok "nitrati" peress li, mil-lat kimiku, "nitrat" biss huwa korrett u f'dan il-kuntest qed issir referenza għal-livelli tan-nitrat.

## Emenda 5

## Premessa 11

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Fil-punt li fih l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem isir disponibbli għall-utent xieraq, għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi użati biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.</p> <p>Madankollu, il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista' tkun influwenzata mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Id-WHO tinnota li, mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, il-Legionella tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni. Din tiġi trażmessa permezz tan-nifs minn sistemi tal-ilma sħun, pereżempju waqt li dak li jkun ikun qed jieħu doċċa. Għalhekk, hija marbuta b'mod ċar mas-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Billi l-impożizzjoni ta' obbligu unilaterali biex il-postijiet pubbliċi u privati kollha jiġu mmonitorjati għal dan il-patoġenu twassal għal spejjeż mhux raġonevoli u għoljin wisq, valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika hija għalhekk iktar adattata biex tindirizza din il-kwistjoni. Barra minn hekk, anki r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn prodotti u minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika jenħtieġ tinkludi, inter alia, l-iffokar tal-monitoraġġ fuq postijiet ta' prijorità, il-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika u mill-prodotti u l-materjali relatati, u l-verifika <b>tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma</b> maħsub għall-konsum mill-bniedem <b>abbażi tad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandha tiġi pprovduta flimkien mad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw, inter alia, li l-miżuri xierqa ta' kontroll u ta' ġestjoni (eż. f'każ ta' tifqigħat) huma fis-seħħ, f'konformità mal-gwida tad-WHO, u li l-migrazzjoni minn prodotti għall-bini ma tkunx ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem. Madankollu, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 305/2011, fejn dawn il-miżuri jimplikaw limiti għall-moviment ħieles ta' prodotti u materjali fl-Unjoni, dawn il-limiti għandhom ikunu debitament ġustifikati u strettament proporzjonati, filwaqt li ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.</b></p>	<p>Fil-punt li fih l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem isir disponibbli għall-utent xieraq, għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi użati biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.</p> <p>Madankollu, il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista' tkun influwenzata mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Id-WHO tinnota li, mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, il-Legionella tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni. Din tiġi trażmessa permezz tan-nifs minn sistemi tal-ilma sħun, pereżempju waqt li dak li jkun ikun qed jieħu doċċa. Għalhekk, hija marbuta b'mod ċar mas-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Billi l-impożizzjoni ta' obbligu unilaterali biex il-postijiet pubbliċi u privati kollha jiġu mmonitorjati għal dan il-patoġenu twassal għal spejjeż mhux raġonevoli u għoljin wisq, valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika hija għalhekk iktar adattata biex tindirizza din il-kwistjoni. Barra minn hekk, anki r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn prodotti u minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika jenħtieġ tinkludi, inter alia, l-iffokar tal-monitoraġġ fuq postijiet ta' prijorità, il-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika u mill-prodotti u l-materjali relatati, u l-verifika <b>tas-sustanzi rilaxxati fl-ilma</b> maħsub għall-konsum mill-bniedem <b>permezz ta'</b> prodotti materjali.</p>

**Raġuni**

Huwa rakkomandat li l-prodotti u l-materjali ma jkunux soġġetti għal valutazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 (ir-Regolament dwar il-prodotti għall-bini) fir-rigward ta' sustanzi rilaxxati fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-istabiliment ta' kriterji parametriċi u valuri parametriċi għal migrazzjonijiet materjali fl-ilma tax-xorb minn prodotti tal-bini huwa rekwiżit ta' rilevanza għas-saħħa, u skont ir-Regolament dwar il-prodotti għall-bini, s'issa għad m'hemm l-ebda standard armonizzat fir-rigward tal-kriterji għall-valutazzjoni u l-kontenut tal-eżiti għar-rekwiżiti rilevanti għas-saħħa — abbażi biss ta' avviż. Dikjarazzjonijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-livelli u l-klassijiet għall-manifatturi ma jistgħux jiġu stabbiliti u ddivulgati. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' marka CE possibbli jew marka CE għall-prodotti għall-bini li jitqiegħdu fis-suq, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk id-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni (pereżempju dwar is-saħħa mekkanika) ma timponix ukoll riskju fuq is-saħħa tal-bniedem bħala konsegwenza tal-migrazzjoni ta' sustanzi fl-ilma tax-xorb. Minbarra l-prodotti għall-bini, materjali oħra jistgħu jirrilaxxaw sustanzi fl-ilma. Għaldaqstant, ir-Regolament dwar il-prodotti għall-bini huwa adatt biss sa ċertu punt, u l-materjali kollha għandhom jiġu kkontrollati u rregolati. Madankollu, informazzjoni vverifikata dwar il-migrazzjoni ta' sustanzi b'rabta mal-prodotti fl-ilma tax-xorb hija disponibbli fis-Sistema ta' 4 Stati Membri (4MS), li tipprovdi bażi ppruvata u nnotifikata għall-introduzzjoni ta' skema armonizzata ta' ttestjar u valutazzjoni għall-materjali u l-prodotti li jiġu f'kontatt mal-ilma tax-xorb. Fil-ġejjieni, dawn ir-rekwiżiti tal-iġjene u, f'dan il-kuntest, rekwiżiti oħra diretti għandhom jiġi inkorporati fid-Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb. Minbarra l-Ġermanja u Franza, l-inizjattiva 4MS tinvolvi wkoll in-Netherlands u r-Renju Unit. Ara wkoll l-emendi 13 u 14 għall-Artikolu 10(1)(c).

**Emenda 6**

## Premessa 12

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p><i>Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tat-trattament, it-tagħmir u l-materjali ma rnexxilhomx jindirizzaw l-ostakoli għas-suq intern fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-approvazzjonijiet tal-prodotti fil-livell nazzjonali għadhom fis-seħħ, iżda l-Istati Membri għandhom rekwiżiti differenti. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi jsibuha diffiċli biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom fl-Unjoni kollha. It-tneħħija ta' ostakoli tekniċi tista' tinkiseb b'mod effettiv biss billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011. Dak ir-Regolament jippermetti li jiġu żviluppati standards Ewropej li jarmonizzaw il-metodi ta' valutazzjoni għall-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u li jiġu stabbiliti livelli ta' limitu u klassijiet b'rabta mal-livell ta' prestazzjoni ta' karatteristika essenzjali. Għal dak l-għan, fil-Programm ta' Ħidma għall-istandardizzazzjoni tal-2017 ġiet inkluża talba ta' standardizzazzjoni li teħtieġ, b'mod speċifiku, ħidma ta' standardizzazzjoni b'rabta mal-iġjene u s-sikurezza għall-prodotti u l-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, u sal-2018 se jinħareġ istandard. Il-pubblikazzjoni ta' dan l-istandard armonizzat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea se jiżgura li jkun hemm proċess razzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkunu sikuri. B'konsegwenza ta' dan, id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir u l-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jitħassru, għandhom jiġu sostitwiti b'mod parzjali minn dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika u għandhom jiġu kkumplimentati minn standards armonizzati rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011.</i></p>	

**Raġuni**

Minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-rekwiżit bażiku tal-iġjene u s-saħħa għall-prodotti (Anness I Numru 3e) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 b'rabta mal-istandards tal-prodotti u tal-evalwazzjoni, u b'hekk id-data armonizzata dwar il-prestazzjoni għas-sustanzi kimiċi rilaxxati fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, hemm ġustifikazzjoni suffiċjenti biex tiġi rinunzjata dispożizzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 (ara wkoll l-Artikolu 10(1)(c)) għall-prevenzjoni ta' perikli għas-saħħa tal-bniedem. Fil-passat, approċċ li jarmonizza l-istandards diġà falla. Bħala soluzzjoni huwa rrakkomandat li fid-Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb jiġu regolati rekwiżiti diretti relatati mal-iġjene. Ara wkoll l-emendi 13 u 14 għall-Artikolu 10(1)(c).

**Emenda 7**

Premessa 15

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards imposti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istat Membru konċernat jinvestiga minnufih il-kawża u jiżgura li, kemm jista' jkun malajr, tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex titrangà l-kwalità tal-ilma. F'każijiet fejn il-provvista tal-ilma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, il-provvista ta' dak l-ilma għandha tiġi pprojbita, jew l-użu ta' dak l-ilma għandu jiġi ristrett. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi ċċarat li nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi għall-valuri relatati mal-parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi <b>jenħtieġ</b> jiġi kkunsidrat <b>b'mod awtomatiku</b> mill-Istati Membri bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva biex titrangà l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat, għandha tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-kawża tal-problema.</p>	<p>F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards imposti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istat Membru konċernat jinvestiga minnufih il-kawża u jiżgura li, kemm jista' jkun malajr, tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex titrangà l-kwalità tal-ilma. F'każijiet fejn il-provvista tal-ilma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, il-provvista ta' dak l-ilma għandha tiġi pprojbita, jew l-użu ta' dak l-ilma għandu jiġi ristrett. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi ċċarat li nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi għall-valuri relatati mal-parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi jista' jiġi kkunsidrat <b>fuq bażi ta' każ b'każ</b> mill-Istati Membri bħala periklu potenzjali possibbli għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva biex titrangà l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat, għandha tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-kawża tal-problema.</p>

**Raġuni**

Mhuwiex irrakkomandat li ssir valutazzjoni awtomatika tal-limiti tal-valuri parametriċi bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Kif diġà ġie ddikjarat fl-emenda 1, il-valutazzjoni relatata mas-saħħa tal-valuri parametriċi tad-WHO hija bbażata fuq approċċ preventiv relatat mas-saħħa (ara wkoll l-premessa 16 ġdida — it-tneħħija tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE) u mhux fuq periklu potenzjali immedjat u b'hekk dan il-fatt jista' jitqies bħala kontradizzjoni fil-innifsu. Min-naħa l-oħra, dan ifisser li hemm diffikultajiet fil-komunikazzjoni mal-konsumatur, filwaqt li jwassal għal aktar tħassib u nuqqas ta' fiduċja. Aktarx, fil-ġejjieni, dan jista' jservi ta' sostenn għall-konsum tal-ilma fi fliexken. Dan imur kontra l-miri stabbiliti fil-proposta għal Direttiva. Qed jiġi propost li tiġi rtirata t-tneħħija tal-Artikolu 9 "Derogi" tad-Direttiva 98/83/KE.

**Emenda 8**

Artikolu 2(3),(4),(5),(6) u (9)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>3. "fornitur tal-ilma" tfisser entità li bħala medja tforni mill-inqas 10 m<sup>3</sup> ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kuljum.</p> <p>4. "fornitur tal-ilma żgħir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni inqas minn 500 m<sup>3</sup> ta' ilma kuljum jew li jservi inqas minn 5 000 persuna.</p>	<p>3. "fornitur tal-ilma" tfisser entità <b>identifikabbli</b> li bħala medja tforni mill-inqas 10 m<sup>3</sup> ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kuljum.</p> <p>4. "fornitur tal-ilma żgħir" tfisser fornitur tal-ilma <b>identifikabbli</b> li jforni inqas minn 500 m<sup>3</sup> ta' ilma kuljum jew li jservi inqas minn 5 000 persuna.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>5. “fornitur tal-ilma <b>kbir</b>” tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas 500 m<sup>3</sup> ta’ ilma kuljum jew li jservi mill-inqas <b>5 000</b> persuna.</p> <p>6. “fornitur tal-ilma kbir ħafna” tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas 5 000 m<sup>3</sup> ta’ ilma kuljum jew li jservi mill-inqas <b>50 000</b> persuna.</p> <p>7. “postijiet ta’ prijorità” tfisser binjiet kbar b’ħafna utenti li potenzjalment jistgħu jkunu esposti għal riskji relatati mal-ilma, bħal sparijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, binjiet b’faċilità ta’ akkomodazzjoni, istituzzjonijiet penali u żoni għall-ikkampjar, kif identifikati mill-Istati Membri.</p> <p>8. “gruppi vulnerabbli u emarġinati” tfisser persuni iżolati mis-soċjetà, bħala riżultat ta’ diskriminazzjoni jew ta’ nuqqas ta’ aċċess għal drittijiet, riżorsi jew opportunitajiet, u li huma aktar esposti għal firxa ta’ riskji possibbli relatati mas-saħħa tagħhom, mas-sigurtà tagħhom, man-nuqqas ta’ edukazzjoni, mal-involviment tagħhom fi Prattiki li jagħmlu ħsara, jew ma’ riskji oħra, meta mqabbel mal-bqija tas-soċjetà.</p>	<p>5. “fornitur tal-ilma <b>ta’ daqs medju</b>” tfisser fornitur tal-ilma identifikabbli li jforni mill-inqas 500 m<sup>3</sup> ta’ ilma kuljum jew li jservi mill-inqas <b>50 000 sa 500 000</b> persuna.</p> <p>6. <b>“fornitur tal-ilma kbir” tfisser fornitur tal-ilma identifikabbli li jforni mill-inqas 1 250 m<sup>3</sup> ta’ ilma kuljum jew li jservi mill-inqas 500 000 sa 1 500 000 persuna</b></p> <p>7. “fornitur tal-ilma kbir ħafna” tfisser fornitur tal-ilma <b>identifikabbli</b> li jforni mill-inqas 5 000 m<sup>3</sup> ta’ ilma kuljum jew li jservi mill-inqas <b>1 500 000</b> persuna.</p> <p>8. “postijiet ta’ prijorità” tfisser binjiet kbar b’ħafna utenti li potenzjalment jistgħu jkunu esposti għal riskji relatati mal-ilma, bħal sparijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, binjiet b’faċilità ta’ akkomodazzjoni, istituzzjonijiet penali u żoni għall-ikkampjar, kif identifikati mill-Istati Membri.</p> <p>9. “gruppi vulnerabbli u emarġinati” tfisser persuni iżolati mis-soċjetà, bħala riżultat ta’ diskriminazzjoni jew ta’ nuqqas ta’ aċċess għal drittijiet, riżorsi jew opportunitajiet, u li huma aktar esposti għal firxa ta’ riskji possibbli relatati mas-saħħa tagħhom, mas-sigurtà tagħhom, man-nuqqas ta’ edukazzjoni, mal-involviment tagħhom fi Prattiki li jagħmlu ħsara, jew ma’ riskji oħra, meta mqabbel mal-bqija tas-soċjetà.</p> <p>10. <b>provvista individwali li ttiprovdi medja ta’ inqas minn 10 metri kubi kuljum jew li sservi inqas minn 50 persuna, sakemm l-ilma ma jkunx fornut bħala parti minn attività kummerċjali jew pubblika.</b></p>

### Raġuni

Hemm bżonn li tiġi stabbilita kategorija intermedja ta’ fornituri kbar (minn 500 000 sa 1 500 000 persuna). Huwa rrakkomandat li Artikolu 2(3) u Artikolu 2(6) ikopru l-impjanti tal-provvista tal-ilma li huma essenzjalment unitarji u għaldaqstant huma entitajiet identifikabbli ta’ provvista. Hawnhekk mhux qed issir referenza għal provvisti tal-ilma mifruxa jew mhux kontigwi ta’ fornitur tal-ilma. Peress li l-Artikolu (3)(2)(b) jiddefinixxi provvista li ttiprovdi inqas minn 10 metri kubi kuljum jew li sservi inqas minn 50 persuna, huwa rrakkomandat li din id-definizzjoni tiġi inkluzja fl-Artikolu 2 għal raġunijiet ta’ completezza.



**Emenda 9**

Artikolu 5(1)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri stipulati fl-Anness I, li m'għandhomx ikunu inqas stretti mill-valuri stipulati fl-istess Anness.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri stipulati fl-Anness I, li m'għandhomx ikunu inqas stretti mill-valuri stipulati fl-istess Anness.  <b>Għall-parametri indikaturi elenkati fil-Parti D tal-Anness I, jeħtieġ li l-valuri jiġu stabbiliti biss għall-fini ta' monitoraġġ u konformità mal-obbligi tal-Artikolu 12.</b>

**Raġuni**

Il-parametri indikaturi elenkati fil-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE huma mħassra mill-proposta għal Direttiva minħabba li dawn m'għandhom l-ebda rilevanza għas-saħħa. Madankollu, ir-riħa u t-togħma għandhom jiġu vvalutati bħala rekwiżiti iġeniċi għall-kwalità tal-ilma u għandhom effett fuq l-aċċettazzjoni tal-konsum tax-xorb.

**Emenda 10**

Artikolu 7(1)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvista, it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma soġġetti għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvista, it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma soġġetti għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju <b>li huwa xieraq, proporzjonat u rilevanti b'mod lokali skont il-linji gwida tad-WHO dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb kif ukoll l-istandard EN 15975-2</b> li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:
(a) valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 8;	(a) valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 8;
(b) valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma li jfornu, f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Parti C tal-Anness II;	(b) valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma li jfornu, f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Parti C tal-Anness II;
(c) valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, f'konformità mal-Artikolu 10.	(c) valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, f'konformità mal-Artikolu 10.
	<b>L-Istati Membri għandhom jiżguraw allokkazzjoni ċara u bbilanċjata tar-responsabbiltajiet għal valutazzjoni tal-perikli u tar-riskji fir-rigward tal-fornituri tal-ilma, b'kont meħud ta' oqfsa nazzjonali istituzzjonali u legali kif ukoll tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.</b>

**Raġuni**

Sabiex jiġi żgurat li l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jintuża skont proċeduri rikonoxxuti internazzjonalment, għandu jingħata taġhrif dwar l-istandards bażiċi, il-linji gwida tad-WHO fir-rigward tal-kunċett tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma ("water safety plan") u l-istandard EN 15975-2 (*il-linji gwida dwar il-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżi għas-sigurtà tal-forniment tal-ilma tax-xorb*).

Il-proporzjonalità jenħtieġ li tkun il-prinċipju ta' gwida għall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-parametri għandhom ikunu adatti u ta' rilevanza lokali, minħabba l-ispejjeż ekonomiċi u tekniċi addizzjonali. Ma hemm l-ebda evidenza li l-lista proposta ta' frekwenzi u parametri se twassal għal livell ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa.

Il-Kummissjoni Ewropea tintroduċi analiżi bbażata fuq ir-riskju ta' żoni fejn jinġabar l-ilma, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb u installazzjonijiet interni, bi spazju għall-Istati Membri biex jimlew dan. Id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet għad trid tiġi ċċarata, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mar-rwol ta' kumpaniji tal-ilma tax-xorb.

**Emenda 11**

Artikolu 8(1), punt (d)(iv)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
sustanzi niġġiesa oħra rilevanti, <b>bħal pereżempju mikroplastiċi</b> , jew sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri tax-xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri abbażi tar-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u skont l-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva;	sustanzi niġġiesa oħra rilevanti, <b>bħal pereżempju mikroplastiċi (partiċelli bejn 1 nm u 5 mm fid-daqs b'kontenut għoli ta' polimeri)</b> , jew sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri tax-xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri abbażi tar-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u skont l-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva;

**Raġuni**

Il-mikroplastiċi huma sors prinċipali ta' tniġġis li għandu jkun immonitorjat mill-Istati Membri. Id-definizzjoni proposta hawn fuq hija dik użata mill-Aġenzija Żvediża għall-Protezzjoni tal-Ambjent.

**Emenda 12**

Artikolu 8(4)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
F'każijiet fejn fornitur tal-ilma jkun jista' jnaqqas il-frekwenza tal-monitoraġġ kif imsemmi fil-paragrafu 2(b), l-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw, b'mod regolari, dawk il-parametri fil-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli.	F'każijiet fejn fornitur tal-ilma jkun jista' jnaqqas il-frekwenza tal-monitoraġġ kif imsemmi fil-paragrafu 3(b), l-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw, b'mod regolari, dawk il-parametri fil-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli.

**Raġuni**

Ir-referenza għandha tiġi kkjarifikata u tikkonċerna l-kummenti fil-paragrafu 3(b).

**Emenda 13**

Artikolu 10(1)(c)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>verifika rigward jekk il-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem hijiex xierqa b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali relatati mar-rekwiżit bażiku għax-xogħlijiet tal-bini speċifikat fil-punt 3(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011.</i>	

**Raġuni**

In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar ir-rekwiżit bażiku tal-iġjene u s-saħħa (Anness I Numru 3e) għall-prodotti b'rabta mal-istandards relatati mal-prodotti u l-evalwazzjoni jwassal biex id-data armonizzata dwar il-prestazzjoni għas-sustanzi rilaxxati fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma tkunx tista' tiġi kkonsultata jew użata biex tipprevjeni l-perikli għas-saħħa tal-bniedem. Ara wkoll l-emendi 5 u 6.

**Emenda 14**

Artikolu 10(2)(c)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<i>jieħdu miżuri oħra, bħal metodi xierqa ta' kondizzjonament, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma, biex jitbiddlu n-natura jew il-karatteristiċi tal-ilma qabel ma dan jiġi fornut sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi wara l-provvista;</i>	

**Raġuni**

Din il-miżura, li permezz tagħha l-fornituri tal-ilma jkunu jistgħu jbiddu l-ilma qabel ma dan jiġi fornut fi stallazzjonijiet domestiċi, u li hija adatta sabiex jiġu mħarsa l-valuri parametriċi skont il-Parti C tal-Anness I, mhijiex fattibbli. Minflok, l-istallazzjonijiet domestiċi għandhom ikunu mfassla u joperaw, kemm mil-lat tekniku kif ukoll mil-lat materjali, b'tali mod li jiġu osservati l-valuri parametriċi skont il-Parti C tal-Anness I.

**Emenda 15**

Artikolu 10(2)(d)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
jinfurmaw b'mod debitu u jgħarrfu lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma, u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat li r-riskju jerġa' jseħħ;	jinfurmaw b'mod debitu u jgħarrfu lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma, u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat li r-riskju <b>tan-nuqqas ta' konformità</b> jerġa' jseħħ;

**Raġuni**

Kjarifika dwar it-tip ta' riskju.

**Emenda 16**

Artikolu 12(3)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Irrispettivament minn jekk ikunux intlaħqu jew le l-valuri parametriċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun ipprojbit jew ristrett l-użu ta' kwalunkwe provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem u li tittieħed kull azzjoni oħra ta' rimedju meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.	Irrispettivament minn jekk ikunux intlaħqu jew le l-valuri parametriċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun ipprojbit jew ristrett l-użu ta' kwalunkwe provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem u li tittieħed kull azzjoni oħra ta' rimedju meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem.
<b><i>L-Istati Membri għandhom, b'mod awtomatiku, iqisu kwalunkwe nuqqas b'rabta mal-issodisfar tar-rekwiżiti minimi għall-valuri parametriċi stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem.</i></b>	

**Raġuni**

Hija regolamentazzjoni żejda li wieħed jikkwalifika b'mod awtomatiku kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward ta' rekwiżit minimu ta' valur parametrik — pereżempju batterju koliformi singolu, turbidità jew eċċess ta' madwar 10 % tal-parametru kimiku — bħala periklu potenzjal minnu nnifsu. Minn naħa waħda, il-valutazzjoni relatata mas-saħħa tal-valuri parametriċi tad-WHO hija bbażata fuq approċċ preventiv relatat mas-saħħa (ara wkoll l-premessa 16 ġdida — it-meħhija tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE) u mhux fuq periklu potenzjali immedjat. Dan imur kontra d-WHO. Min-naħa l-oħra, il-batterji ta' koliformi kif ukoll it-turbidità huma indikaturi ta' kontaminazzjoni possibbli abbażi ta' kjarifika. Għandu jiġi kkunsidrat li kwalunkwe nuqqas b'rabta mal-issodisfar tar-rekwiżiti minimi għall-valuri parametriċi jkun akkopjat mal-għoti ta' tagħrif lill-konsumaturi. Probabbilment, dan iwassal għal inċertezza, tħassib u nuqqas ta' fiduċja fl-ilma tax-xorb u jista' jżid il-konsum tal-ilma fi flixxien. Dan imur kontra l-miri bażiċi tad-Direttiva. Madankollu, għandu jiġi kkunsidrat ukoll li f'xi każijiet, mhux dejjem ikunu jistgħu jiġu implimentati miżuri b'mod immedjat, pereżempju minħabba ċirkostanzi tekniċi. (Ara emenda 17, sabiex jiġi revokat l-Artikolu 9 "Derogi" mid-Direttiva 98/83/KE).

**Emenda 17**

Artikolu ġdid “Derogi” wara l-Artikolu 12

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p><b>Artikolu xx — Derogi (Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE)</b></p> <p><b>1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I, jew skont l-Artikolu 5(3), sa valur massimu li jiddeterminaw huma stess, sakemm l-ebda deroga ma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem; u sakemm il-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-post konċernat ma tkunx tista’ tinżamm b’mezzi oħra raġonevoli.</b></p> <p><i>Id-derogi għandhom jiġu limitati għall-iqsar żmien possibbli u ma għandhomx jaqbu t-tlett snin. Kif iż-żmien tad-deroga joqrob lejn tmiemu, għandha issir reviżjoni li tara jekk sarx progress suffiċjenti. Meta Stat Membru jkun irid jagħti t-tieni deroga, dan għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bir-reviżjoni li tkun saret kif ukoll bir-raġunijiet li wassluh jagħti t-tieni deroga. It-tieni deroga ma għandhiex taqbeż it-tlett snin.</i></p> <p><b>2. F’ċirkostanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista’ jitlob għat-tielet deroga mill-Kummissjoni għal perjodu li ma jaqbiżx it-tlett snin. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fuq talba bħal din fi żmien tlett xhur.</b></p> <p><b>3. Kwalunkwe deroga mogħtija skont il-pargrafi 1 jew 2 għandha tispeċifika dan li ġej:</b></p> <p>(a) ir-raġunijiet għad-deroga;</p> <p>(b) il-parametru konċernat, riżultati rilevanti ta’ kontrolli li jkun saru, u l-valur massimu permessibbli taħt id-deroga;</p> <p>(c) iż-żona ġeografika, il-kwantità tal-ilma pprovduta kull jum, il-popolazzjoni konċernata u jekk tkunx sa tiġi affetwata xi impriża tal-produzzjoni tal-ikel;</p> <p>(d) skema xierqa ta’ kontroll, b’żieda fil-frekwenza ta’ kontroll fejn meħtieġ;</p> <p>(e) Il-pjan fil-qosor tal-azzjoni korrettiva meħtieġa, li tinkludi skeda taż-żmien għax-xogħol u stima tal-ispejjeż u disposizzjonijiet għar-reviżjoni;</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p>(f) <i>it-tul taż-żmien tad-deroga.</i></p> <p>4. <i>Jekk l-awtoritajiet kompetenti iħossu li n-nuqqas ta' konformità mal-valur parametrikum jkun wieħed trivjali, u jekk azzjoni meħuda skont l-Artikolu 8(2) tkun biżżejjed biex tirrimedja l-problema fi żmien tletin jum, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3 jistgħu ma jgħux applikati.</i></p> <p><i>F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra rilevanti għandhom jistabbilixxu biss il-valur massimu permissibbli għall-parametru konċernat u l-ħin allokat għar-rimedju tal-problema.</i></p> <p>5. <i>Wieħed ma għandux iktar jirrikorri għall-paragrafu 4 jekk ikun ġie innutat nuqqas ta' konformità ma' valur parametrikum wieħed għal provvista partikolari ta' ilma li tkun seħħet f'iktar minn 30 jum fit-12 il-xahar ta' qabel.</i></p> <p>6. <i>Kwalunkwe Stat Membru li jirrikorri għad-derogi provduti f'dan l-Artikolu għandu jiżgura li l-popolazzjoni affetwata minn din id-deroga tiġi mgħarrfa fil-ħin u b'mod xieraq dwar id-deroga u l-kondizzjonijiet tagħha. Barra minn hekk l-Istat Membru għandu, fejn meħtieġ, jiżgura li jinagħta tagħrif xieraq lil gruppi partikolari fil-popolazzjoni li jgħalihom id-deroga tista' tippreżenta riskju speċjali.</i></p> <p><i>Dawn l-obligi m'għandhomx japplikaw fiċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 4 sa kemm l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċidux mod ieħor.</i></p> <p>7. <i>Ħlief għal derogi mogħtija skont il-paragrafu 4a, Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn bi kwalunkwe deroga li għandhiex x'taqsam ma' provvista individwali tal-ilma b'medja ta' iktar minn 500 m<sup>3</sup> kuljum jew li sservi iktar minn 5 000 persuna, inkluż it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 3.</i></p> <p>8. <i>Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem offrut għall-bejgħ fi fliexken jew reċipjenti.</i></p>

### Raġuni

Sakemm ma jkun hemm l-ebda riskju potenzjali għas-saħħa b'rabta man-nuqqas ta' konformità tal-valuri parametriċi, huwa rrakkomandat li r-regolamentazzjoni eżistenti fir-rigward tad-derogi fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE terġa' tidħol fis-seħħ. Dan minħabba l-fatt li mhux kull nuqqas ta' konformità huwa periklu immedjat għas-saħħa, u minħabba li l-valutazzjoni relatata mas-saħħa tal-valuri parametriċi tad-WHO hija bbażata fuq approċċ preventiv relatat mas-saħħa (ara wkoll il-premessa 16 ġdida li twaqqaf id-derogi skont Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE).

**Emenda 18**

## Artikolu 13

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Access għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem</p> <p>1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom <b>jieħdu</b> l-miżuri kollha meħtieġa sabiex itejbu l-aċċess ta' kulħadd għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jippromwovu l-użu tiegħu fit-territorju tagħhom. Dan għandu jinkludi l-miżuri kollha li ġejjin:</p> <p>(a) l-identifikazzjoni ta' persuni mingħajr aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u r-raġunijiet għannuqqas ta' aċċess (pereżempju minħabba appartenenza għal gruppi vulnerabbli u emarġinati), l-evalwazzjoni tal-possibiltajiet għat-titjib tal-aċċess għal dawk in-nies u li dawn jiġu infurmati dwar il-possibiltajiet li jiġu konnessi ma' netwerk ta' distribuzzjoni, jew dwar mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għal ilma ta' dan it-tip;</p> <p>(b) l-installazzjoni u ż-żamma fuq barra u fuq ġewwa ta' tagħmir għal aċċess ħieles għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fi spazji pubbliċi;</p> <p>(c) il-promozzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem permezz ta' dawn li ġejjin:</p> <p>(i) it-tnedija ta' kampanji biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-kwalità ta' dan l-ilma;</p> <p>(ii) it-tħeġġiġ tal-forniment ta' dan l-ilma f'amministrazzjonijiet u f'binjiet pubbliċi;</p> <p>(iii) it-tħeġġiġ tal-għoti b'xejn ta' ilma ta' dan it-tip f'ristoranti, f'kantins u f'servizzi ta' catering.</p>	<p>Access għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem</p> <p>1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom <b>jieħdu</b> l-miżuri kollha meħtieġa sabiex itejbu l-aċċess ta' kulħadd għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jippromwovu l-użu tiegħu fit-territorju tagħhom. <b>B'konsiderazzjoni tal-insularità ġeografika ta' komunitajiet rurali u tal-gżejjer, dan għandu jinkludi l-miżuri kollha li ġejjin:</b></p> <p>(a) l-identifikazzjoni ta' persuni mingħajr aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u r-raġunijiet għannuqqas ta' aċċess (pereżempju minħabba appartenenza għal gruppi vulnerabbli u emarġinati), l-evalwazzjoni tal-possibiltajiet għat-titjib tal-aċċess għal dawk in-nies u li dawn jiġu infurmati dwar il-possibiltajiet li jiġu konnessi ma' netwerk ta' distribuzzjoni, jew dwar mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għal ilma ta' dan it-tip;</p> <p>(b) l-installazzjoni u ż-żamma fuq barra u fuq ġewwa ta' tagħmir għal aċċess ħieles għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fi spazji pubbliċi, <b>filwaqt li tiġi prevista l-installazzjoni ta' apparat speċifiku sabiex ma ssirx heła;</b></p> <p>(c) il-promozzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem permezz ta' dawn li ġejjin:</p> <p>(i) it-tnedija ta' kampanji biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-kwalità ta' dan l-ilma;</p> <p>(ii) it-tħeġġiġ tal-forniment ta' dan l-ilma f'amministrazzjonijiet u f'binjiet pubbliċi;</p> <p>(iii) it-tħeġġiġ tal-għoti b'xejn ta' ilma ta' dan it-tip f'ristoranti, f'kantins u f'servizzi ta' catering.</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom <b>jieħdu</b> l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-aċċess minn gruppi vulnerabbli u emarġinati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.</p> <p>F'każ li daww il-gruppi ma jkollhomx aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-Istati Membri għandhom jgħarrfuhom minnufih rigward il-kwalità tal-ilma li jkunu qed jużaw, u rigward kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed biex jiġu evitati l-effetti ħżiena fuq saħħet il-bniedem li jistgħu jirriżultaw minn kwalunkwe tniġġis ta' dak l-ilma.</p>	<p>2. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa <b>flimkien mal-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fil-livell lokali u reġjonali</b> biex jiżguraw l-aċċess minn gruppi vulnerabbli u emarġinati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.</p> <p><b>Għandha tingħata attenzjoni partikolari li l-awtoritajiet lokali jkollhom influwenza fuq il-miżuri li jiżguraw aċċess għall-ilma. Għandu jkun possibbli wkoll li jintużaw sorsi privati tal-ilma, bil-kundizzjoni li jkunu ssorveljati u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kwalità.</b></p> <p>F'każ li daww il-gruppi ma jkollhomx aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-Istati Membri għandhom jgħarrfuhom minnufih rigward il-kwalità tal-ilma li jkunu qed jużaw, u rigward kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed biex jiġu evitati l-effetti ħżiena fuq saħħet il-bniedem li jistgħu jirriżultaw minn kwalunkwe tniġġis ta' dak l-ilma.</p>

### Raġuni

L-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jagħmel parti mis-servizzi pubbliċi. F'bosta Stati Membri, il-muniċipalitajiet għandhom ir-responsabbiltà legali li jipprovdu lill-popolazzjoni b'ilma tax-xorb suffiċjenti. Fir-rigward tal-kwistjoni li tikkonċerna l-kwalità tal-ilma tax-xorb u l-aċċess għall-ilma tax-xorb, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw din il-problema fuq inizjattiva tagħhom stess. Madankollu konsiderazzjoni ta' ostakli addizzjonali minn ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali u l-implikazzjonijiet tar-riżorsi jeħtieġ li jiġu indirizzati bl-involviment ta' dawn l-awtoritajiet, b'hekk l-aċċess għall-ilma jsir aktar ekwu għal partijiet vulnerabbli tal-popolazzjoni.

### Emenda 19

#### ANNEX I Parti B — Parametru: Pestiċidi — Noti

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>“Pestiċidi” tfisser:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— insettiċidi organiċi,</li> <li>— erbiċidi organiċi,</li> <li>— fungiċidi organiċi,</li> <li>— nematoċidi organiċi,</li> <li>— akariċidi organiċi,</li> <li>— algjiċidi organiċi,</li> <li>— rodentiċidi organiċi,</li> <li>— slimiciċidi organiċi,</li> <li>— prodotti relatati (inter alia, regolaturi tat-tkabbir)</li> </ul> <p>u l-metaboliti <b>relevanti</b> tagħhom kif definiti fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.</p>	<p>“Pestiċidi” tfisser:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— insettiċidi organiċi,</li> <li>— erbiċidi organiċi,</li> <li>— fungiċidi organiċi,</li> <li>— nematoċidi organiċi,</li> <li>— akariċidi organiċi,</li> <li>— algjiċidi organiċi,</li> <li>— rodentiċidi organiċi,</li> <li>— slimiciċidi organiċi,</li> <li>— prodotti relatati (inter alia, regolaturi tat-tkabbir)</li> </ul> <p>u l-metaboliti <b>relevanti</b> tagħhom kif definiti fl-Artikolu 3 (32) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.</p>



Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Il-valur parametrikku japplika għal kull pestiċida individwali.	Il-valur parametrikku japplika għal kull pestiċida individwali.

**Raġuni**

Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jirregola metaboliti “relevanti” u anke l-verżjoni Ingliża tal-proposta għall-Anness tad-Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb tal-1 ta’ Frar 2018 tiddefinixxi “(...) u l-metaboliti relevanti tagħhom (...)”. Huwa rrakkomandat, li l-kelma “relevanti” tiġi tradotta b’mod xieraq fit-traduzzjoni Ġermaniża wkoll. (Nota tat-traduttur: Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

**Emenda 20**

ANNEX I Parti D;

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<b>Parti D Parametri indikaturi</b> Tiżdied it-Tabella fil-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE

**Raġuni**

Il-parametri indikaturi elenkati fil-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE huma mħassra mill-proposta għal Direttiva minħabba li dawn m’għandhom l-ebda rilevanza għas-saħħa. Madankollu, ir-riħa u t-toghħma għandhom jiġu vvalutati bħala rekwiżiti iġeniċi għall-kwalità tal-ilma u għandhom effett fuq l-aċċettazzjoni tal-konsum tax-xorb. Parametri indikaturi ulterjuri huma speċifiċi għas-sistema u mfassla b’mod tekniku, u b’hekk il-ħadid, il-manganiż u t-turbidità huma meħtieġa fir-rigward tal-estent tal-korrużjoni, filwaqt li l-valur TOC u l-valur pH huma meħtieġa fir-rigward tal-użu tad-diżinfettant. Huwa rrakkomandat li l-parametri indikaturi jergħu jiġu introdotti fil-Parti D tal-Anness I f’tabella. Għaldaqstant, bħala riżultat tat-tibdil fit-Tabella 1 tal-Parti B tal-Anness III, il-parametri indikaturi għandhom jitqiesu b’rabta mal-karatteristiċi tal-eżekuzzjoni.

**Emenda 21**

Proposta ta’ emenda għad-dokument tal-Kummissjoni COM(2017) 753 final — Parti 1

Artikolu 14

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Informazzjoni għall-pubbliku	Informazzjoni għall-pubbliku
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-Internet ikun hemm disponibbli, għall-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma, informazzjoni xierqa u aġġornata dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f’konformità mal-Anness IV.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-Internet ikun hemm disponibbli, għall-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma, informazzjoni xierqa u aġġornata dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f’konformità mal-Anness IV.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma jirċievu, b'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, fl-aktar forma xierqa (pereżempju fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) u mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbuha, l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(oo) informazzjoni dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli, li tippreżenta tal-inqas l-ispejjeż relatati mal-elementi li ġejjin:</p> <p><b>(i) il-miżuri meħuda mill-fornituri tal-ilma għall-valutazzjoni tal-perikli skont l-Artikolu 8(5);</b></p> <p><b>(ii) it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;</b></p> <p><b>(iii) il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi;</b></p> <p><b>(iv) il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 13, f'każ li l-fornituri tal-ilma jkunu hađu miżuri ta' dak it-tip;</b></p> <p>(b) il-prezz għal kull litru u metru kubu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fornut;</p> <p>(c) il-volum ikkunsmat mill-unità domestika, mill-inqas kull sena jew għal kull perjodu tal-kont, flimkien max-xejriet ta' konsum annwali;</p> <p>(d) tqabbil tal-konsum annwali ta' ilma mill-unità domestika, b'konsum medju għal unità domestika tal-istess kategorija;</p> <p>(e) ħolqa għas-sit web li jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV.</p> <p>Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-ewwel subparagrafu, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu 20(2).</p> <p>3. Il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.</p>	<p>2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma jirċievu, b'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, fl-aktar forma xierqa (pereżempju fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) u mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbuha, l-informazzjoni li ġejja:</p> <p>(a) informazzjoni dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli.</p> <p>(b) il-prezz għal kull litru u metru kubu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fornut;</p> <p>(c) il-volum ikkunsmat mill-unità domestika, mill-inqas kull sena jew għal kull perjodu tal-kont, flimkien max-xejriet ta' konsum annwali;</p> <p>(d) tqabbil tal-konsum annwali ta' ilma mill-unità domestika, b'konsum medju għal unità domestika tal-istess kategorija;</p> <p>(e) ħolqa għas-sit web li jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV.</p> <p>Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-ewwel subparagrafu, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami li jirreferi għaliha l-Artikolu 20(2).</p> <p>3. Il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.</p>

### Raġuni

Ir-rekwiżiti fl-Artikolu 14 imorru 'l bogħod wisq. L-informazzjoni lill-unitajiet domestiċi għandha tiffoka fuq il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-elementi li ma jaffettwawx il-kwalità tal-ilma għax-xorb (l-ilma mormi, dokumenti kunfidenzjali dwar l-istadji tat-trattament, eċċ.) m'għandhomx jiġu inklużi.

**Emenda 22**

Proposta ta' emenda għad-dokument tal-Kummissjoni COM(2017) 753 final — Parti 1

Anness IV

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA ONLINE LILL-PUBBLIKU</p> <p>L-informazzjoni li ġejja għandha tkun aċċessibbli online għall-konsumaturi, u għandha tkun personalizzata u faċli biex dak li jkun jaċċessaha u jfihimha:</p> <p>(1) l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-ilma rilevanti;</p> <p>(2) l-aktar riżultati reċenti tal-monitoraġġ għall-parametri elenkati fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness I, inklużi l-frekwenza u l-post fejn jinsabu l-punti tal-kampjunar, li huma rilevanti għall-qasam ta' interess għall-persuna li tkun qed tingħata l-provvista, flimkien mal-valur parametrik stabbilit skont l-Artikolu 5. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ma għandhomx jirreferu għal perjodu li jkun qabeż:</p> <p>(a) żmien xahar, għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna;</p> <p>(b) żmien sitt xhur, għall-fornituri tal-ilma kbar;</p> <p>(c) żmien sena għall-fornituri tal-ilma żgħar;</p> <p>(3) f'każ li jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, informazzjoni dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u l-pariri assoċjati dwar is-saħħa u l-konsum, jew iperlink li jipprovdi aċċess għal tali informazzjoni;</p> <p>(4) sommarju tal-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista rilevanti;</p> <p>(5) informazzjoni dwar il-parametri indikaturi u l-valuri parametriċi assoċjati li ġejjin:</p> <p>(a) Kulur;</p> <p>(b) pH (Konċentrazzjoni tal-joni tal-idroġenu);</p>	<p>INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA ONLINE LILL-PUBBLIKU</p> <p>L-informazzjoni li ġejja għandha tkun aċċessibbli online għall-konsumaturi, u għandha tkun personalizzata u faċli biex dak li jkun jaċċessaha u jfihimha:</p> <p>(1) l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-ilma rilevanti;</p> <p>(2) l-aktar riżultati reċenti tal-monitoraġġ għall-parametri elenkati fil-Parti A u fil-Parti B tal-Anness I, inklużi l-frekwenza u l-post fejn jinsabu l-punti tal-kampjunar, li huma rilevanti għall-qasam ta' interess għall-persuna li tkun qed tingħata l-provvista, flimkien mal-valur parametrik stabbilit skont l-Artikolu 5. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ma għandhomx jirreferu għal perjodu li jkun qabeż:</p> <p>(a) żmien xahar, għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna;</p> <p>(b) żmien sitt xhur, għall-fornituri tal-ilma kbar;</p> <p>(c) żmien sena għall-fornituri tal-ilma żgħar;</p> <p>(3) f'każ li jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, informazzjoni dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u l-pariri assoċjati dwar is-saħħa u l-konsum, jew iperlink li jipprovdi aċċess għal tali informazzjoni;</p> <p>(4) sommarju tal-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista rilevanti;</p> <p>(5) informazzjoni dwar il-parametri indikaturi u l-valuri parametriċi assoċjati li ġejjin:</p> <p>(a) Kulur;</p> <p>(b) pH (Konċentrazzjoni tal-joni tal-idroġenu);</p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(c) Konduttività;</p> <p>(d) Hadid;</p> <p>(e) Manganiż;</p> <p>(f) Riħa;</p> <p>(g) Togħma;</p> <p>(h) Ebusija;</p> <p>(i) Minerali, anjoni/katjoni dissolti fl-ilma:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Borat <math>\text{BO}_3^-</math></li> <li>— Karbonat <math>\text{CO}_3^{2-}</math></li> <li>— Klorur <math>\text{Cl}^-</math></li> <li>— Fluworur <math>\text{F}^-</math></li> <li>— Karbonat tal-idroġenu <math>\text{HCO}_3^-</math></li> <li>— Nitrat <math>\text{NO}_3^-</math></li> <li>— Nitrit <math>\text{NO}_2^-</math></li> <li>— Fosfat <math>\text{PO}_4^{3-}</math></li> <li>— Silikat <math>\text{SiO}_2</math></li> <li>— Sulfat <math>\text{SO}_4^{2-}</math></li> <li>— Sulfur <math>\text{S}_2^-</math></li> <li>— Aluminju <math>\text{Al}</math></li> <li>— Ammonju <math>\text{NH}_4^+</math></li> <li>— Kalċju <math>\text{Ca}</math></li> <li>— Manjeżju <math>\text{Mg}</math></li> <li>— Potassju <math>\text{K}</math></li> <li>— Sodju <math>\text{Na}</math></li> </ul>	<p>(c) Konduttività;</p> <p>(d) Hadid;</p> <p>(e) Manganiż;</p> <p>(f) Riħa;</p> <p>(g) Togħma;</p> <p>(h) Ebusija;</p> <p>(i) Minerali, anjoni/katjoni dissolti fl-ilma:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Borat <math>\text{BO}_3^-</math></li> <li>— Karbonat <math>\text{CO}_3^{2-}</math></li> <li>— Klorur <math>\text{Cl}^-</math></li> <li>— Fluworur <math>\text{F}^-</math></li> <li>— Karbonat tal-idroġenu <math>\text{HCO}_3^-</math></li> <li>— Nitrat <math>\text{NO}_3^-</math></li> <li>— Nitrit <math>\text{NO}_2^-</math></li> <li>— Fosfat <math>\text{PO}_4^{3-}</math></li> <li>— Silikat <math>\text{SiO}_2</math></li> <li>— Sulfat <math>\text{SO}_4^{2-}</math></li> <li>— Sulfur <math>\text{S}_2^-</math></li> <li>— Aluminju <math>\text{Al}</math></li> <li>— Ammonju <math>\text{NH}_4^+</math></li> <li>— Kalċju <math>\text{Ca}</math></li> <li>— Manjeżju <math>\text{Mg}</math></li> <li>— Potassju <math>\text{K}</math></li> <li>— Sodju <math>\text{Na}</math></li> </ul>
<p>Dawk il-valuri parametriċi u komposti kimiċi u mikroelementi mhux ionizzati oħrajn jistgħu jintwerew b'valur ta' referenza u/jew spjegazzjoni;</p>	<p>Dawk il-valuri parametriċi u komposti kimiċi u mikroelementi mhux ionizzati oħrajn jistgħu jintwerew b'valur ta' referenza u/jew spjegazzjoni;</p>
<p>(6) pariri lill-konsumaturi, inkluż dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-ilma;</p>	<p>(6) pariri lill-konsumaturi, inkluż dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-ilma;</p>
<p>(7) għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna, informazzjoni annwali dwar:</p>	<p>(7) għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna, informazzjoni annwali dwar:</p>
<p><b>(a) il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema tal-ilma f'termini ta' effiċjenza, inklużi r-rati ta' tnixxija u l-effiċjenza enerġetika għal kull metru kubu ta' ilma fornit;</b></p>	<p><b>(a) informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-governanza tal-fornitur tal-ilma, inkluża l-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi;</b></p>

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(b) informazzjoni dwar il-ġestjoni u l-governanza tal-fornitur tal-ilma, inkluża l-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi;</p> <p>(c) il-kwantità tal-ilma fornut kull sena, u x-xejriet ta' konsum;</p> <p>(d) informazzjoni dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma, inklużi l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli, li tippreżenta tal-inqas l-ispejjeż relatati mal-użu ta' enerġija għal kull metru kubu ta' ilma fornut, <b>il-miżuri meħuda mill-fornituri tal-ilma għall-valutazzjoni tal-perikli skont l-Artikolu 8(4), it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi, u l-ispejjeż relatati mal-miżuri għall-finijiet tal-Artikolu 13, fejn il-fornituri tal-ilma jkunu hađu miżuri ta' dan it-tip;</b></p> <p>(e) l-ammont tal-investimenti meqjusa bħala meħtieġa mill-fornitur biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tas-servizzi tal-forniment tal-ilma (inklużi l-manutenzjoni tal-infrastruttura) u l-ammont tal-investment li ġie effettivament riċevut jew irkuprat;</p> <p>(f) <b>it-tipi ta' trattament u ta' diżinfekzjoni applikati;</b></p> <p>(g) <b>sommarju u statistika dwar l-ilmenti mill-konsumaturi, u dwar il-puntwalità u l-adegwatezza tar-risponsi għall-problemi;</b></p> <p>(8) aċċess, fuq talba, għal dejta storika b'rabta mal-informazzjoni msemmija fil-punti (2) u (3), li tmur lura għal perjodu ta' sa għaxar snin.</p>	<p>(b) il-kwantità tal-ilma fornut kull sena, u x-xejriet ta' konsum;</p> <p>(c) informazzjoni dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma, inklużi l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli, li tippreżenta tal-inqas l-ispejjeż relatati mal-użu ta' enerġija għal kull metru kubu ta' ilma fornut;</p> <p>(d) l-ammont tal-investimenti meqjusa bħala meħtieġa mill-fornitur biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tas-servizzi tal-forniment tal-ilma (inklużi l-manutenzjoni tal-infrastruttura) u l-ammont tal-investment li ġie effettivament riċevut jew irkuprat;</p> <p>(8) aċċess, fuq talba, għal dejta storika b'rabta mal-informazzjoni msemmija fil-punti (2) u (3), li tmur lura għal perjodu ta' sa għaxar snin.</p>

### Raġuni

Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14 għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna sabiex kull sena jinformat lill-konsumaturi jridu jinkludu kemm l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità tal-ilma għall-konsum mill-bniedem, kif ukoll informazzjoni trasparenti għall-konsumaturi dwar il-kwantità tal-ilma distribwita u l-istrutturi tal-ispejjeż marbutin magħha. Dan għandu jinkludi wkoll l-informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-investment relatati mal-iżgurar tas-servizzi tal-ilma, għax dawn jiddeterminaw l-ispejjeż għall-konsumaturi. Ħtiġijiet ta' informazzjoni ulterjuri m'humiex relatati direttament mas-servizzi tal-ilma għall-konsumaturi. Informazzjoni addizzjonali li tirrigwarda oqsma kritiċi tal-infrastruttura relatati mas-sigurtà pubblika għandha tittieħed inkonsiderazzjoni b'mod xieraq. L-informazzjoni dwar is-servizzi tal-provvista tal-ilma li mhix marbuta mal-kwalità/kwantità tal-ilma fornut jew l-istrutturi tal-ispejjeż neċessarji marbutin miegħu m'għandhomx ikunu provduti lill-konsumaturi. Id-data dwar it-trattament tal-ilma mormi ma jistax jixxebbah mal-użu tal-ilma tax-xorb; jekk isir hekk ikun qarrieqi u jwassal għal mistoqsijiet fost il-konsumaturi. Informazzjoni li hija kkategorizzata b'mod wiesgħa li tirrelata mal-infrastruttura kritika, u għall-abbiltà tas-soċjetà biex tiffunzjona, m'għandhiex issir pubblika, biex jiġu evitati effetti ta' detriment fuq din l-infrastruttura.

## II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

### Kummenti ġenerali

1. jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tar-riformulazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, bil-għan li jiġi żgurat ilma tax-xorb ta' kwalità għolja għall-konsumaturi fl-Istati Membri tal-UE abbażi tal-għarfien attwali xjentifiku u tekniku.
2. jappoġġja l-miri tal-Kummissjoni Ewropea sabiex il-kwalità tal-ilma tax-xorb tiġi protetta minn effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem permezz ta' monitoraġġ kif ukoll sabiex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fid-Direttiva tal-UE. Madankollu, permezz tar-rekwiżiti ta' monitoraġġ, prekawzjoni u azzjoni korrettiva, l-Istati Membri jaqdu rwol importanti fil-livell reġjonali u lokali tagħhom biex jilhqqu u jiżguraw kwalità għolja tal-ilma tax-xorb għall-konsumaturi meħtieġa mid-Direttiva;
3. jilqa' b'mod partikolari l-proposti tal-Kummissjoni bi tweġiba għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Id-Dritt għall-Ilma" li għandhom l-għan li jiżguraw aċċess universali għal ilma tax-xorb nadif u tajjeb għas-saħħa bħala servizz pubbliku essenzjali, b'miżuri speċifiċi biex ittejjeb tali aċċess għal gruppi vulnerabbli u emarġinati
4. huwa tal-opinjoni li rekwiżiti minimi għal standards minimi tal-kwalità u valuri parametriċi marbuta mas-saħħa essenzjali u preventivi huma fundamentali fir-rigward ta' provvista tal-ilma sostenibbli għall-konsum mill-bniedem. Dan minħabba l-fatt li dawn jistabbilixxu l-miri minimi għall-istandards tal-kwalità ambjentali, li huma neċessarji abbażi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas u l-prinċipju ta' prekawzjoni. Mill-perspettiva tal-konsumaturi, il-miżuri li jiżguraw bi prijorità li l-ilma tal-wieċ u tal-art jinżamm nadif f'konformità mal-oġettivi tal-politika ambjentali tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 191(2) tat-TFUE) u b'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma eżistenti, huma l-ewwel pass essenzjali li jrid jiġi supplimentat, fejn meħtieġ, minn miżuri fil-punt tar-rimi;
5. jappoġġja l-fatt li l-kwalità tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb hija marbuta mill-qrib mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, b'mod partikolari l-Artikolu 7. Fil-livell reġjonali u lokali tal-Istati Membri, il-koooperazzjoni tal-awtoritajiet mal-fornituri tal-ilma taqdi rwol essenzjali u ta' sostenn, sabiex jiġu identifikati l-perikli li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb, jiġi evitat il-ħolqien tagħhom u b'hekk dawn ikunu jistgħu jiġu eliminati abbażi ta' miżuri. Dan għandu jiġi appoġġjat bil-għan li l-konsumatur jiġi pprovdut bi kwalità tal-ilma tax-xorb għolja f'mod sostenibbli; Il-Kummissjoni Ewropea tintroduċi analiżi bbażata fuq ir-riskju ta' żoni fejn jinġabar l-ilma, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb u installazzjonijiet interni, bi spazju għall-Istati Membri biex jispeċifikaw aktar dwar dan. Id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet għad trid tiġi ċċarata, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mar-rwol ta' kumpaniji tal-ilma tax-xorb. Dan preferibbilment isir fil-livell tal-Istati Membri, sabiex jitqiesu b'mod xieraq l-oqfsa legali nazzjonali u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.
6. jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea li, sabiex tiġi żgurata kwalità oġhla tal-ilma tax-xorb bħala miżura, l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-evitar ta' effetti negattivi meta mqabbel mad-Direttiva 98/83/KE dwar l-Ilma tax-Xorb għandu jittfassal b'mod aktar komprensiv u effiċjenti. L-istrument ewlieni għall-provvista tal-ilma huwa bbażat fuq il-kunċett tad-WHO "pjan tas-sikurezza tal-ilma" kif ukoll fuq il-prinċipji ġenerali ta' DIN EN 15975-2 Parti 2 għal valutazzjoni tal-perikli tal-korpi tal-ilma, analiżi tar-riskju tal-provvista tal-ilma permezz tal-fornitur tal-ilma kif ukoll valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Valutazzjoni tar-riskju u ġestjoni tar-riskju jippermettu provvista tal-ilma tax-xorb aktar effiċjenti skont il-kundizzjonijiet lokali jew reġjonali u b'hekk jiggarrantixxu kwalità tal-ilma tax-xorb fl-livell oġhla għall-konsumaturi. L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw il-kwalità tal-ilma tax-xorb għall-konsumaturi primarjament fil-livell reġjonali u lokali. Huwa importanti li approċċ ibbażat fuq ir-riskji jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi nazzjonali;
7. jirrikonoxxi li standards ambjentali għoljin u ġestjoni sostenibbli tal-art huma fatturi determinanti ewlenin fuq l-ambjent tal-ilma u l-kwalità tal-ilma tax-xorb. F'dan ir-rigward, il-livelli kollha tal-gvern għandhom ikomplu jappoġġaw attivitajiet relatati mal-użu tal-art ta' dekontaminazzjoni u l-ġlieda kontra t-tniġġis diffuż speċjalment fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija;

8. Sabiex tkun tista' tiġi eżaminata l-kwalità tal-materjali kollha u sustanzi kimiċi li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb – bħall-pajpijiet fin-netwerk ta' distribuzzjoni jew il-faħam pulverizzat użat fil-purifikazzjoni – jinħtieġ qafas regolatorju bi kriterji ta' iġjene u ta' saħħa. Minħabba li ma hemm l-ebda qafas Ewropew, dawn ir-rekwiżiti jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Il-proposta għal Direttiva ma tipprovdi soluzzjoni għan-nuqqas ta' armonizzazzjoni ta' din ir-regolamentazzjoni. Il-Kumitat iqis li huwa importanti li fid-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb jiddaħħal qafas ta' ttestjar sabiex jiggarrantixxi l-kwalità ta' prodotti u materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb, għall-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma tax-xorb.

9. jenfasizza l-importanza tal-analiżi u l-għoti ta' informazzjoni dwar il-progress kif ukoll il-kisbiet fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-periklu u tar-riskju u l-miżuri ta' prevenzjoni. Ir-rapporti li jistgħu jhorġu dwar l-ilma tax-xorb u l-informazzjoni għall-konsumaturi għandhom ikunu mmirati u effettivi, u l-adattar tal-obbligi ta' rappurtar tar-rekwiżiti l-ġodda tad-Direttiva ipjanati mill-Kummissjoni Ewropea għandu jirrifletti dan. Għandu jiġi ċċarat li l-ilma kollu maħsub għall-konsum mill-bniedem għandu jissodisfa l-istandards minimi ta' kwalità għall-ilma tax-xorb skont ir-rekwiżiti u li l-informazzjoni pprovduta taħt id-Direttiva m'għandhiex għalhekk twassal għal kompetizzjoni bejn il-fornituri tal-ilma peress li f'ħafna każijiet il-konsumaturi ma jkunux jistgħu jagħżlu bejn id-diversi fornituri. L-ilma bħala ġid komuni ma jistax jagħti lok għall-kompetizzjoni;

10. Il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi b'suġġetti li huma distinti mill-kwalità tal-ilma tax-xorb, bħal tariffi, telf minħabba tnixxija u l-organizzazzjoni. Il-Kumitat huwa tal-fehma li dan ma jaqax taħt id-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb, li tiffoka fuq il-kwalità tal-ilma u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimlew l-informazzjoni dwar suġġetti oħra huma stess. Informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb għandha – kif qed jiġri bħalissa – tkun kondiviża permezz tas-siti web ta' kumpaniji tal-ilma tax-xorb, biex ikun żgurat li din tkun aġġornata u rilevanti fiż-żona speċifika tal-kunsinna. L-enfasi għalhekk tkun fuq l-għoti ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-kwalità tal-ilma u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

11. jinnota bi tħassib li studju riċenti <sup>(1)</sup> wera li aktar minn 70 % tal-kampjuni tal-ilma tal-vit miġbura fl-Ewropa u aktar minn 80 % miġbura globalment ittestjaw pożittiv għall-preżenza ta' mikroplastik, u jaqbel li l-Kummissjoni Ewropea tintalab tqis il-projbizzjoni tal-mikroplastiks li huma intenzjonalment miżjuda mal-prodotti u li għalihom jeżistu alternattivi vijabbli <sup>(2)</sup>;

12. jappoġġja l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li ttejjeb l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-popolazzjoni Ewropea kollha u li tħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu dan. L-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jagħmel parti mis-servizzi pubbliċi. Filwaqt li l-kompetizzjoni fin-netwerk tal-ilma hija impossibbli għal raġunijiet xjentifiċi u teknoloġiċi, il-konsiderazzjonijiet etiċi jeskludu wkoll din il-kompetizzjoni.

13. Peress li l-għan ewlieni huwa li l-Istati Membri jkun obbligati jadottaw miżuri li jippermettu aċċess liberu għall-ilma tax-xorb u l-użu tiegħu u li jipprovdu fil-postijiet pubbliċi kollha kif ukoll jiżguraw l-aċċess għall-ilma tax-xorb għal gruppi vulnerabbli u emarġinati, f'ċerti każi/pajjiżi dan jista' jqajjem il-kwistjoni li tirrigwarda l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità għax diġà nkiseb ħafna fil-livell nazzjonali/reġjonali/lokali, peress li f'dawn il-livelli diġà hemm biżżejjed regolamentazzjoni. Għaldaqstant, jista' jitqajjem dubju dwar sa liema estent hemm bżonn ta' azzjoni ulterjuri fil-livell tal-UE u sa liema estent jistgħu jintlaħqu kisbiet aħjar fil-livell tal-UE;

### Kummenti speċifiċi

14. jirrimarka li l-provvisti li jipprovdu inqas minn 10 metri kubi kuljum jew li jservu inqas minn 50 persuna, sakemm l-ilma ma jkunx ipprovdut bħala parti minn attività kummerċjali jew pubblika, mhumiex ikkunsidrati fir-regolamenti. Il-konsumaturi ta' dawn il-provvisti għandhom jiġu fornuti bl-istess kwalità tal-ilma tax-xorb u bl-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa ta' din id-Direttiva. Sabiex jiġi evitat livell inqas ta' protezzjoni tas-saħħa, il-Kummissjoni hija mitluba tirregola dawn il-provvisti b'mod proporzjonat u tintroduċi eċċezzjonijiet mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-Istati Membri, jekk ma jkun mistenni l-ebda eċċess ta' dawn il-valuri ta' limitu;

<sup>(1)</sup> Rapport tal-midja ta' Orb ibbażat fuq studji mill-Università ta' Minnesota u State University of New York, Marzu 2018.

<sup>(2)</sup> Itenni s-sejħa tal-abbozz ta' rapport ta' ENVE tal-PE tas-27 ta' Marzu 2018 (2018/2035 (INI))

15. huwa tal-fehma li r-rappurtar u l-frekwenza tal-monitoraġġ għall-produtturi tal-ilma tax-xorb li jipprovdu anqas minn 500 m<sup>3</sup> kuljum għandhom ikunu proporzjonali u effettivi. L-Istati Membri għandhom jingħataw il-possibbiltà li jintroduċu derogi mid-dispożizzjonijiet jekk il-valuri ta' limitu ma jkunux mistennija jew ma jinqabżux.
16. huwa tal-fehma li l-Artikolu 2 għandu jiddefinixxi u jelenka l-parametri kollha tal-provvisti msemmija fid-Direttiva;
17. jemmen li l-linji gwida tad-WHO dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb għandhom jintużaw b'mod uniformi għall-valutazzjoni b'raba mas-saħħa tal-valuri parametriċi. Il-valuri parametriċi huma bbażati fuq data u evidenza xjentifiċi disponibbli, josservaw il-prinċipju ta' prekawzjoni u jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa biex ikun żgurat li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikun jista' jinxtorob mingħajr periklu għas-saħħa;
18. jindika li l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ma tipprovdi definizzjoni għall-kunċett ta' valuri ta' parametraġġ referenzjarju prekawzjonarji. Valutazzjoni fir-rigward tal-linji gwida tad-WHO għall-kwalità tal-ilma tax-xorb mhijiex komprensibbli, u b'hekk dan iwassal għal inċertezzi fost il-konsumaturi dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb u jaffettwa b'mod negattiv l-aċċettazzjoni tal-ilma tax-xorb;
19. jikkritika l-proposta għal Direttiva peress li din tinkludi valuri parametriċi aktar baxxi minn dawk li ġew irrakkomandati mid-WHO. Dan imur kontra l-approċċ għal parametri ulterjuri regolati li fuqhom huma bbażati l-linji gwida tad-WHO. Dan iwassal għal inċertezzi u tħassib fost il-konsumaturi mhux biss dwar il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa sottostanti iżda anke dwar l-importanza tar-rilevanza b'raba mas-saħħa ta' sustanza. Dawn jistgħu jiġu kkomunikati lill-konsumatur b'mod komprensibbli biss sa ċertu punt. Nuqqas ta' fiduċja mill-konsumaturi jista' jwassal biex fil-ġejjieni jiżdied l-użu tal-ilma fi fliexken. Dan imur kontra l-mira tal-proposta għal Direttiva;
20. jenfasizza li hemm tħassib dejjem jikber dwar l-effetti ta' ħsara potenzjali tal-mikroplastiks fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem; filwaqt li hija neċessarja aktar riċerka sabiex tiġi stabbilita n-natura preċiża tal-effetti ta' dawn is-sustanzi, u biex jiġu stabbiliti miżuri ta' kejl affidabbli u effettivi, il-KtR jgħid importanti li l-Istati Membri u l-fornituri tal-ilma jingħataw l-opportunità li jissorveljaw il-preżenza tal-mikroplastiks sa fejn hu possibbli, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja attivitajiet ta' riċerka rilevanti;
21. ma jaqbilx li kull nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi għandu jiġi vvalutat b'mod immedjat bħala periklu skont l-Artikolu 12(3). Pjuttost, il-fattur determinanti għal periklu għas-saħħa huwa l-livell ta' eċċess skont kull każ individwali, u fil-kuntest tal-proporzjonalità, l-approċċ marbut mas-saħħa preventiv tad-WHO jiżgura li, f'każ li l-valuri parametriċi ma jiġux osservati, il-provvista tal-ilma tax-xorb tiġi żgurata temporanjament mingħajr żvantaġġi fuq is-saħħa. Il-prinċipju ta' prekawzjoni huwa parti integrali mid-Direttiva 98/83/KE u fil-ġejjieni, dan se jiġi abbandunat abbażi tal-proposta għal Direttiva. Fil-prattika, jekk il-valuri parametriċi ma jiġux osservati, il-fornituri tal-provvista tal-ilma tax-xorb ta' spiss ma jkunux f'pożizzjoni li jipprovdu tali miżuri, li huma effettivi b'mod immedjat fl-intier tagħhom, jew inkella ma jkunux jistgħu jagħmlu disponibbli provvisti alternattivi b'mod immedjat. Il-konsumaturi jistgħu jivvalutaw il-kwalità tal-ilma tax-xorb bħala waħda negattiva, u n-nuqqas ta' fiduċja jista' jirriżulta f'żieda fil-konsum tal-ilma fi fliexken. Dan imur kontra l-miri stabbiliti fil-proposta għal Direttiva. Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea hija mitluba terġa' tintroduċi l-Artikolu 9 eżistenti "Derogi" mid-Direttiva 98/83/KE;
22. fid-dawl tan-nuqqas ta' informazzjoni Ewropea u nazzjonali dwar il-monitoraġġ tal-livelli ta' asbestos fl-ilma tax-xorb għall-pubbliku, il-parametri tal-indikaturi fl-Anness I għandhom jiġu adottati f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni preventiva tas-saħħa. Il-parametri u l-valuri parametriċi speċifiċi għat-tagħmir u tekniċi huma stabbiliti hawnhekk, u dawn jistgħu jipprevjenu rilaxx possibbli ta' fibri tal-asbestos bħala riżultat ta' ilma b'effett korrużiv. Dan għandu jkun akkumpanjat minn inċentivi mmirati biex il-pajpijiet magħmulin mis-siment-asbestos jiġu sostitwiti b'materjal ieħor addattat, minħabba l-importanza kritika tagħhom f'każ ta' ċedimenti tal-art ikkawżati minn attività sismika jew ta' natura oħra.
23. ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jitneħħew il-parametri indikaturi mill-Anness I u jitlob sabiex il-parametri indikaturi elenkati fil-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE jergħu jiġu stabbiliti fl-Anness I tal-proposta b'valuri parametriċi. Il-parametri indikaturi jistabbilixxu rekwiżiti iġeniċi għall-kwalità tal-ilma tax-xorb fir-rigward tar-riħa u t-togħma u l-metodi tal-ipproċessar. In-nuqqas ta' konformità mal-parametri indikaturi għandu jkollha l-effett fuq il-kwalità tal-ilma u l-aċċettazzjoni mill-konsumaturi, filwaqt li, min-naħa l-oħra, dan jista' jirriżulta f'żieda tal-konsum tal-ilma fi fliexken. Dan imur kontra l-miri stabbiliti fil-proposta għal Direttiva.



24. ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jiġu regolati rekwiżiti futuri għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb fir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (UE) Nru 305/2011. Minbarra l-prodotti għall-bini, materjali oħra użati jistgħu jirrilaxxaw sustanzi fl-ilma. Dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-kwalità tal-ilma kif ukoll tnaqqis fil-livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa għall-konsumatur. S'issa, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 m'għandux l-armonizzazzjoni meħtieġa tar-rekwiżit bażiku tal-iġjene u s-saħħa (Anness I Numru 3e) għall-materjali u l-prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb. S'issa għad m'hemm l-ebda standard armonizzat fir-rigward tal-kriterji għall-valutazzjoni u l-kontenut tal-eżiti għal rekwiżiti rilevanti għas-saħħa, u dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni dwar dan ma jistgħux jiġu żviluppati u identifikati għall-manifatturi. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' prodotti għall-bini b'marka CE li jitqiegħdu fis-suq, mhuwiex possibbli li jiġi ddeterminat jekk id-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni (pereżempju dwar is-saħħa mekkanika) tkoprix il-fatt li, bħala konsegwenza tal-migrazzjoni ta' sustanzi kimiċi fl-ilma tax-xorb, m'hemmx periklu għas-saħħa tal-bniedem.

25. jappoġġja l-fatt li, fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb, il-materjali u l-prodotti kollha li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb għandhom jiġu kkontrollati u rregolati abbażi tar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-UE dwar l-ilma tax-xorb, filwaqt li jitqiesu l-obbligi ta' minimizzazzjoni u l-prinċipju ta' prekawzjoni. Dan jiżgura li l-livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-kwalità tal-ilma tax-xorb ma jonqosx. Madankollu, informazzjoni vverifikata dwar il-migrazzjoni ta' sustanzi b'rabta mal-prodotti fl-ilma tax-xorb hija disponibbli fis-Sistema ta' 4 Stati Membri (4MS), li ttiprovdi bażi ppruvata u nnotifikata għall-introduzzjoni ta' skema armonizzata ta' ttestjar u valutazzjoni għall-materjali u l-prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

Brussell, is-16 ta' Mejju 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali**

(2018/C 361/09)

<b>Relatur:</b>	Mauro D'ATTIS (IT/PPE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Roccafortita (Messina)
<b>Dokument ta' referenza:</b>	Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/73/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali
	COM(2017) 660 final

**I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

**Emenda 1**

Premessa (3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Din id-Direttiva għandha l-għan li tindirizza l-ostakli li fadal għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali li jirriżultaw min-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq tal-Unjoni lill-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi. L-emendi introdotti minn din id-Direttiva se jiżguraw li r-regoli applikabbli għall-pipelines tat-trażmissjoni tal-gass li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew aktar, ikunu applikabbli wkoll għall-pipelines lejn u minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. Dan jistabbilixxi l-konsistenza tal-qafas legali fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-enerġija fl-Unjoni. Se jsahha ukoll it-trasparenza u jipprovdi ċertezza legali rigward ir-reġim legali applikabbli għall-parteċipanti fis-suq, b'mod partikolari l-investituri fl-infrastruttura tal-gass u l-utenti tan-netwerk.</p>	<p>Din id-Direttiva għandha l-għan li tindirizza l-ostakli <b>possibbli</b> li fadal għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali li jirriżultaw min-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq tal-Unjoni lill-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi. L-emendi introdotti minn din id-Direttiva se jiżguraw li r-regoli applikabbli għall-pipelines tat-trażmissjoni tal-gass li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew aktar, ikunu applikabbli wkoll għall-pipelines lejn u minn pajjiżi terzi fl-Unjoni, <b>inklużi l-ibħra territorjali u ż-żoni ekonomiċi esklussivi tal-Istati Membri</b>. Dan jistabbilixxi l-konsistenza tal-qafas legali fi ħdan l-Unjoni, filwaqt li jevita d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern tal-enerġija fl-Unjoni. Se jsahha ukoll it-trasparenza u jipprovdi ċertezza legali rigward ir-reġim legali applikabbli għall-parteċipanti fis-suq, b'mod partikolari l-investituri fl-infrastruttura tal-gass u l-utenti tan-netwerk.</p>

**Raġuni**

Il-Kumitat tar-Reġjuni jqis li, skont il-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u fid-dawl tal-għan ġenerali tal-UE għas-sigurtà fil-provvista tal-gass, l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Tielet Direttiva m'għandhiex tkun limitata għal każijiet fejn din tkun meqjusa bħala strettament meħtieġa.

**Emenda 2**

Premessa (4)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Biex jittieħed kont tan-nuqqas preċedenti ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/73/KE għal tali pipelines li jkunu tlestew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. <b>Jenħtieġ li d-data rilevanti għall-applikazzjoni ta' mudelli ta' separazzjoni li mhumiex separazzjoni tas-sjeda (ownership unbundling) tiġi adattata għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi.</b>	Biex jittieħed kont tan-nuqqas preċedenti ta' regoli speċifiċi tal-Unjoni applikabbli għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu derogi minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/73/KE għal tali pipelines li jkunu tlestew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. <b>Kwalunkwe deroga bħal din għandha tkun approvata mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li d-data rilevanti għall-applikazzjoni ta' mudelli ta' separazzjoni li mhumiex separazzjoni tas-sjeda (ownership unbundling) tiġi adattata għall-pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi.</b>

**Raġuni**

Evidenti.

**Emenda 3**

Artikolu 1

Punt 1

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
(1) fl-Artikolu 2, il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej: “(17) ‘interkonnettur’ tfisser linja ta' trażmissjoni li taqsam jew tifrex fuq il-fruntiera bejn Stati Membri jew bejn Stati Membri u <b>pajjiżi terzi sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;</b> ”	(1) fl-Artikolu 2, il-punt (17) huwa sostitwit b'dan li ġej: “(17) ‘interkonnettur’ tfisser linja ta' trażmissjoni li taqsam jew tifrex fuq il-fruntiera bejn Stati Membri jew – <b>esklussivament fejn il-kapaċità teknika kostanti ta' kuljum fi ħdan is-sett globali tal-infrastrutturi eżistenti li jgħaqqdu l-Unjoni Ewropea mal-pajjiż terz li minnu toriġina l-infrastruttura rilevanti (ikkompletata wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva), kif iċċertifikat mill-Aġenzija, diġà (jew b'mod konġunt ma' dik tal-infrastruttura rilevanti ġdida) taqbeż l-40 % tal-kapaċità ta' kuljum teknika kostanti ta' kuljum tal-infrastrutturi (inklużi terminals tal-LNG fl-Unjoni Ewropea) li jgħaqqdu l-Unjoni Ewropea jew grupp ta' riskju rilevanti kif definit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1938 ma' pajjiżi terzi, kif iċċertifikat mill-Aġenzija – bejn Stati Membri u pajjiż terz</b> ”

**Raġuni**

Skont il-premessa (3). 40 % huwa l-livell limitu applikat normalment, skont il-prattika tal-Kummissjoni kif ikkonfermat mill-Qrati Ewropej, sabiex tassumi pożizzjoni dominanti (tali preżunzjoni tkun konfutabbli). Barra minn hekk, dan l-approċċ jirrispetta wkoll aktar l-Artikoli 194(2), it-tieni paragrafu, u 3(2) tat-TFUE, fid-dawl tal-kompetenzi differenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija, u l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-gruppi ta' riskju definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1938 jibqgħu l-qalba tas-sistema tas-sigurtà tal-forniment tal-gass fl-UE peress li huma ddisinjati biex jindirizzaw riskji transnazzjonali maġġuri. B'mod partikolari, żewġ gruppi ta' riskju (l-Ukrajna u l-Belarus) jistgħu jiġu affettwati mill-proġett Nord Stream.

**Emenda 4**

## Artikolu 1

## Punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(4) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej: (a) fil-paragrafu 3, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja: “Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru u ta’ pajjiż terz wieħed (jew aktar), l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi qabel ma tadotta deċiżjoni.”; (b) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja: “Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun ukoll taħt il-ġurisdizzjoni ta’ pajjiż terz wieħed jew aktar, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi qabel ma jadottaw deċiżjoni bl-għan li jiġi żgurat, fir-rigward tal-infrastruttura kkonċernata, li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jiġu applikati b’mod konsistenti sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni.”;</p>	<p>(4) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej: (a) <b>fil-paragrafu 1, l-ittra (a) tiġi sostitwita kif ġej: “(a) l-investment għandu jtejjeb il-kompetizzjoni fil-fornitura tal-gass u jtejjeb is-sigurtà tal-fornitura, billi fil-każ tal-infrastrutturi minn u lejn pajjiżi terzi jittieħdu inkonsiderazzjoni wkoll l-istruttura tal-offerta rilevanti u l-aċċess għall-pipelines ta’ importazzjoni/espportazzjoni f’dawn il-pajjiżi terzi”;</b> (b) fil-paragrafu 3, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja: “Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru u ta’ pajjiż terz wieħed (jew aktar), l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi qabel ma tadotta deċiżjoni.”; (c) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, tiżdied it-tieni sentenza li ġejja: “Fejn l-infrastruttura kkonċernata tkun ukoll taħt il-ġurisdizzjoni ta’ pajjiż terz wieħed jew aktar, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi qabel ma jadottaw deċiżjoni bl-għan li jiġi żgurat, fir-rigward tal-infrastruttura kkonċernata, li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jiġu applikati b’mod konsistenti sal-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni.”;</p>

**Raġuni**

Din l-emenda għandha l-għan li tippermetti kunsiderazzjoni aħjar u aktar fid-dettall – waqt l-evalwazzjoni tal-possibilità ta’ ħruġ ta’ eżenzjoni – anke tal-fatturi (ta’ komodità/kapaċità) barra l-pajjiż li huma rilevanti għal skrutinju taħt l-Artikolu 36 tal-infrastrutturi tal-importazzjoni/espportazzjoni, jiġifieri, l-eżistenza ta’ pożizzjoni dominanti fil-livell ta’ forniment/trasport.

**Emenda 5****Artikolu 1****Punt 7**

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>(7) fl-Artikolu 49, jiżdied il-paragrafu 9 li ġej: “Fir-rigward ta’ pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi lesti qabel [PO: date of entry into force of this Directive], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mill-Artikoli 9, 10, 11 u 32 u mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) għat-taqsimiet ta’ tali pipelines bejn il-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni u l-ewwel punt ta’ interkonnessjoni, bil-kundizzjoni li d-deroga ma tkunx ta’ ħsara għall-kompetizzjoni jew għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali fl-Unjoni, jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni. Id-deroga għandha tkun limitata fiż-żmien u tista’ tkun suġġetta għal kundizzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi ta’ hawn fuq. Fejn il-pipeline tal-gass ikkonċernat ikun jinsab fil-ġurisdizzjoni ta’ iktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru li l-ewwel punt ta’ interkonnessjoni jkun fil-ġurisdizzjoni tiegħu għandu jiddeċiedi fuq deroga għall-pipeline. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw kwalunkwe deċizzjoni dwar deroga skont dan il-paragrafu fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva.”</p>	<p>(7) fl-Artikolu 49, jiżdied il-paragrafu 9 li ġej: “Fir-rigward ta’ pipelines tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi lesti qabel [PO: date of entry into force of this Directive], l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mill-Artikoli 9, 10, 11 u 32 u mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) għat-taqsimiet ta’ tali pipelines bejn il-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tal-Unjoni u l-ewwel punt ta’ interkonnessjoni, bil-kundizzjoni li d-deroga ma tkunx ta’ ħsara għall-kompetizzjoni jew għall-funzjonament effettiv tas-suq intern tal-gass naturali fl-Unjoni, jew għas-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni. Id-deroga għandha tkun limitata fiż-żmien, <b>għandha tiegħi applikazzjoni sa mhux aktar tard minn ... [3 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva emendatorja]</b> u <b>għandha</b> tkun suġġetta għal kundizzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi ta’ hawn fuq. Fejn il-pipeline tal-gass ikkonċernat ikun jinsab fil-ġurisdizzjoni ta’ iktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru li l-ewwel punt ta’ interkonnessjoni jkun fil-ġurisdizzjoni tiegħu għandu jiddeċiedi fuq deroga għall-pipeline. <b>Id-deċizzjoni għandha tiġi notifikata mingħajr dewmien, mill-awtorità kompetenti lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha rigward id-deċizzjoni.</b> Fi żmien perjodu ta’ xahrejn min-notifika, il-Kummissjoni tista’ tiegħu deċizzjoni li tesiġi li l-Istat Membru jemenda jew jirtira d-deċizzjoni li jagħti deroga. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw kwalunkwe deċizzjoni dwar deroga skont dan il-paragrafu fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva.”</p>

**Raġuni**

Minħabba skopijiet ta’ sigurtà legali, huwa importanti li tkun stabbilita skadenza ċara għad-derogi.

**II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA’ POLITIKA****IL-KUMMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI****Kummenti ġenerali**

1. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali f’ħafna każijiet għandhom kompetenzi ewlenin biex jipprovdu u/jew jiddistribwixxu l-enerġija, fl-ippjanar u l-protezzjoni ambjentali, fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u bħala interlokutori għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-provvista tal-enerġija;

2. jinnota li d-disponibbiltà ta’ kwantitajiet adegwati ta’ gass naturali bi prezzijiet raġonevoli minn fornituri affidabbli permezz ta’ infrastrutturi ta’ importazzjoni moderni, sikuri u reżiljenti hija l-bażi ta’ livelli ta’ għajxien sostenibbli għall-komunitajiet lokali u reġjonali, kif ukoll riżorsa fundamentali għall-attivitajiet ta’ negozju li jikkontribwixxu għall-garanzija tax-xogħol u d-dinjità għall-komponenti ta’ għajxien u li l-Unjoni Ewropea hija impenjata li tnaqqas l-emissjonijiet ta’ gass serra għal 80-95 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2050 f’konformità mal-oġġettivi tal-politika tal-UE <sup>(1)</sup>;

<sup>(1)</sup> Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050 (COM(2011) 885 final).

3. ifakkar kif il-ħtieġa tal-UE għall-gass naturali impurtat ser tkompli tiżdied fis-snin li ġejjin, bl-istennija, minn naħa, ta' żieda fid-domanda interna u, min-naħa l-oħra, tat-tnaqqis relattiv fil-produzzjoni tal-UE; jenfasizza li proġetti ta' infrastruttura li jipprovdu aċċess lil fornitur uniku għal 40 % tal-kapaċità ta' importazzjoni tal-UE jew grupp ta' riskju relevanti kif definit f'Anness I tar-Regolament (UE) 2017/1938 qed ikun ta' theddida għas-sigurtà tal-enerġija u l-iżvilupp tas-suq intern. Sabiex jittaffew ir-riskji hemm il-ħtieġa ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Gass, b'mod partikolari fl-aċċess għal partijiet terzi, is-separazzjoni u tariffi trasparenti, mhux diskriminatorji u li jkunu jirriflettu l-ispiża.
4. jenfasizza li l-proċess ta' żvilupp tas-suq intern tal-gass naturali fl-UE huwa kontinwu u jiddependi fuq għażliet li għandhom itejbu l-likwidità tas-swieq tal-komoditajiet u għad-diversifikazzjoni tal-provvisti, kif ukoll l-iżvilupp tal-kapaċità ta' importazzjoni, sabiex, fost l-oħrajn, biex jitnaqqsu l-prezzijiet tal-gass għall-persuni li jgħixu f'komunitajiet lokali u reġjonali fl-UE;
5. josserva li s-suq tal-gass naturali huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' interdipendenza bejn is-suq tal-komodità u dak tal-kapaċità relatata. F'dawn iż-żewġ swieq tapplika l-istess domanda, dik tat-trasportaturi tal-merkanzija, li jassiguraw il-konnessjoni bejn is-sorsi tal-komodità (depożiti fl-UE jew barra mill-UE u terminali ta' likwefazzjoni tal-Gass Naturali Likwifikat, LNG) u d-domanda relattiva lokali tal-UE;
6. jinsisti, għalhekk li regolamenti ġodda (meta jitqiesu l-karatteristiċi tas-suq, b'rabta mal-iżvilupp tal-infrastrutturi relattivi f'Unjoni tal-enerġija mmirata lejn enerġija sikura, kompetittiva u sostenibbli (Ewropa b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonu fl-2050) ibbażata fuq il-prinċipju tas-suq liberu u l-prinċipju ta' solidarjetà) għandhom jitqiesu bir-reqqa u mhux f'perspettiva ta' kontinġenza, iżda fit-tul;
7. jippreċiża li dan huwa ferm aktar meħtieġ fid-dawl tal-impatt f'termini ta' investiment u inizjattivi industrijali fuq il-komunitajiet lokali u reġjonali fejn il-pipelines minn pajjiżi terzi jaslu fit-territorju tal-UE;
8. jirrimarka li filwaqt li pipelines taħt il-baħar huma soġġetti għal regoli stretti tal-UE u regoli ambjentali internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni Espoo, u r-rata ta' inċidenti għall-infrastruttura tal-gass naturali – meta mqabbla ma' infrastrutturi oħrajn tal-enerġija – hija partikolarment baxxa, jista' jkun hemm impatt ambjentali fuq il-komunitajiet lokali u reġjonali;

### Rakkomandazzjonijiet speċifiċi

9. jindika li biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' hawn fuq f'dawn il-kundizzjonijiet, l-UE għandha bżonn: (i) tal-gass mhux tal-UE (dak tal-fornituri attwali u, 'il quddiem, dak ta' fornituri potenzjali, li għandha tkun imħeġġa l-konnessjoni magħhom), u (ii) tan-nuqqas ta' dipendenza minn pajjiżi/produtturi speċifiċi, billi, b'hal kull inizjattiva leġiżlattiva, għandhom jitqiesu ż-żewġ limitazzjonijiet;
10. Itenni<sup>(2)</sup> l-fehma tiegħu li proġetti ġodda tal-enerġija fl-Ewropa għandhom jiffukaw fuq id-diversifikazzjoni tal-enerġija u m'għandhomx idgħajfu l-istatus tal-pajjiżi ta' tranżitu, inklużi l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;
11. jirrikonoxxi li xi inizjattivi infrastrutturali reċenti għall-importazzjoni tal-gass naturali, partikolarment Nord Stream 2, filwaqt li jikkontribwixxu għaż-żieda fir-rotot tal-provvista, jistgħu jikkostitwixxu problema għas-sigurtà tal-forniment ta' xi Stati Membri oħra u b'mod partikolari f'ċerti komunitajiet lokali u reġjonali; u jirrimarka li dawn il-problemi jeħtieġ li jingħataw risposta abbażi tal-prinċipji tas-solidarjetà, is-suq intern fil-livelli tal-UE u dak reġjonali kif ukoll l-evalwazzjoni tar-riskju, kemm f'termini ta' sigurtà tal-provvista kif ukoll tas-sigurtà tal-istallazzjonijiet infushom soġġetti għar-regoli adegwati tal-UE;
12. ifakkar kif, b'mod partikolari, kien hemm il-biża' f'dan ir-rigward dwar it-tiħiħ tal-pożizzjoni dominanti ta' xi fornituri ta' gass naturali mhux mill-UE, bid-distorsjonijiet konsegwenti tal-prezz u t-theddida li inizjattivi b'hal Nord Stream 2 jistgħu jkollhom għad-diversifikazzjoni meħtieġa tas-sorsi tal-enerġija mhux mill-UE tal-Unjoni;
13. għalhekk japprezza l-inizjattiva leġiżlattiva inkwistjoni mibdija mill-Kummissjoni, anke jekk jinnotta l-importanza tal-analiżi tal-impatt meħtieġa, skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>(3)</sup>;

<sup>(2)</sup> CIVEX-VI/011

<sup>(3)</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

14. jispeċifika kif tweġibiet għal din il-kwistjoni għandhom dejjem jitqiesu fl-interess ġenerali tal-UE u l-istabbiliment tal-Enerġija tal-Unjoni, li jibqa' suprem għall-Istati Membri kollha, kif ukoll bir-rispett neċessarju, apparti dak tal-prinċipju tas-solidarjetà, anki ta' dawk tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà, fejn, fil-każ ta' dan tal-aħħar, is-Senat ta' Stat Membru wieħed qies li ġie mhedded f'dan il-każ;
15. jirrimarka kif, f'din il-prospettiva titqies ir-rabta msemmija hawn fuq ta' bejn il-kapaċità (infrastrutturi ta' importazzjoni) u komoditajiet (gass naturali), hemm il-hteġa li tingħata preċedenza għal soluzzjonijiet li jevitaw li jiskoraġġixxu l-investimenti fi strutturi ġodda ta' importazzjoni (pereżempju, dawk offshore mil-Lvant Nofsani lejn il-Greċja, li jistgħu jikkontribwixxu biex jidiversifikaw is-sorsi ta' forniment għall-Istati Membri fix-Xlokk tal-Ewropa) jew li jżidu d-diffikultà fil-ġestjoni ta' dawk eżistenti, għax dan jista' jkollu l-effett paradossali, bi tnaqqis fl-opportunitajiet ta' importazzjoni li jwassal biex l-UE tkun aktar dipendenti mill-fornituri attwali;
16. jirrimarka li l-adozzjoni ta' approċċ kif deskritt hawn fuq li ma jiskoraġġixxix investimenti ġodda u ma jpoġġix piż addizzjonali eċċessiv fuq il-ġestjoni tal-infrastruttura tal-importazzjoni eżistenti jista' jgħin biex itaffi tħassib dwar l-impatt possibbli negattivi u mhux intenzjonati, tad-Direttiva proposta fuq is-suq u fuq l-operaturi, kif imqajma matul il-konsultazzjoni mnedija mill-Kummissjoni;
17. ifakkar, b'mod partikolari, il-fatt li organizzazzjoni tal-partijiet interessati bħall-assoċjazzjoni Eurogas ilmentat dwar: (i) l-impatt tal-effetti retroattivi tal-proposta fuq is-sigurtà tal-investimenti diġà implimentati (b'rabta ma' qafas legali u ma' orizzont temporali li għandhom ikunu modifikati ex post) fl-infrastrutturi eżistenti u fuq l-aspettattivi leġittimi tal-investituri; (ii) id-diffikultà ġuridika (abbażi tad-dritt nazzjonali) u politika biex ikunu negozjati mill-ġdid il-Ftehimiet Intergovernattivi relattivi eżistenti ma' Stati terzi mingħajr il-qbil tagħhom; u (iii) il-perikli msemmijin hawn fuq u d-diffikultajiet fir-rigward tal-pipelines il-ġodda li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà futura tal-fornimenti fl-UE;
18. fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u b'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tas-solidarjetà fl-unità indistingwibbli tagħhom, jipproponi emendi li: (i) jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-UE jevitaw jew isolvu problemi li ċerti Stati Membri jistgħu jiffaċċjaw minħabba inizjattivi infrastrutturali minn Stati Membri oħra li jista' jkollhom l-effett ta' tisħiħ ta' pożizzjonijiet dominanti jew ta' tnaqqis tad-diversifikazzjoni ta' sorsi tal-enerġija al-UE minn pajjiżi terzi t skont il-punt 10 hawn fuq; (ii) jipproteġu lill-UE b'mod ġenerali mir-riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-UE; u (iii) tiġi żgurata l-konformità mal-qafas legali attwali għall-UE u obbligi internazzjonali;
19. jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-ambitu estiż tad-Direttiva proposta għall-ibħra territorjali, biex tiżgura l-konformità neċessarja mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar konkluża f'Montego Bay (UNCLOS), u għaldaqstant jaġġusta dan l-ambitu estiż kif meħtieġ;
20. jirrimarka li l-approċċ imsemmi hawn fuq jippermetti li jintlaħaq ftehim favur ir-rikonċiljazzjoni tar-reazzjonijiet politiċi neċessarji flimkien mal-konformità meħtieġa mar-restrizzjonijiet legali tal-liġi tal-UE u ta' liġijiet internazzjonali (UNCLOS, WTO, regoli dwar il-protezzjoni tal-investment) dwar il-moviment tal-kapital;
21. jenfasizza l-isforz li l-KtR – fil-qadi tar-rwol f'dan il-qasam – għandu l-intenzjoni li jagħmel sabiex isib soluzzjonijiet komunitarji għall-problemi deskritti hawnhekk, u jispera li l-istess sforzi ser isiru minn istituzzjonijiet oħrajn tal-UE u jitlobhom jadottaw l-emendi.

Brussell, is-16 ta' Mejju 2018.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*  
Karl-Heinz LAMBERTZ











ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**